Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0136 (COD)**

**10363/17**
**ADD 1**

**EF 129**
**ECOFIN 544**
**SURE 21**
**CODEC 1070**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 15 ta' Lulju 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 331 final ANNEX 1 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 331 final ANNEX 1.

---

Mehmuż: COM(2017) 331 final ANNEX 1

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 13.6.2017
COM(2017) 331 final

2017/0136 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 246 final}
{SWD(2017) 247 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-kuntratti tad-derivattivi huma għodda importanti biex il-banek u n-negozji jkunu jistgħu jimmaniġġjaw ir-riskji tagħhom, sew ikunux relatati mat-tibdil fir-rati tal-imgħax, il-fluttwazzjonijiet fil-muniti jew l-inadempjenza ta' kontroparti tan-negozju. Madankollu, swieq tad-derivattivi opaki servew ukoll bħala mezz ta' kontaġju. Għaldaqstant, hemm bżonn li s-swieq tad-derivattivi jiġu rregolati u sorveljati effettivament biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja.

Minħabba n-natura globali tas-swieq tad-derivattivi u f'konformità mal-ftehim li sar f'Pittsburgh mill-G20 fl-2009[1] biex jitnaqqas ir-riskju sistemiku marbut mal-użu estensiv ta' derivattivi, fl-2012 l-UE adottat ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (European Market Infrastructure Regulation, EMIR).[2] Bħala pilastru ewlieni tal-EMIR, il-kuntratti standardizzati ta' derivattivi barra l-Borża (over-the-counter, OTC) iridu jiġu kklerjati permezz ta' Kontroparti Ċentrali (Central Counterparty, CCP). CCP hija infrastruttura tas-suq li tnaqqas ir-riskju sistemiku u li ssaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja billi toqgħod bejn iż-żewġ kontropartijiet f'kuntratt tad-derivattivi (jiġifieri taġixxi ta' xerrej għall-bejjiegħ u ta' bejjiegħ għax-xerrej tar-riskju) u b'hekk tnaqqas ir-riskju għat-tnejn li huma. L-EMIR daħħal ukoll rekwiżiti stretti prudenzjali, organizzazzjonali u dwar l-imġiba fin-negozju għas-CCPs u stipula arranġamenti għas-superviżjoni prudenzjali tagħhom sabiex jiġi minimizzat kull riskju għall-utenti ta' CCP u jirfdu l-istabbiltà sistemika.

Mindu ġie adottat l-EMIR fl-2012, l-ikklerjar ċentrali qiegħed jespandi b'mod sinifikanti, u s-CCPs bdew isiru iktar ikkonċentrati u integrati madwar l-UE u ma' pajjiżi terzi.

Din il-proposta tiżgura li l-arranġamenti superviżorji jlaħħqu ma' dawn l-iżviluppi. Qiegħed jiġi propost li l-UE tgħammar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tagħha b'sistema superviżorja għas-CCPs aktar effettiva u konsistenti, fl-interess li jkun hemm iktar integrazzjoni tas-swieq, stabbiltà finanzjarja u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

***Mindu ġie adottat l-EMIR, l-importanza tas-CCPs kibret, u dawn se jkomplu jespandu fis-snin li ġejjin***

Fil-ħames snin mindu ġie adottat l-EMIR, il-volum ta' attività tas-CCPs – fl-UE u globalment – kiber rapidament, kemm fid-daqs kif ukoll fl-ambitu. Dan huwa sinjal li l-leġiżlazzjoni taħdem u qiegħda taqdi l-iskop tagħha.

Fi tmiem Ġunju 2016, madwar 62 % tal-valur globali tal-kuntratti u l-klassijiet tal-assi tad-derivattivi OTC (rati tal-imgħax, inadempjenza tal-kreditu, muniti barranin, eċċ.), jiġifieri

---

1 http://www.g20.utoronto.ca/2009/2009communique0925.html

2 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet. Disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:02012R0648-20170103&qid=1492599335405&from=MT

daqs USD 337 triljun ġew ikklerjati ċentralment minn CCPs[3]. Madwar 97 % (USD 328 triljun) tal-kuntratti tad-derivattivi kklerjati ċentralment huma derivattivi tar-rata tal-imgħax.

Fi tmiem l-2015, madwar 60 % tad-derivattivi OTC fuq ir-rati tal-imgħax kollha ġew ikklerjati ċentralment, filwaqt li ċ-ċifra korrispondenti fi tmiem l-2009 kienet ta' 36 %[4]. L-ikklerjar ċentrali żied fl-importanza b'mod simili fis-suq tad-derivattivi ta' kreditu (l-hekk imsejħa CDS), bil-proporzjon ta' CDSs ikklerjati permezz tas-CCPs jiżdied b'mod stabbli mindu dawn iċ-ċifri ġew irrapportati l-ewwel, jiġifieri 37 % fi tmiem Ġunju 2016 meta l-figura korrispondenti fi tmiem Ġunju 2010 kienet ta' 10 %[5].

Ir-rwol tas-CCPs, li qiegħed jikber rapidament, fis-sistema finanzjarja globali mhux biss jirrifletti l-introduzzjoni tal-obbligi tal-ikklerjar ċentrali fi klassijiet tal-assi differenti[6], iżda wkoll l-użu volontarju ikbar tal-ikklerjar ċentrali hi u tikber il-kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-ikklerjar ċentrali fost l-operaturi tas-suq (l-obbligi tal-ikklerjar bdew japplikaw biss minn Ġunju 2016 'l hawn)[7]. L-EMIR jirrikjedi li ċerti derivattivi tar-rata tal-imgħax u CDSs ikunu kklerjati ċentralment, konformi ma rekwiżiti simili f'pajjiżi oħra tal-G20[8]. Ir-regoli dwar il-kapital tal-banek inbidlu biex jinċentivizzaw l-ikklerjar ċentrali u jagħmlu l-ikklerjar bilaterali għażla ogħla f'termini relattivi[9], filwaqt li t-tranżazzjonijiet bilaterali saru soġġetti għal rekwiżiti ta' kollateral addizzjonali sa minn Marzu 2017[10].

L-espansjoni fl-attività tas-CCPs hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin. Huwa probabbli li jkun hemm obbligi tal-ikklerjar mandatorji għal aktar klassijiet ta' assi[11] u l-inċentivi biex jiġu mmitigati r-riskji u l-kostijiet aktarx li jwasslu għal aktar ikklerjar volontarju. Il-proposta li saret f'Mejju 2017 biex l-EMIR jiġi emendat b'mod iffukat, biex jittejbu l-effettività u l-proporzjonalità tiegħu, se ssaħħaħ din it-tendenza billi toħloq iktar inċentivi għas-CCPs li joffru l-ikklerjar ċentrali ta' derivattivi lill-kontropartijiet[12]. Fl-aħħar, swieq tal-kapital aktar

3 BIS, Pubblikazzjoni ta' statistika, OTC derivatives statistics at end-June 2016, Novembru 2016.

4 Ara http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-3990_en.htm, Novembru 2016.

5 BIS, Pubblikazzjoni ta' statistika, OTC derivatives statistics at end-June 2016, Novembru 2016.

6 FSB, OTC Derivatives Market Reforms, Eleventh progress report on implementation, Awwissu 2016. Ara b'mod partikolari t-Taqsima 3.2.1 dwar l-ikklerjar ċentrali ta' tranżazzjonijiet standardizzati, kif ukoll l-Appendiċijiet C u I għal aktar dettalji.

7 https://www.kfw.de/KfW-Group/Newsroom/Aktuelles/Pressemitteilungen/Pressemitteilungen-Details_407936.html

8 F'konformità mal-EMIR, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS jew ESMA) għandha l-kompitu li tiżviluppa l-istandards tekniċi li jispeċifikaw il-klassi ta' derivattivi OTC li jinħtieġ li jkunu soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. L-AETS iżżomm ukoll reġistru pubbliku dwar l-obbligu tal-ikklerjar. Ara l-paġni 8 sa 10 tar-reġistru pubbliku għal aktar dettalji dwar l-obbligi tal-ikklerjar: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/public_register_for_the_clearing_obligation_under_emir.pdf

9 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-proporzjon ta' ingranaġġ, tal-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, tar-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, tar-riskju tas-suq, tal-iskoperturi għall-kontropartijiet ċentrali, tal-iskoperturi għall-impriżi ta' investiment kollettiv, tal-iskoperturi kbar, tar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

10 Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016, ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9-46.

11 L-AETS analizzat bosta klassijiet tar-rati tal-imgħax, kreditu, ekwità u derivattivi OTC tal-muniti u pproponiet li xi wħud minnhom ikunu soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Kif indikat fit-tabella, l-AETS tista' tikkunsidra iktar obbligi tal-ikklerjar fil-ġejjieni, fosthom pereżempju "Equity Lookalike/Flexible equity derivatives and CFD" u "ForEx Non-deliverable Forward (NDF)"

12 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux

fondi u integrati b'riżultat tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) se jkomplu jżidu l-ħtieġa għal ikklerjar transfruntier fl-UE, u b'hekk l-importanza u l-interkonnetttività tas-CCPs fis-sistema finanzjarja jikbru.

***Ir-rwol li qed jespandi tas-CCPs iqajjem tħassib dwar il-ħtieġa li l-arranġamenti superviżorji skont l-EMIR jiġu aġġornati wkoll fid-dawl tal-istabbiliment ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali***

L-importanza li qed tikber tas-CCPs fis-sistema finanzjarja u l-konċentrazzjoni assoċjata tar-riskju ta' kreditu f'dawn l-infrastrutturi ġibdu l-attenzjoni tal-gvernijiet, ir-regolaturi, is-superviżuri, il-banek ċentrali u l-operaturi fis-suq.

Filwaqt li l-iskala u l-ambitu tat-tranżazzjonijiet ikklerjati ċentralment kibru, l-għadd ta' CCPs baqa' relattivament limitat. Bħalissa hemm 17-il CCP stabbilita fl-UE, u kull waħda minnhom hija awtorizzata skont l-EMIR li toffri s-servizzi tagħha fl-Unjoni, avolja mhux is-CCPs kollha huma awtorizzati li jikklerjaw il-klassijiet kollha tal-assi (pereżempju, hemm biss żewġ (2) CCPs li jikklerjaw id-derivattivi ta' kreditu, u żewġ (2) CCPs biss li jikklerjaw id-derivattivi tal-inflazzjoni [13]).[14] Hemm ukoll 28 CCP minn pajjiżi terzi li ġew rikonoxxuti skont id-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza tal-EMIR, li jippermettulhom joffru s-servizzi tagħhom fl-UE.[15] Għaldaqstant, is-swieq tal-ikklerjar huma integrati mal-UE kollha kemm hi, u huma kkonċentrati ħafna f'ċerti klassijiet ta' assi. Dawn huma interkonnessi ħafna bejniethom.[16]

Filwaqt li aktar ikklerjar permezz ta' CCPs irregolati u sorveljati kif xieraq kollox ma' kollox isaħħaħ l-istabbiltà sistemika, il-konċentrazzjoni tar-riskju twassal biex il-falliment ta' CCP ikun event ta' probabbiltà baxxa iżda b'impatt potenzjalment ta' impatt estremament għoli. Minħabba r-rwol ċentrali tas-CCPs għas-sistema finanzjarja, iż-żieda tal-importanza sistemika tas-CCPs tagħti lok għal tħassib. Is-CCPs infushom saru sors ta' riskju makroprudenzjali minħabba li l-falliment tagħhom jista' joħloq tfixkil sinifikanti fis-sistema finanzjarja u jkollu effetti sistemiċi. Pereżempju, it-terminazzjoni u l-għeluq mingħajr kontroll fuq skala kbira tal-kuntratti kklerjati mis-CCPs jistgħu jwasslu għal stress ta' likwidità u tal-kollateral fis-suq, li joħolqu instabbiltà fis-suq tal-assi sottostanti u s-sistema finanzjarja b'mod usa'. Bħal xi intermedjarji finanzjarji oħrajn, is-CCPs huma potenzalment suxxettibbli għal "runs" (ħarbiet) dovuti għal membri tal-ikklerjar li jitilfu l-fiduċja tas-solvenza ta' CCP. Dan jista' joħloq xokk tal-likwidità għas-CCP hi u tipprova tissodisfa l-obbligi tagħha biex tirritorna l-kollateral prinċipali (jiġifieri l-marġini inizjali). L-impatt ta' falliment ta' CCP minħabba konċentrazzjoni ikbar ta' riskju jkun amplifikat minn interkonnettività ikbar bejn is-CCPs, kemm direttament, kif ukoll indirettament permezz tal-membri (normalment banek globali kbar) u l-klijenti tagħhom.

---

ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet.

[13] Ara ESMA, EU-wide CCP Stress test 2015, 29 April 2016, 2016/658 u l-graff relatat fit-Taqsima 3.1 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta

[14] Tista' tara l-lista sħiħa tas-CCPs stabbiliti fl-Unjoni fit-Tabella 3 fit-Taqsima 2.3 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta.

[15] F'konformità mal-EMIR, l-ESMA (AETS) tipprovdi lista tas-CCPs minn pajjiżi terzi li ġew rikonoxxuti li joffru servizzi u attivitajiet fl-Unjoni. Is-CCPs ta' pajjiżi terzi huma stabbiliti fi 15-il pajjiż kopert mid-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza tas-CCPs adottati mill-Kummissjoni, fosthom l-Awstralja, Hong Kong, Singapore, il-Ġappun, il-Kanada, l-Iżvizzera, il-Korea t'Isfel, l-Afrika t'Isfel u s-CFTC tal-Istati Uniti, il-Brażil, l-Emirati Għarab Magħquda, Dubai International Financial Centre (DIFC), l-Indja u New Zealand.

[16] Ara t-Taqsima 2.3 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta.

B'risposta, u konformi mal-kunsens tal-G20[17], f'Novembru 2016 il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs[18]. L-għan tal-proposta huwa li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikunu mħejjija kif xieraq biex jindirizzaw CCP li qed tfalli, tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja u jiġu llimitati l-ispejjeż għall-kontribwenti. Il-proposta dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs reġgħet xeħtet l-attenzjoni fuq l-arranġamenti superviżorji għas-CCPs tal-UE u minn pajjiżi terzi inklużi fl-EMIR u sa liema punt dawn l-arranġamenti jistgħu jsiru iktar effettivi ħames snin wara li ġie adottat l-EMIR. Din il-proposta bħalissa qed tiġi negozjata fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Dik il-linja ta' ħidma hemm bżonn li tiġi kkoordinata u tkun konsistenti mal-proposta preżenti.

*Arranġamenti superviżorji għal CCPs tal-UE*

Skont l-EMIR, is-CCPs tal-UE huma sorveljanti minn kulleġġi ta' superviżuri nazzjonali, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS), membri relevanti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), u awtoritajiet relevanti oħrajn (pereżempju s-superviżuri tal-ikbar membri tal-ikklerjar, superviżuri ta' ċerti ċentri tan-negozjar u depożitorji ċentrali tat-titoli). Dawn il-kulleġġi jista' jkun fihom sa 20 awtorità membru u jiddependu fuq il-koordinazzjoni mill-awtorità tal-pajjiż tad-domiċilju. Dawn l-arranġamenti jqajmu xi tħassib fid-dawl tal-istat attwali tal-integrazzjoni fis-suq li hemm bżonn li jiġi rifless fl-arranġamenti superviżorji. Dan huwa importanti wkoll biex tiġi avvanzata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

L-ewwel nett, il-konċentrazzjoni li qed tikber ta' servizzi tal-ikklerjar f'għadd limitat ta' CCPs, u ż-żieda konsegwenti fl-attivitajiet transfruntieri, timplika li s-CCPs f'għadd żgħir ta' Stati Membri individwali huma aktar u aktar rilevanti għas-sistema finanzjarja tal-UE kollha kemm hi. Kontra din ix-xejra, l-arranġamenti superviżorji preżenti, li jiddependu l-iktar fuq l-awtorità tal-pajjiż tad-domiċilju (pereżempju, l-awtorità tal-pajjiż tad-domiċilju hija responsabbli fl-aħħar mill-aħħar għal deċiżjonijiet bħall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni ta' arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u interoperabbiltà) hemm bżonn li jiġu rievalwati.

It-tieni, prattiki superviżorji diverġenti għas-CCPs (pereżempju kundizzjonijiet differenti għall-proċessi tal-awtorizzazzjoni jew il-validazzjoni tal-mudelli) madwar l-UE jistgħu joħolqu riskji ta' arbitraġġ regolatorju u superviżorju għas-CCPs u indirettament għall-membri jew il-klijenti tal-ikklerjar tagħhom. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għal dawn ir-riskji emerġenti u għall-ħtieġa għal aktar konverġenza superviżorja fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ta' Settembru 2016[19] u fil-konsultazzjoni pubblika dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)[20], li t-tnejn li huma ssottolinjaw l-isfidi li joħolqu l-prattiki superviżorji differenti.

It-tielet, ir-rwol tal-banek ċentrali – bħala emittenti tal-muniti – mhuwiex rifless kif xieraq fil-kulleġġi tas-CCPs. Filwaqt li l-mandati tal-banek ċentrali u tas-superviżuri jistgħu jikkoinċidu

[17] Fis-summit ta' Cannes f'Novembru 2011, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-G20 approvaw il-"Key Attributes of Effective Resolution Regimes for Financial Institutions" ("Key Attributes", KA) tal-FSB bħala "standard internazzjonali ġdid għar-reġimi ta' riżoluzzjoni". Ara Communiqué G20 Leaders Summit – Cannes – 3-4 Novembru 2011, Taqsima 13.

[18] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365. COM(2016) 856 final.

[19] Komunikazzjoni dwar "L-Istat tal-Unjoni 2016: It-Tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali - il-Kummissjoni taċċellera r-riforma"; 14 ta' Settembru 2016; IP/16/3001.

[20] "Public consultation on the operations of the European Supervisory Authorities"; 21/03/2017 – 16/05/2017.

(b'mod partikolari f'oqsma bħall-interoperabbiltà, il-kontroll tar-riskji ta' likwidità eċċ.) hemm potenzjal għal nuqqas ta' allinjament meta l-azzjonijiet superviżorji jkollhom impatt fuq responsabbiltajiet ewlenin tal-banek ċentrali bħall-istabbiltà fil-prezzijiet, il-politika monetarja, u s-sistemi ta' pagament. F'sitwazzjonijiet ta' kriżi, dawn il-nuqqas ta' allinjamenti jistgħu jamplifikaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jekk id-delegazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet jibqa' ma jkunx ċar.

*Arranġamenti superviżorji għal CCPs ta' pajjiżi terzi*

Illum, għadd sinifikanti ta' strumenti finanzjarji denominati fil-muniti tal-Istati Membri huma kklerjati minn CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti. Pereżempju, l-ammont nozzjonali pendenti fiċ-Chicago Mercantile Exchange (CME) fl-Istati Uniti huwa ta' EUR 1,8 triljun għal derivattivi tar-rata tal-imgħax ddenominati fl-euro, u SEK 348 biljun għal derivattivi tar-rata tal-imgħax denominati fis-SEK. Dan ukoll iqajjem bosta tħassib.

L-ewwel nett, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ekwivalenza u rikonoxximent tal-EMIR uriet ċerti nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni kontinwa. B'mod partikolari, wara li CCP ta' pajjiż terz ikun ġie rikonoxxut, l-AETS ltaqgħet ma' diffikultajiet biex taċċessa l-informazzjoni mis-CCP, biex twettaq spezzjonijiet fuq il-post tas-CCP u biex taqsam l-informazzjoni mar-regolaturi, superviżuri u banek ċentrali rilevanti tal-UE. B'riżultat ta' dan, hemm riskju li l-prattiki u/jew aġġustamenti għal mudelli ta' ġestjoni tar-riskju ta' CCPs ta' pajjiżi terzi ma jiġux identifikati u/jew indirizzati, li jista' jkollha implikazzjonijiet sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja għall-entitajiet tal-UE.

It-tieni, il-potenzjal għal nuqqas ta' allinjamenti bejn l-objettivi superviżorji u tal-banek ċentrali fil-kulleġġi jieħu dimensjoni oħra fil-kuntest ta' CCPs ta' pajjiżi terzi fejn ikunu involuti awtoritajiet mhux tal-UE.

It-tielet, hemm riskju li bidliet għar-regoli u/jew il-qafas regolatorju għas-CCPs f'pajjiż terz jistgħu jaffettwaw l-eżiti regolatorji jew superviżorji negattivament, u jwasslu għal kundizzjonijiet żbilanċjati ta' kompetizzjoni bejn is-CCPs tal-UE u ta' pajjiżi terzi, u jinħoloq lok għal arbitraġġ regolatorju jew superviżorju. Bħalissa ma hemmx mekkaniżmu li jiżgura li l-UE tkun informata awtomatikament b'tali bidliet u li tkun tista' tieħu l-miżuri xierqa.

Tali tħassib aktarx isir iktar sinifikanti fis-snin li ġejjin, għax in-natura globali tas-swieq kapitali twassal biex ir-rwol li għandhom is-CCPs ta' pajjiżi terzi huwa mistenni li jespandi. Barra mit-28 CCP ta' pajjiżi terzi li diġà ġew rikonoxxuti mill-AETS, hemm 12-il CCP ieħor minn 10 ġurisdizzjonijiet li applikaw għar-rikonoxximent[21] u li qed jistennew deċiżjoni min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom.

Barra minn hekk, volum sostanzjali ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi ddenominati f'euro (u tranżazzjonijiet oħrajn soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar tal-UE) bħalissa qiegħed jiġi kklerjat f'CCPs li jinsabu fir-Renju Unit. Meta r-Renju Unit joħroġ mill-UE se jkun hemm għalhekk ċaqliqa distinta fil-proporzjon ta' tali tranżazzjonijiet li jiġu kklerjati f'CCPs barra mill-ġurisdizzjoni tal-UE, li jiggravaw it-tħassib imsemmi qabel. Dan jimplika li hemm sfidi sinifikanti biex tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja fl-UE, li hemm bżonn li jiġu indirizzati.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, fl-4 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar ir-rispons għall-isfidi għal infrastrutturi kritiċi tas-swieq finanzjarji u l-

21 F'konformità mal-lista indikattiva ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li applikaw għar-rikonoxximent tal-ESMA (AETS) skont l-Artikolu 25 tal-EMIR.

iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali[22]. Il-Kummissjoni indikat li se jkun meħtieġ tibdil ulterjuri għall-EMIR biex itejjeb il-qafas preżenti li jiżgura l-istabbiltà finanzjarja u jappoġġa l-iżvilupp u l-approfondiment ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU).

***Il-bżonn li jiġu aġġornati l-arranġamenti superviżorji preżenti***

Waqt li l-qagħda tal-ikklerjar fl-UE tkompli tevolvi, l-arranġamenti għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kriżijiet tas-CCPs għandhom ikunu effettivi kemm jista' jkun. L-EMIR u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs huma passi importanti f'dan ir-rigward. Madankollu, ħames snin wara l-adozzjoni tal-EMIR, id-daqs, il-kumplessità u d-dimensjoni transfruntiera dejjem jikbru tal-ikklerjar fl-UE u globalment enfasizzaw nuqqasijiet fl-arranġamenti superviżorji tas-CCPs tal-UE u ta' pajjiżi terzi. Din il-proposta għaldaqstant tistipula emendi speċifiċi għall-EMIR u r-Regolament dwar l-ESMA[23], b'mod partikolari biex tistabbilixxi arranġamenti superviżorji ċari u koerenti għal CCPs tal-UE kif ukoll ta' pajjiżi terzi.

Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta jqis l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' dawn l-emendi. Dan jippreżenta għadd ta' għażliet biex tissaħħaħ is-superviżjoni tas-CCPs fil-livell tal-UE, jiġu involuti iktar il-banek ċentrali ta' emissjoni fis-superviżjoni tas-CCPs, u tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li timmonitorja, tidentifika u timmitiga r-riskji ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.

Il-valutazzjoni tal-impatt tagħti evidenza komprensiva li l-emendi proposti jikkontribwixxu effettivament għat-tisħiħ tal-istabbiltà kumplessiva tas-sistema finanzjarja tal-UE u biex ibaxxu iktar il-probabbiltà li diġà hija baxxa (iżda b'impatt estremament għoli) ta' riskju ta' falliment ta' CCP, filwaqt li l-kostijiet jinżammu baxxi kemm jista' jkun għall-parteċipanti tas-suq. L-emendi proposti jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp u l-approfondiment ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, konformi mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni.

## 1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet politiċi eżistenti fil-qasam ta' politika

Din il-proposta hija relatata ma' u konsistenti ma' għadd ta' politiki u inizjattivi li għaddejjin tal-UE li għandhom l-għan li: (i) jindirizzaw l-importanza sistemika tas-CCPs; (ii) jippromwovu l-użu tal-ikklerjar ċentrali, u (iii) itejbu l-effiċjenza u l-effettività tas-superviżjoni fil-livell tal-UE, kemm fl-UE u barra minnha.

L-ewwel nett, din il-proposta hija konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni[24] għal Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs adottata f'Novembru 2016. Dik il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-awtoritajiet tal-UE u nazzjonali jkunu mħejjija kif xieraq biex jindirizzaw CCP li qed tfalli, iżommu l-istabbiltà finanzjarja u jevitaw li l-kostijiet assoċjati mar-ristruttrar u r-riżoluzzjoni ta' CCPs li qed ifallu jġarrbuhom il-kontribwenti. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li, fil-każ improbabbli li s-CCPs jiffaċċjaw diffikultajiet kbar jew falliment, il-funzjonijiet kritiċi tas-CCPs jiġu preservati

[22] Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, and the European Central Bank on Responding to challenges for critical financial market infrastructures and further developing the Capital Markets Union, Brussels, 4.5.2017, COM(2017) 225 final.

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE, ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84-119.

[24] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365.

filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja u biex tgħin li jiġi evitat li l-ispejjeż marbutin mar-ristrutturar u r-riżoluzzjoni ta' CCPs li qed ifallu jiġu mġarrba mill-kontribwenti. L-arranġamenti tal-ġestjoni tal-kriżijiet għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs inklużi f'dik il-proposta huma bbażati fuq l-eżistenza tal-arranġamenti tal-ogħla kwalità għall-prevenzjoni tal-kriżijiet (jiġifieri għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs) skont l-EMIR. Bit-tisħiħ ulterjuri tas-superviżjoni tas-CCPs taħt l-EMIR, il-probabbiltà, żgħira kemm hi żgħira, il-bżonn miżuri ta' rkupru u riżoluzzjoni għandu jonqos iktar. L-aġġustamenti u t-tisħiħ tas-superviżjoni li din il-proposta ġġib magħha se jkun hemm bżonn ukoll li jiġu riflessi kif xieraq fil-proposta leġiżlattiva pendenti dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCPs. Jistgħu jkunu meħtieġa modifiki mmirati biex jieħdu kont tar-rwol il-ġdid tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs f'kulleġġi taħt l-EMIR u sussegwentement fil-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

It-tieni, din il-proposta hija marbuta mal-proposta tal-Kummissjoni[25] għal emenda fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)[26] adottat f'Novembru 2016. Il-proposta tfittex li teskludi mill-kalkolu tal-livelli limitu tal-proporzjon ta' ingranaġġ għal tranżazzjonijiet derivattivi kklerjati ċentralment riċevuti mill-membri tal-ikklerjar fi flus mill-klijenti tagħhom li jingħaddew lil CCPs. Din għalhekk se tiffaċilita l-aċċess għall-ikklerjar, minħabba li r-rekwiżiti kapitali biex jiġu offruti servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti jew indiretti se jonqsu, u b'hekk tkompli tissaħħaħ l-importanza tas-CCPs fis-sistema finanzjarja.

It-tielet, din il-proposta tikkumplementa l-proposta tal-Kummissjoni għal emendi mmirati fl-EMIR[27], adottata f'Mejju 2017. Din il-proposta tfittex li tissimplifika ċerti rekwiżiti tal-EMIR u tagħmilhom iktar proporzjonali biex jonqsu l-ispejjeż eċċessivi għall-parteċipanti fis-suq, mingħajr ma tiġi kompromessa l-istabbiltà finanzjarja. Din il-proposta għalhekk suppost tipprovdi iktar inċentivi għall-parteċipanti tas-suq biex jużaw l-ikklerjar ċentrali, u b'hekk tkompli tissaħħaħ l-importanza tas-CCPs fis-sistema finanzjarja.

Ir-raba', din il-proposta hija konsistenti mal-konsultazzjoni ta' Marzu 2017 imnedija mill-Kummissjoni dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)[28], bil-ħsieb li jissaħħu u jitjiebu l-effettività u l-effiċjenza tal-ASE.

Il-ħames, hija konsistenti mal-esperjenzi fl-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE, kif stipulat fid-Dokument ta' Ħidma ta' Persunal tagħha dwar l-ekwivalenza[29]. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal jagħti ħarsa fattwali tal-proċess ta' ekwivalenza ma' pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi

---

25 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-proporzjon ta' ingranaġġ, tal-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, tar-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, tar-riskju tas-suq, tal-iskoperturi għall-kontropartijiet ċentrali, tal-iskoperturi għall-impriżi ta' investiment kollettiv, tal-iskoperturi kbar, tar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

26 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

27 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet.

28 "Public consultation on the operations of the European Supervisory Authorities", 21.03.2017, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/finance-consultations-2017-esas-operations_en

29 "EU equivalence decisions in financial services policy: an assessment", 27.02.2017, SWD(2017) 102 final, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/eu-equivalence-decisions-assessment-27022017_en.pdf

finanzjarji. Dan jippreżenta l-esperjenza fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dispożizzjonijiet dwar il-pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE. Jippreżenta wkoll l-aspetti ewlenin tal-ekwivalenza (pereżempju l-eżerċizzju tal-awtonomizzazzjoni, valutazzjoni, u monitoraġġ *ex post*) u pprovda iktar ċarezza dwar kif dawn il-kompiti jiġu indirizzati fil-prattika.

Is-sitt, din il-proposta hija konsistenti max-xogħol li għaddej fil-livell internazzjonali fil-qafas tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), bil-mira li, fost l-oħrajn: (i) jiġi promoss l-użu tal-ikklerjar ċentrali u ta' arranġamenti transfruntiera bejn il-ġurisdizzjonijiet biex tissaħħaħ l-istabbiltà tas-swieq tad-derivattivi OTC; (ii) tinkiseb applikazzjoni konsistenti tal-Prinċipji għall-Infrastruttura tas-Swieq Finanzjarji (PFMIs) żviluppati mill-Kumitat dwar is-sistemi ta' pagament u saldu tal-banek ċentrali tal-pajjiżi tal-Grupp tal-Għaxra (CPMI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO); (iii) tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-riformi tas-swieq tad-derivattivi G20 (permezz tal-Grupp ta' Ħidma tad-Derivattivi OTC tal-FSB); u (iv) jiġu żviluppati linji gwida ulterjuri dwar ir-riżoluzzjoni tas-CCPs (il-Grupp ta' Riżoluzzjoni FSB).

## 1.3. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din il-proposta hija relatata mal-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa iktar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u hija konsistenti magħhom. Il-ħtieġa għal iktar żvilupp u integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE ġiet enfasizzata fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ta' Settembru 2016[30]. Iktar konverġenza superviżorja tas-CCPs fil-livell tal-UE tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' swieq tal-kapital iktar fondi u iktar integrati, minħabba li CCPs aktar effiċjenti u reżiljenti huma elementi essenzjali biex l-Unjoni tas-Swieq Kapitali taħdem sew. Sabiex isir dan, il-Komunikazzjoni dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali[31], li l-Kummissjoni adottat fit-8 ta' Ġunju 2018, titlob li s-setgħat tal-AETS jissaħħu biex tiġi promossa l-effettività tas-superviżjoni konsistenti fl-UE u lil hinn minnha. Min-naħa l-oħra, b'riżultat ta' dan, la jitfaċċaw swieq finanzjarji ikbar u iktar likwidi li huma implikati mill-Unjoni tas-Swieq Kapitali, dan iwassal biex ikun hemm iktar tranżazzjonijiet li jiġu kklerjati permezz ta' CCPs, u b'hekk tiżdied ir-rilevanza sistemika tagħhom. Minħabba l-potenzjal għal volumi ikbar kif ukoll l-opportunitajiet preżenti għall-arbitraġġ regolatorju u superviżorju, jinħtieġ iktar titjib tal-qafas superviżorju biex tiġi żgurata Unjoni tas-Swieq Kapitali b'saħħitha u stabbli.

Barra minn hekk, din il-proposta hija konsistenti mad-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, adottat fil-31 ta' Mejju 2017[32]. B'mod partikolari, id-dokument ta' riflessjoni jgħid li t-tlestija ta' Unjoni finanzjarja ġenwina hija essenzjali għal Unjoni Ekonomika u Monetarja effettiva u stabbli. Skont id-dokument, din tinkludi progress fl-elementi li diġà qegħdin fuq il-medja, inkluż billi jkun hemm riżultati f'dak li għandu x'jaqsam mal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Din il-proposta se tgħin biex jiġu żviluppati swieq tal-kapital integrati iktar fil-fond billi tiġi żgurata iktar konverġenza superviżorja tas-CCPs fil-livell tal-UE.

---

30 "L-Unjoni tas-Swieq Kapitali - Naċċelleraw ir-Riforma", 14.9.2016, COM(2016) 601 final, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/MT/1-2016-601-MT-F1-1.PDF

31 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, COM(2017) 292 final, 8 ta' Ġunju 2017, disponibbli fuq: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1498581228736&uri=CELEX:52017DC0292

32 Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kummissjoni Ewropea, 31 ta' Mejju 2017, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-deepening-economic-and-monetary-union_mt

Billi tindirizza theddid li qed jitfaċċa għall-ħidma tajba tas-sistema finanzjarja, il-proposta tiżgura wkoll li s-swieq finanzjarji jistgħu jkomplu jaqdu r-rwol tagħhom biex jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u fit-tul biex ikomplu japprofondixxu s-suq intern fl-interess tal-konsumaturi u n-negozji, bħala parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-investiment, it-tkabbir, u l-impjiegi.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### 2.1. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika ta'din il-proposta hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, li huwa l-bażi ġuridika għall-EMIR u r-Regolament dwar l-AETS. L-analiżi li saret bħala parti mir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika l-elementi tal-EMIR li hemm bżonn jiġu emendati biex isaħħu l-istabbiltà finanzjarja ġenerali tas-sistema finanzjarja tal-UE u biex ikomplu jbaxxu l-probabbiltà li diġà hija baxxa (iżda b'impatt estremament għoli) ta' riskju ta' falliment ta' CCP, filwaqt li l-kostijiet jinżammu baxxi kemm jista' jkun għall-parteċipanti tas-suq. Huma biss il-koleġiżlaturi li għandhom il-kompetenza li jagħmlu l-emendi meħtieġa. Hemm bżonn bidliet fir-Regolament dwar l-ESMA biex tinħoloq is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCP li hija inkarigata b'kompiti importanti skont l-EMIR.

### 2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-EMIR huwa regolament li jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. L-EMIR jistipula l-qafas superviżorju li japplika kemm għas-CCPs stabbiliti fl-UE, kif ukoll dawk f'pajjiżi terzi li jipprovdu servizz tal-ikklerjar lil membri tal-ikklerjar jew ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-UE. Skont l-EMIR, l-Istat Membru ta' stabbiliment tas-CCP jaqdi rwol importanti fl-arranġamenti superviżorji. Madankollu, l-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali ma jistgħux isolvu unilateralment ir-riskji sistemiċi maħluqa minn CCPs integrati u interkonnessi ħafna, li joperaw fuq bażi transfruntiera lil hinn mill-ambitu tal-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jimmitigaw waħedhom ir-riskji li jinbtu minn prattiki superviżorji nazzjonali diverġenti. L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jindirizzaw waħedhom ir-riskji sistemiċi li CCPs ta' pajjiżi terzi jistgħu joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE kollha kemm hi.

L-għanijiet tal-EMIR li jżid is-sikurezza u l-effiċjenza tas-CCPs billi jistipula rekwiżiti uniformi għat-twettiq tal-attivitajiet ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri individwalment u għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjonijiet, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-UE skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE.

### 2.3. Proporzjonalità

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-arranġamenti superviżorji tal-EMIR jilħqu l-għan li jnaqqsu r-riskju sistemiku fis-swieq tad-derivattivi b'manjiera iktar proporzjonali u effettiva, b'kost minimu għall-parteċipanti fis-suq. Il-proposta tistabbilixxi qafas issimplifikat għas-superviżjoni tas-CCPs awtorizzati fil-livell tal-UE, bi rwoli u responsabbiltajiet iċċarati għall-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet varji nazzjonali u tal-UE involuti. Billi tikkalibra mill-ġdid l-arranġamenti superviżorji, il-proposta tikkontribwixxi biex tiġi indirizzata n-natura transfruntiera li dejjem qed tikber tas-CCPs, filwaqt li jiġu ppreservati r-responsabbiltajiet fiskali tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment. Barra minn hekk, il-proposta tintroduċi approċċ li jippermetti lis-CCPs ta' pajjiżi terzi biex ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-EMIR billi jimxu mar-regoli nazzjonali komparabbli tagħhom stess, li jippermetti għal

approċċ proporzjonali li jiffoka fuq ir-rilevanza sistemika tas-CCPs ta' pajjiżi terzi għas-swieq tal-UE. Fl-istess waqt, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv tal-EMIR li jitnaqqas ir-riskju sistemiku, permezz tal-istabbiliment ta' kriterji trasparenti u oġġettivi biex jiġu identifikati, immonitorjati u mmitigati riskji ta' CCPs ta' pajjiżi terzi għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE. Din il-proposta għalhekk tikkontribwixxi direttament biex l-arranġamenti superviżorji tal-EMIR isiru aktar proporzjonali kumplessivament. Bl-istess mod, il-proposta tintroduċi biss emendi mmirati għar-Regolament dwar l-AETS, li ma jmorrux lil hinn minn dak li hemm bżonn biex l-AETS tkun tista' twettaq il-kompiti mnaqqxa fl-EMIR.

### 2.4. Għażla tal-istrument

L-EMIR u l-att legali li jistabbilixxi l-AETS huma t-tnejn li huma Regolamenti, u għaldaqstant hemm bżonn li jiġu emendati minn strument legali tal-istess xorta.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 3.1. Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta jagħti analiżi ta' sa fejn l-arranġamenti superviżorji eżistenti tal-EMIR għas-CCPs stabbiliti fl-UE u barra minnha rnexxielhom jilħqu l-objettiv tagħhom li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' CCP b'mod effettiv u effiċjenti, waqt li fl-istess ħin ikunu koerenti, rilevanti u jagħtu valur miżjud tal-UE. Din l-analiżi tirrifletti wkoll l-eżitu ta' żewġ evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar il-ħidma tal-kulleġġi superviżorji taħt l-EMIR li saru mill-AETS fl-2015[33] u l-2016[34]. Barra minn hekk, l-analiżi tibni fuq l-input mill-valutazzjoni tal-AETS tar-reġim ta' ekwivalenza u rikonoxximent ta' pajjiżi terzi preżenti bħala parti minn rapport imħejji għall-Kummissjoni fil-kuntest tar-rieżami tal-EMIR[35].

Rigward **l-effettività** tal-arranġamenti superviżorji tal-EMIR applikabbli għas-CCPs stabbiliti fl-UE, l-esperjenza prattika turi li l-kooperazzjoni bejn il-membri tal-kulleġġi fl-istruttura preżenti tagħhom ippermettiet il-fehmiet tas-superviżuri tal-atturi differenti involuti fl-ikklerjar ċentrali biex ikunu rrappreżentati, u b'hekk ikkontribwew favur l-objettivi ta' konverġenza superviżorja u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost is-CCPs stabbiliti fl-UE. Madankollu, hemm tħassib dwar il-konsistenza tas-superviżjoni tas-CCPs fost l-Istati Membri, li jagħtu x'wieħed jifhem li hemm lok għal approċċ iktar effettiv għas-superviżjoni transfruntiera tas-CCPs. B'mod partikolari, il-grad ta' kooperazzjoni bejn il-membri tal-kulleġġi jvarja b'mod sinifikanti, skont ir-rwol tal-kulleġġ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Filwaqt li tul il-proċedura ta' awtorizzazzjoni, *l-AETS osservat li b'mod ġenerali*

[33] ESMA review of CCP colleges under EMIR, Jannar 2015 https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/2015/11/2015-20-_report_on_esma_review_of_ccp_colleges.pdf

[34] ESMA, Peer Review under EMIR Art. 21 Supervisory activities on CCPs' Margin and Collateral requirements, 22 December 2016, ESMA/2016/1683 (ESMA peer review 2016) https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/2016-1683_ccp_peer_review_report.pdf

[35] ESMA, EMIR review report no. 4, ESMA input as part of the Commission consultation on the EMIR Review, 13 ta' Awwissu 2015, ESMA/2015/1254 https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/2015/11/esma-2015-1254_-_emir_review_report_no.4_on_other_issues.pdf

*l-kulleġġi tas-CCPs iffaċilitaw il-kooperazzjoni bidirezzjonali*: *minn naħa waħda, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti presidenti rċevew kontribut tajjeb u kostruttiv mill-membri tal-kulleġġ li min-naħa tagħhom ikkontribwew fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom; min-naħa l-oħra, il-membri tal-kulleġġ irċevew l-informazzjoni li kellhom bżonn biex jivvotaw dwar l-adozzjoni tal-opinjoni*[36], ikun hemm inqas kooperazzjoni meta ma tkunx meħtieġa tali opinjoni. Għaldaqstant, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq tara "*riskju li wara l-awtorizzazzjoni, il-kulleġġi tas-CCPs jistgħu jsiru sempliċiment mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni, u mhux għodda superviżorja effettiva*". Barra minn hekk, osservazzjonijiet preliminari jagħtu x'wieħed jifhem li: (i) membri ta' kulleġġi differenti jipparteċipaw fi gradi differenti fid-diskussjonijiet tal-kulleġġi; u (ii) l-approċċi superviżorji tal-NCAs ivarjaw b'mod sinifikanti saħansitra f'każi li jinvolvu CCPs komparabbli. Formoli komuni pprovduti mill-AETS biex jappoġġaw il-konverġenza superviżorja bejn l-NCAs naqsu milli jsolvu dil-problema, minħabba li l-NCAs jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod differenti. Għaldaqstant hemm lok għal titjib biex tkun tista' tissaħħaħ il-konsistenza tas-superviżjoni tas-CCPs fil-livell tal-UE, jittejbu l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fl-UE u tinkiseb konverġenza superviżorja aktar effettiva.

Fuq l-effettività tas-superviżjoni tas-CCPs ta' pajjiżi terzi, l-arranġamenti preżenti ppermettew lill-ESMA tirrikonoxxi 28 CCP ta' pajjiż terz biex jipprovdu servizzi ta' kklerjar lil kontropartijiet tal-UE. Dan huwa konformi mal-objettivi tal-G20 biex jiġu promossi l-arranġamenti transfruntieri. Fl-istess ħin, il-parti l-kbira ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni dwar l-EMIR (fil-biċċa l-kbira kumpaniji mis-settur finanzjarju u assoċjazzjonijiet tal-industrija) qiesu li r-reġim ta' ekwivalenza tal-EMIR għal CCPs ta' pajjiżi terzi *de facto* ħoloq sitwazzjoni li fiha r-rekwiżiti għas-CCPs stabbiliti fl-UE huma possibilment iktar stretti milli għal CCPs ta' pajjiżi terzi, li twassal għal kundizzjonijiet inugwali ta' kompetizzjoni, li huma ta' detriment għas-CCPs stabbiliti fl-UE. L-AETS enfasizzat ukoll li l-approċċ tal-EMIR fir-rigward tas-CCPs ta' pajjiżi terzi huwa estremament flessibbli, b'dipendenza totali fuq ir-regoli u l-arranġamenti superviżorji tal-pajjiżi terzi, filwaqt li l-maġġoranza tal-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi jqisu s-CCPs ta' pajjiżi terzi bħala infrastrutturi sistemikament rilevanti u jagħmluhom soġġetti għal skrutinju aktar mill-qrib. L-AETS argumentat li minkejja li l-approċċ preżenti tal-EMIR jista' jkun mudell f'termini ta' dipendenza reċiproka, jekk l-UE tibqa' l-ġurisdizzjoni waħdanija li tiddependi estensivament fuq regoli u awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, dan jaf iqegħidha f'riskju u ma jibbenefikax lis-CCPs li huma stabbiliti fl-UE.

Rigward **l-effiċjenza**, il-maġġoranza ta' dawk li rrispondew għall-konsultazzjoni tal-EMIR kienu favur l-objettiv li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-CCPs stabbiliti fl-UE billi tiġi promossa applikazzjoni omoġenja tal-EMIR. Fl-istess waqt, dawn ippuntaw lejn it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċessi tal-approvazzjoni u ssottolinjaw li, f'xi każi, it-twaqqit għall-approvazzjoni jista' jiġi pospost b'mod indefinit mill-NCA, li jagħti lok għal inċertezza. Xi wħud minn dawk li rrispondew ippuntaw ukoll lejn il-ħtieġa għal aktar trasparenza fil-funzjonament tal-kulleġġi, mhux biss għas-CCPs għall-proċessi ta' awtorizzazzjoni u l-estenzjoni tas-servizzi, iżda wkoll għall-utenti tas-CCPs sabiex ikun jista' jkollhom iktar viżibilità tal-proċess ta' awtorizzazzjoni u l-konsegwenzi tiegħu. Barra minn hekk, bosta awtoritajiet, parteċipanti fl-industrija, u operaturi tal-infrastruttura tas-suq talbu li jkun hemm iktar ċarezza fil-proċess u fit-twaqqit għall-awtorizzazzjoni u l-estensjoni tas-servizzi pprovduti mis-CCPs. Dawk li wieġbu ssuġġerew li l-EMIR ta' min tikkjarifika l-modalitajiet għall-proċess tal-kulleġġ, b'mod partikolari r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-

[36] ESMA peer review 2015, p. 16, par. 30.

membri differenti tal-kulleġġ. Għaldaqstant hemm lok għal titjib, b'mod partikolari għal superviżjoni aktar simplifikata tas-CCPs stabbiliti fl-UE. Dan jista' jwassal għal kollaborazzjoni aktar effiċjenti bejn is-superviżuri nazzjonali u tal-UE, u b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompiti superviżorji u titnaqqas l-allokazzjoni korrispondenti ta' ħin u riżorsi.

Rigward ir-reġim superviżorju preżenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija li rrispondew għall-konsultazzjoni tal-EMIR indikaw li l-Kummissjoni ddum wisq biex tlesti l-valutazzjonijiet tal-ekwivalenza tagħha. L-AETS qajmet ukoll għadd ta' tħassib dwar l-effiċjenza tal-proċess ta' rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. L-ewwel argument tagħha kien li l-proċess huwa riġidu u ta' piż kbir, kif muri mill-għadd limitat ta' deċiżjonijiet ta' rikonoxximent meħuda fl-2015. It-tieni, hi qalet li r-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi jimponi piż amministrattiv sinifikanti fuq l-AETS.

Rigward **ir-relevanza**, l-arranġamenti superviżorji tal-EMIR jibqgħu integrali għall-isforzi internazzjonali biex tiżdied l-istabbiltà tas-suq globali tad-derivattivi OTC, filwaqt li jiffaċilitaw l-arranġamenti ta' deferenza transfruntieri bejn il-ġurisdizzjonijiet. L-arranġamenti superviżorji tal-EMIR jiżguraw ukoll li s-swieq finanzjarji jistgħu jkomplu jaqdu r-rwol tagħhom biex jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u fit-tul biex ikomplu japprofondixxu s-suq intern fl-interess tal-konsumaturi u n-negozji, bħala parti mill-isforzi tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-investiment, it-tkabbir, u l-impjiegi.

Kif deskritt fit-Taqsima 2.4 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta, l-arranġamenti superviżorji tal-EMIR huma **koerenti** ma' biċċiet oħrajn ta' leġiżlazzjoni tal-UE li għandhom l-għan li: (i) jindirizzaw l-importanza sistemika tas-CCPs; (ii) jippromwovu aktar l-użu tal-ikklerjar ċentrali, u (iii) itejbu l-effiċjenza u l-effettività tas-superviżjoni fil-livell tal-UE, kemm fl-UE u barra minnha.

Finalment, f'termini tal-**valur miżjud tal-UE**, l-arranġamenti superviżorji tal-EMIR koprew lakuna billi introduċew mekkaniżmu ġdid li jiffaċilita l-konverġenza superviżorja fil-livell tal-UE biex jindirizza r-riskji sistemiċi tas-CCPs li joffru servizzi ta' kklerjar lill-kontropartijiet tal-UE.

## 3.2. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Din il-proposta tibni fuq diversi konsultazzjonijiet pubbliċi.

L-ewwel, din tqis il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet pubbliċi wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rispons għall-isfidi għal infrastrutturi kritiċi tas-swieq finanzjarji u l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali[37]. Il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tal-isfidi fil-qasam tal-ikklerjar tad-derivattivi, se jkun meħtieġ tibdil ulterjuri biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u s-sikurezza u s-sodezza tas-CCPS li huma ta' rilevanza sistemika għas-swieq finanzjarji madwar l-UE u biex jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

It-tieni, din il-proposta toqgħod fuq kummenti speċifiċi għall-EMIR u s-superviżjoni tas-CCPs bħala parti mill-konsultazzjoni dwar l-operat tal-ASE li kienet miftuħa mill-21 ta'

[37] Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, and the European Central Bank on Responding to challenges for critical financial market infrastructures and further developing the Capital Markets Union, Brussels, 4.5.2017, COM(2017) 225 final.

Marzu sas-17 ta' Mejju 2017. Il-konsultazzjoni kellha l-għan li tieħu ħarsa globali aktar ċara tal-oqsma li fihom l-effettività u l-effiċjenza tal-ASE tista' tiġi msaħħa u mtejba[38].

It-tielet, il-proposta tieħu inkunsiderazzjoni kummenti ffukati fuq il-konverġenza superviżorja bħala parti mill-konsultazzjoni dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li kienet miftuħa mill-20 ta' Jannar 2017 sas-17 ta' Marzu 2017[39]. Il-konsultazzjoni fittxet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar kif il-programm preżenti tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali jista' jiġi aġġornat u komplut sabiex ikun jirrappreżenta qafas ta' politika b'saħħtu għall-iżvilupp tas-swieq kapitali. Il-konsultazzjoni ġġenerat 178 risposta.

Ir-raba', il-proposta tqis il-kontribuzzjonijiet li huma speċifiċi għall-arranġamenti superviżorji tal-EMIR bħala parti mill-konsultazzjoni tar-rieżami tal-EMIR li kienet miftuħa bejn Mejju u Awwissu 2015. Il-konsultazzjoni ġġenerat aktar minn 170 kontribuzzjoni minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u awtoritajiet pubbliċi[40].

Ġeneralment, dawk li rrispondew indikaw li l-arranġamenti superviżorji preżenti tal-EMIR jgħinu biex tiżdied is-sikurezza u s-sodezza tas-CCPs stabbiliti fl-UE, u kien hemm appoġġ ġenerali għar-rwol moqdi mill-kulleġġi tas-superviżuri. Dawk li wieġbu enfasizzaw ukoll li l-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti tal-EMIR bdew japplikaw biss dan l-aħħar, u li għalhekk ikun prematur li titqies bidla ta' taħt fuq tal-arkitettura superviżorja eżistenti. Dawk li wieġbu, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi, issottolinjaw li, minħabba li hemm bosta tipi ta' CCPs li bħalissa qed joperaw (lokali vs transfruntieri), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti xorta għandhom ikunu attivament involuti fis-superviżjoni. Madankollu, bosta minn dawk li wieġbu wkoll enfasizzaw li l-operazzjonijiet tas-CCPs huma ta' rilevanza sistemika transfruntiera, li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi evitat li s-superviżjoni ssir biss fil-livell nazzjonali. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu esprimew l-appoġġ tagħhom għal aktar konverġenza superviżorja fil-livell tal-UE fis-superviżjoni tas-CCPs, u indikaw li r-reġim preżenti huwa frammentat u ineffiċjenti. Aktar attività transfruntiera, l-importanza sistemika tas-CCPs u l-aċċess għal-likwidità fiż-żona tal-euro ġew imsemmija minn dawk li wieġbu bħala fatturi għala s-setgħat superviżorji fil-livell tal-UE hemm bżonn li jiġu estiżi. Madankollu, meta tiġi kkunsidrata kwalunkwe estensjoni tas-setgħat superviżorji diretti fil-livell tal-UE fuq is-CCPs tal-UE u ta' pajjiżi terzi, dawk li wieġbu wissew li tali estensjoni jinħtieġ li tkun konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, partikolarment minħabba l-fatt li l-ebda struttura tal-UE ma jkollha biżżejjed riżorsi biex jindirizzaw CCP li qed tfalli, irrispettivament minn kemm ikun limitat ir-riskju ta' tali event. Finalment, għadd ta' dawk li wieġbu, fosthom l-AETS[41], issottolinjaw il-ħtieġa li l-qafas attwali fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi jiġi mtejjeb.

38 Il-konsultazzjoni u d-dikjarazzjoni relatata dwar il-feedback tista' tinsab fi: https://ec.europa.eu/info/finance-consultations-2017-esas-operations_en

39 Il-konsultazzjoni tista' tinsab fuq: https://ec.europa.eu/info/finance-consultations-2017-cmu-mid-term-review_en

40 Il-konsultazzjoni u s-sommarju tat-tweġibiet jistgħu jinstabu fuq http://ec.europa.eu/finance/consultations/2015/emir-revision/index_en.htm

41 Ara EMIR Review Report no.4 tat-13 ta' Awwissu 2015, bħala parti mill-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-EMIR, p. 19-21, disponibbli fuq: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/2015/11/esma-2015-1254_-_emir_review_report_no.4_on_other_issues.pdf

### 3.3. Valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi ta' politika rilevanti. L-għażliet bejn politiki ġew ivvalutati fil-konfront tal-objettivi ewlenin tas-salvagwardja tas-sikurezza u l-effiċjenza tas-CCPs li huma ta' rilevanza sistemika għas-swieq tal-UE u t-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja fl-UE, mingħajr frammentazzjoni bla bżonn tas-sistema globali.

Ir-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt ġie approvat mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (Regulatory Scrutiny Board, RSB) fit-2 ta' Ġunju 2017. Kien ippreżentat lill-RSB fit-22 ta' Mejju, u l-RSB għamel għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib permezz ta' proċedura bil-miktub. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata mill-ġdid lill-RSB fit-30 ta' Mejju. Il-bidliet introdotti fil-valutazzjoni tal-impatt biex jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet mill-RSB kienu dawn li ġejjin:

1. Riskji sistemiċi speċifiċi marbutin mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE: Deskrizzjoni ulterjuri tal-bidliet marbutin mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fit-taqsima dwar ix-xenarju bażi bħala parti mill-kapitolu dwar l-għażliet ta' politika.

2. L-għażla ta' politika preferuta għall-mitigazzjoni tar-riskji ta' CCPs ta' pajjiżi terzi: Deskrizzjoni aktar dettaljata ta' kif l-għażla 3 marbuta mas-superviżjoni abbażi ta' kriterji jew ta' livelli limitu tkun taħdem fil-prattika għal CCPs ta' pajjiżi terzi, skont ir-riskji li dawn jippreżentaw lill-UE.

3. Impatt tal-għażliet ta' politika ppreferuti dwar ir-riskji sistemiċi: Deskrizzjoni aktar dettaljata tas-CBIs rigward is-CCPs tal-UE u mhux. Kjarifika li l-kompromess bejn il-piż superviżorju u l-istabbiltà finanzjarja se jkun proporzjonali mal-iskopertura tal-UE għal riskji minn CCPs ta' pajjiżi terzi. Spjegazzjoni li politika ta' lokazzjoni mmirata tnaqqas il-kostijiet għal minimu.

4. Kwistjonijiet oħrajn: (i) kjarifika ta' kif il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-Sessjoni Eżekuttiva se jaħdem meta mqabbel ma' dak li jużaw il-kulleġġi ta' bħalissa; (ii) definizzjoni tal-objettivi operazzjonali fil-kapitolu dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; u (iii) spjegazzjoni ulterjuri ta' għala ma hemmx evalwazzjoni formali tas-CCPs tal-UE bħala Anness għar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt.

L-għażliet ikkunsidrati fil-valutazzjoni tal-impatt jikkonċernaw emendi mmirati tal-arranġamenti superviżorji tal-EMIR li japplikaw kemm għas-CCPs stabbiliti fl-UE u għal CCPs ta' pajjiżi terzi li joffru jew li jridu joffru s-servizzi tagħhom lil kontropartijiet tal-UE. Biex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa, ġie identifikat għadd ta' għażliet ta' politika:

- Sabiex tissaħħaħ is-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fl-UE, l-arranġamenti superviżorji preżenti għandhom jiġu ssimplifikati u ċċentralizzati aktar permezz tal-istabbiliment tal-mekkaniżmu superviżorju Ewropew, li jiżgura l-involviment xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali, tal-banek ċentrali ta' emissjoni u l-AETS fl-ambitu tar-responsabbiltajiet tagħhom. Dan se jgħin biex titjieb il-koerenza tal-arranġamenti superviżorji għas-CCPs stabbiliti fl-UE, billi jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost is-CCPs Ewropej kif ukoll l-omoġeneità fl-applikazzjoni tal-EMIR madwar l-UE, filwaqt li jiġi żgurat li oqsma speċifiċi tar-responsabbiltà superviżorja u r-responsabbiltà fiskali nazzjonali relatata jibqgħu allinjati kif xieraq. Dan se jikkontribwixxi għal kostijiet aktar baxxi kemm fil-livell istituzzjonali, billi jiġi evitat trikkib superviżorju bejn l-awtoritajiet, kif ukoll għas-

CCPs, billi jiġi ssimplifikat il-qafas superviżorju tagħhom u billi jiġi llimitat ir-riskju tad-duplikazzjoni ta' superviżjoni.

- Sabiex jittejbu l-arranġamenti superviżorji fl-UE mfasslin biex jimmitigaw ir-riskji marbutin mas-CCPs ta' pajjiżi terzi, ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt jikkunsidra li s-CCPs ta' pajjiżi terzi jistgħu jkunu soġġetti għal skala varjabbli ta' rekwiżiti superviżorji addizzjonali mill-AETS u banek ċentrali ta' emissjoni abbażi ta' kriterji jew limiti oġġettivi. Il-grad u l-intensità tas-superviżjoni tal-UE jkunu proporzjonali u jiddependu fuq ir-riskji ppreżentati mis-CCPs ta' pajjiżi terzi lejn l-UE. Jistgħu jiġu stabbiliti kriterji jew limiti differenti: CCPs b'impatt baxx (CCPs tal-Grad 1) ikunu soġġetti għal dik li hi essenzjalment implimentazzjoni mkomplija tar-reġim ta' ekwivalenza u rikonoxximent tal-EMIR, filwaqt li CCPs b'impatt medju għal għoli (CCPs tal-Grad 2) ikunu soġġetti għal skala varjabbli ta' rekwiżiti superviżorji addizzjonali, inkluż, fi tmiem l-ispettru, rekwiżit għall-awtorizzazzjoni u stabbiliment fl-UE għal kull CCP ta' pajjiż terz li jkun jippreżenta riskju ta' skopertura sostanzjali għall-UE u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tagħha.
- Din l-iskala varjabbli gradwali tar-rekwiżiti superviżorji se tippermetti li jkun hemm superviżjoni proporzjonali u bbilanċjata tas-CCPs ta' pajjiżi terzi u mitigazzjoni ta' kull riskju sistemiku assoċjat, mingħajr frammentazzjoni bla bżonn tas-sistema globali u kostijiet eċċessivi għall-parteċipanti fis-suq. Dan se jgħin biex jitjiebu l-mekkaniżmu għas-superviżuri u l-banek ċentrali ta' emissjoni tal-UE biex jindirizzaw ir-riskji minn CCPs ta' pajjiżi terzi filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn is-CCPs stabbiliti fl-UE u CCPs ta' pajjiżi terzi u jipprovdu għal infurzar u konformità kontinwi aħjar tas-CCPs ta' pajjiżi terzi. Filwaqt li din l-għażla jaf twassal għal xi kostijiet addizzjonali fil-livell istituzzjonali u għal CCPs ta' pajjiżi terzi, u fl-aħħar mill-aħħar għall-parteċipanti fis-suq, tali kostijiet iridu jiġu meqjusa fil-konfront tal-gwadanni fil-mitigazzjoni tar-riskju sistemiku, avolja l-benefiċċji monetarji preċiżi ta' tnaqqis ta' riskju sistemiku huma diffiċli biex jiġu kkwantifikati minn qabel.

Il-pakkett ta' għażliet proposti għandu l-għan li jistabbilixxi arranġamenti superviżorji ċari u koerenti għas-CCPs stabbiliti fl-UE u f'pajjiżi terzi.

Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt jikkunsidra wkoll il-kostijiet u l-benefiċċji kumplessivi tal-għażliet ippreferuti, bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-ispejjeż ta' konformità u l-piż impost fuq il-parteċipanti fis-suq. It-taqsima li jmiss tippreżenta l-impatt mistenni tal-miżuri proposti.

### 3.4. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Filwaqt li l-EMIR isegwi l-objettiv ġenerali tat-tnaqqis tar-riskju sistemiku billi tiżdied is-sikurezza u l-effiċjenza tas-CCPs, l-inizjattiva preżenti għandha l-għan li tagħmel is-superviżjoni tas-CCPs aktar effettiva u effiċjenti u, billi jiġi segwit approċċ proporzjonat ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa, li jitnaqqas il-piż regolatorju u tal-konformità għall-parteċipanti fis-suq. Dan huwa konformi mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni.

Din l-inizjattiva se ssaħħaħ l-arranġamenti superviżorji għas-CCPs stabbiliti fl-UE (billi tirrispondi għad-daqs, l-integrazzjoni, il-konċentrazzjoni u l-interkonnettività dejjem ikbar tagħhom) u tippermetti lill-awtoritajiet tal-UE biex jimmonitorjaw u jimmitigaw aħjar ir-riskju relatat mal-iskopertura tal-UE għal CCPs ta' pajjiżi terzi. Dan se jgħin biex tonqos

saħansitra iktar ir-riskju bi probabbiltà diġà baxxa (iżda b'impatt estremament għoli) ta' falliment ta' CCP u ssaħħaħ l-istabbiltà kumplessiva tas-sistema finanzjarja tal-UE kollha kemm hi. Il-qafas superviżorju msaħħaħ se jtejjeb iċ-ċertezza tad-dritt u ekonomika kumplessivament. Filwaqt li jista' jkun hemm spejjeż ekonomiċi mill-ewwel assoċjati mal-qafas, il-kriżi finanzjarja 2007-8 tagħti evidenza empirika estensiva tal-benefiċċju tal-prevenzjoni tal-kriżijiet permezz tal-aktar arranġamenti effettivi possibbli għas-superviżjoni.

L-istima tal-kostijiet relatati mal-għażliet ippreferuti tippreżenta limitazzjonijiet għax iż-żewġ problemi jindirizzaw is-superviżjoni tas-CCPs. Filwaqt li l-kostijiet addizzjonali jew ir-ristrutturar tal-kostijiet għall-awtoritajiet tal-UE u nazzjonali (pereżempju riżorsi u kompiti addizzjonali) jistgħu jiġu kkwantifikati, l-impatt għall-parteċipanti fis-suq huwa inqas dirett u jkun ibbażat fuq ipoteżijiet li jagħmilhom dubjużi. Barra minn hekk, ladarba l-għażla ppreferuta għas-CCPs ta' pajjiżi terzi hija bbażata fuq skala varjabbli ta' rekwiżiti superviżorji, il-kostijiet relatati jkunu speċifiċi għas-CCP u jiddependu fuq l-impatt li l-attivitajiet tas-CCPs sorveljati jew rikonoxxuti jkollhom fuq l-UE. Madankollu, huwa possibbli li jiġi identifikat is-sors tal-kostijiet jew effiċjenzi potenzjali għall-parteċipanti fis-suq.

*Potenzjal għas-simplifikazzjoni regolatorja u t-tnaqqis tal-ispejjeż*

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tissimplifika l-qafas regolatorju għas-CCPs stabbiliti fl-UE u li ssaħħaħ is-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. Billi x-xogħol superviżorju jiġi ċċentralizzat fil-livell tal-UE ġewwa mekkaniżmu superviżorju Ewropew, din l-inizjattiva tneħħi d-duplikazzjoni tal-kompiti bejn l-awtoritajiet nazzjonali. Dan suppost joħloq ekonomiji ta' skala fil-livell tal-UE u jnaqqas il-ħtieġa għal riżorsi dedikati fil-livell nazzjonali.

Sa fejn huma kkonċernati l-parteċipanti fis-suq, is-CCPs għandhom jibbenefikaw l-aktar minn tnaqqis fil-piż amministrattiv bis-saħħa ta' punt ta' dħul uniku għas-superviżjoni transfruntiera fil-livell tal-UE.

*Impatt fuq il-parteċipanti fis-suq (inklużi l-SMEs)*

Rigward is-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fl-UE, taħt l-għażla ppreferuta, il-bidliet proposti mhumiex mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kost tal-ikklerjar, sew hux għall-membri tal-ikklerjar jew il-klijenti diretti jew indiretti tagħhom. Sabiex jiġi ffinanzjat il-mekkaniżmu Ewropew, is-CCPs jistgħu jkunu meħtieġa jħallsu tariffi superviżorji. Dawn, madankollu, ikunu proporzjonali għall-attività tagħhom u jkunu jirrappreżentaw biss frazzjoni negliġibbli tal-fatturat tagħhom. Filwaqt li dawn l-ispejjeż jistgħu jingħaddew lis-suq, dawn jirrappreżentaw biss spejjeż ta' aġġustament minimi.

Rigward is-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, taħt l-għażla ppreferuta, il-kostijiet jimmaterjalizzaw l-aktar fil-każ li tiġi skattata l-awtorizzazzjoni u l-istabbiliment fl-UE bħala parti mill-iskala varjabbli ta' rekwiżiti superviżorji. Bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit tal-lokazzjoni, għal CCPs tal-Grad 1 u tal-Grad 2, is-sitwazzjoni tkun eqreb għal dik ta' CCPs stabbiliti fl-UE, b'tariffi superviżorji limitati biex jiġi ffinanzjat il-mekkaniżmu Ewropew. Dan iwassal biss għal kostijiet addizzjonali limitati għall-parteċipanti fis-suq.

Ikun hemm bżonn numru essenzjali ta' persunal biex iwaqqaf u jħaddem il-mekkaniżmu superviżorju Ewropew biex iwettaq il-ħidma ta' kuljum tas-superviżjoni tas-17-il CCP li bħalissa hemm stabbiliti fl-UE. Jekk wieħed jassumi li s-CCPs ta' pajjiżi terzi kollha li qed jitolbu rikonoxximent jiġu eventwalment rikonoxxuti, dan ikun ifisser li madwar 40 CCP ta'

pajjiż terz taħt il-kompetenza tas-Sessjoni Eżekuttiva – sew hux indirettament permezz ta' skambju ta' monitoraġġ u informazzjoni (jiġifieri CCPs tal-Grad 1) jew, b'żieda għal dan, permezz ta' superviżjoni iktar diretta tas-CCPs tal-Grad 2 li jippreżentaw riskji potenzjalment aktar sinifikanti.

Għalhekk, jekk tqis l-għadd ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li jridu jiġu sorveljati indirettament jew direttament, it-tip u l-kumplessità tal-kompiti li jridu jitwettqu għas-CCPs tal-Grad 1 u 2 rispettivament, l-għadd ta' ekwivalenti full-time huwa stmat għal madwar 49. Kollox ma' kollox, il-kostijiet addizzjonali marbutin mal-għażliet ippreferuti għas-superviżjoni tas-CCPs huma mistennija li jkunu ta' EUR 7 miljun fis-sena.

Lil hinn mill-ispejjeż relatati mas-superviżjoni, ħafna mill-ispejjeż li l-kontropartijiet tal-ikklerjar (il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom) se jiffaċċjaw ikunu marbutin mal-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' awtorizzazzjoni u stabbiliment fl-UE għal CCPs tal-Grad 2 li huma sostanzjalment sistemiċi. Dawn l-ispejjeż ikunu motivati minn kunsiderazzjonijiet legali u operazzjonali kif ukoll, jekk ma jkunux ikkalibrati sew, mill-frammentazzjoni tas-suq u l-konsegwenzi relatati għal-likwidità fis-suq u l-prezzijiet tal-eżekuzzjoni. Aġġustamenti pożittivi jew negattivi fl-effiċjenzi tal-marġini jkunu jiddependu ħafna fuq il-kapaċità tal-parteċipanti fis-suq li jissostitwixxu CCPs ta' pajjiżi terzi b'CCPs stabbiliti fl-UE. Il-muturi ta' dawn il-kostijiet huma ddettaljati fit-Taqsima 5.3 tar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta.

Barra minn hekk, politika ta' lokazzjoni li ma tkunx imfassla għar-riskju sistemiku tas-CCP ta' pajjiż terz, definit skont kriterji oġġettivi, jista' jkollha impatt fuq il-kostijiet tal-ikklerjar, l-aċċess għall-ikklerjar indirett għal klijenti ta' membri tal-ikklerjar (inklużi kontropartijiet mhux finanzjarji u kontropartijiet finanzjarji żgħar) u għaldaqstant ġeneralment fl-abbiltà li jiġu ħheġġjati r-riskji għall-kontropartijiet tal-UE.

Madankollu, dan irid jiġi meqjus fil-konfront tal-benefiċċji assoċjati ma' prevenzjoni aħjar tal-kriżijiet. Kollox ma' kollox, in-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi se jgawdu mill-istabbiltà ikbar tas-CCPs u l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi ewlenin tagħhom fil-każ li sseħħ kriżi fil-ġejjieni li taf twassalhom għal diffikultajiet inkella falliment. Il-probabbiltà li tali kriżi sseħħ għandha tonqos aktar permezz tal-abbiltà msaħħa tal-awtoritajiet relevanti fl-UE li jipprevjenu l-akkumulazzjoni ta' riskji sistemiċi f'CCPs tal-UE u li jimmitigaw it-trażmissjoni ta' diffikultà finanzjarja dannuża permezz ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. B'riżultat ta' dan, il-potenzjal ta' riperkussjonijiet negattivi ta' kriżi li taffettwa s-settur – pereżempju inqas rieda u/jew kapaċità tas-settur bankarju li jagħti finanzjament lill-ekonomija reali, reċessjonijiet, eċċ – li għandhom tendenza li jaffettwaw ħafna lill-SMEs u l-kapaċità tagħhom li jiksbu finanzjament, jitnaqqas ukoll.

Barra minn hekk, billi tiċċara l-arranġamenti superviżorji għas-CCPs tal-UE u ta' pajjiżi terzi, u flimkien mal-inizjattiva REFIT tal-EMIR tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-kostijiet eċċessivi għal kontropartijiet iżgħar, huwa mistenni li l-proposta tgħin biex tippromwovi aktar l-użu tal-ikklerjar ċentrali u tiffaċilita l-abbiltà tal-SMEs li jaċċessaw strumenti finanzjarji, sew biex jiħħeġġjaw it-tranżazzjonijiet tagħhom jew biex jinvestu. Din il-proposta għalhekk se tiffaċilita aktar tranżazzjonijiet transfruntieri fl-UE u tippromwovi suq tas-CCPs tal-UE effiċjenti u kompetittiv, u b'hekk tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

*Impatt fuq il-baġit tal-UE*

Kollox ma' kollox, it-tibdil maħsub għas-superviżjoni tas-CCPs tal-UE mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE, minħabba li l-ispejjeż addizjonali kollha, bħal aktar riżorsi għall-mekkaniżmu Ewropew ikunu koperti minn tariffi superviżorji miġbura mis-CCPs. Tali tibdil, madankollu għandu eventwalment jibbenefika lill-parteċipanti fis-suq u l-istati membri kollha, għax se jwasslu għal suq tal-ikklerjar iktar sigur fl-UE. Kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar l-impatt finanzjarju tat-tisħiħ tas-superviżjoni għas-CCPs stabbiliti fl-UE jinsabu diskussi fit-taqsimiet iktar 'l isfel.

B'mod simili, it-tibdil ippjanat li jimmitiga r-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi wkoll ma jkollu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE, minħabba li r-riżorsi addizzjonali li jkunu meħtieġa għall-mekkaniżmu Ewropew ukoll jiġu ffinanzjati mill-ġbir tat-tariffi superviżorji minn CCPs ta' pajjiżi terzi. Dan madankollu jkun ta' benefiċċju tal-UE għax inaqqas il-probabbiltà li jiġu importati riskji ta' stabbiltà finanzjarja fl-UE u jiżgura li l-kontropartijiet tal-UE li jagħmlu tranżazzjonijiet ma' CCPs ta' pajjiżi terzi joperaw f'ambjent sigur, u b'hekk jiġu promossi swieq globali b'saħħithom u stabbli.

### 3.5. Drittijiet fundamentali

L-UE hija impenjata favur standards għoljin tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hija firmatarja għal sett wiesa' ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, mhuwiex probabbli li l-proposta se jkollha impatt dirett fuq dawn id-drittijiet, kif elenkati fil-konvenzjonijiet ewlenin tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li hija parti integrali mit-Trattati tal-UE, u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-bidliet intiżi biex isaħħu s-superviżjoni tas-CCPs tal-UE u biex jimmitigaw ir-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi mhumiex mistennija li jħallu impatt fuq il-baġit tal-UE.

Kompiti addizzjonali possibbli għall-AETS, bħall-ipproċessar tar-reġistrazzjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi u s-superviżjoni kontinwa tagħhom, jistgħu jwasslu għal ħtieġa ta' żieda fir-riżorsi ppjanati tal-AETS. Madankollu, kull kost addizzjonali għall-baġit tal-UE jkun allevjat minn mekkaniżmi biex jiżdied il-finanzjament tal-mekkaniżmu Ewropew, bħall-ġbir ta' tariffi mis-CCPs ibbażati fl-UE u pajjiżi terzi li hi tkun qed tissorvelja direttament.

L-impatt finanzjarju u baġitarju tal-proposta huwa indikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva annessa ma' din il-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

### 5.1. Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Din il-proposta tinkludi rekwiżit li jgħid li jinħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-EMIR fl-intier tiegħu, b'enfasi partikolari fuq l-effettività u l-effiċjenza tal-arranġamenti superviżorji proposti biex jilħqu l-objettiv oriġinali tal-EMIR li tiżdied l-istabbiltà finanzjarja. L-evalwazzjoni għaldaqstant jinħtieġ li tikkunsidra l-aspetti kollha tal-EMIR, iżda b'mod partikolari dan li ġej:

- L-għadd ta' CCPs li daħlu fl-irkupru jew ir-riżoluzzjoni;
- L-għadd ta' drabi li l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim intuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
- L-għadd ta' verifiki fuq il-post ta' CCPs ta' pajjiżi terzi;
- L-għadd ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti;
- L-għadd ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza u/jew rikonoxximent minn CCPs ta' pajjiżi terzi;
- Kostijiet stmati għall-kontropartijiet tal-UE.

Fil-prinċipju, din l-evalwazzjoni trid issir tal-anqas ħames (5) snin wara l-applikazzjoni ta' dawn l-emendi.

Jinħtieġ li l-evalwazzjoni tfittex li tiġbor kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati kollha, iżda b'mod partikolari mingħand is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar, kontropartijiet finanzjarji żgħar u, b'mod ġenerali, klijenti u klijenti indiretti tal-membri tal-ikklerjar. Ikun meħtieġ ukoll kontribut mill-AETS kif ukoll mingħand awtoritajiet nazzjonali u banek ċentrali. Ikun hemm bżonn li d-data statistika għall-analiżi tintalab mingħand l-ESMA.

## 5.2. Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

### *5.2.1. Ħolqien tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs fil-Bord tas-Superviżuri tal-AETS*

**Emendi biex jispeċifikaw ir-relazzjoni bejn is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u l-Bord tas-Superviżuri tal-AETS (Ir-Regolament tal-AETS, 4, 6, 40, 42, 43)**

L-Artikolu 1(1) jintroduċi paragrafu ġdid (4) fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-AETS biex jagħti definizzjoni ta' CCP allinjati ma' dik tal-EMIR.

L-Artikolu 1(2) idaħħal punt ġdid (1a) fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-AETS biex jistabbilixxi Bord tas-Superviżuri f'Sessjoni Eżekuttiva (Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs) fi ħdan l-AETS fil-qasam tas-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 1(4) idaħħal punt ġdid (f) fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament tal-AETS sabiex jistabbilixxi li l-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom ikunu membri li ma jivvutawx tal-Bord tas-Superviżuri tal-AETS.

L-Artiklu 1(5) jemenda l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42 tar-Regolament tal-AETS biex jipprevedi li l-President, il-membri votanti tal-Bord tas-Superviżuri, il-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jaġixxu indipendentement u oġġettivament fl-interess tal-Unjoni.

L-Artikolu 1(6) jemenda l-paragrafu (1) tal-Artikolu 43 tar-Regolament dwar l-AETS biex jistabbilixxi d-distinzjoni bejn il-kompiti tal-Bord tas-Superviżuri u l-kompiti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. L-Artikolu 1(6) jissostitwixxi wkoll il-paragrafu (8) tal-Artikolu 43 tar-Regolament tal-AETS biex iżid li l-Bord tas-Superviżuri jeżerċita awtorità fuq id-Direttur Eżekuttiv bi qbil mas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs.

**Emendi bil-ħsieb li jistabbilixxu l-organizzazzjoni tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs (ir-Regolament tal-AETS, l-Artikoli 44a sa 44c il-ġodda).**

Sabiex jistabbilixxi kif il-Bord tas-Superviżuri fis-Sessjoni Eżekuttiva (is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs) se jiġi organizzat fi ħdan l-AETS, l-Artikolu 1(7) idaħħal l-Artikoli ġodda 44a, 44b, u 44c bħala parti mit-Taqsima 1A l-ġdida fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-AETS. It-Taqsima 1A l-ġdida tistabbilixxi l-kompożizzjoni tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, il-kompiti u s-setgħat deċiżjonali tagħha biex tiżgura approċċ superviżorju koerenti madwar l-UE, livell xieraq ta' għarfien espert kif ukoll proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet rapidu u effettiv f'dak b'rabta mas-superviżjoni tas-CCPs.

L-Artikolu 44a l-ġdid jipprevedi li l-Bord tas-Superviżuri fis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs tiegħu għandu jkun magħmul minn: (i) membri permanenti, inkluż Kap indipendenti u żewġ Diretturi, li għandu jkollhom vot, u rappreżentant tal-BĊE u tal-Kummissjoni, li ma għandhomx ikunu votanti; u (ii) membri speċifiċi għal kull CCP, inkluż rappreżentant tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit is-CCPs, li għandhom ikunu votanti, u rappreżentant tal-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti, li ma għandhomx ikunu votanti. Jinħtieġ li l-membri permanenti jieħdu sehem fil-laqgħat kollha tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. Membri speċifikament tas-CCPs jinħtieġ li jieħdu sehem fejn ikun meħtieġ u xieraq għas-CCPs taħt is-superviżjoni tagħhom. Il-Kap jista' jistieden ukoll membri oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri preżenti bis-saħħa tal-Artikolu 18 tal-EMIR u rappreżentati ta' awtoritajiet ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-AETS bħala osservaturi biex jiġi żgurat li l-fehmiet tal-awtoritajiet rilevanti l-oħrajn jiġu meqjusin kemm meħtieġ mis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. Il-preżenza ta' membri permanenti indipendenti u membri speċifiċi tas-CCPs se tiżgura li d-deċiżjonijiet li jsiru fis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs ikunu kemm konsistenti, xierqa u proporzjonali madwar l-UE, kif ukoll li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-banek ċentrali ta' emissjoni u l-osservaturi rilevanti jkunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw CCP stabbilita fi Stat Membru. Meta tkun qed issir deċiżjoni dwar CCP ta' pajjiż terz, il-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCP u l-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti tal-muniti tal-Unjoni biss għandhom jipparteċipaw fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

L-Artikolu 44b il-ġdid jipprevedi li s-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha taqdi lista ta' kompiti speċifiċi assenjati lilha skont l-EMIR biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern kif ukoll l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u l-Istati Membri. Ir-referenzi għall-AETS fl-emendi għall-EMIR f'din il-proposta għaldaqstant jirreferu għas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs sakemm ma jkunx indikat mod ieħor. Dan jipprevedi wkoll li s-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jkollha persunal dedikat u riżorsi adegwati biex jiggarantixxu l-awtonomija, l-indipendenza, u l-funzjonament adegwat tagħha.

L-Artikolu 44c il-ġdid jistabbilixxi li, sabiex ikun garantit proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet rapidu u effettiv, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha f'konformità mad-drittijiet tal-vot stabbiliti bis-saħħa tal-Artikolu 44a(1) il-ġdid, u li l-Kap għandu jkollu l-vot deċiżivi fil-każ ta' parità.

**Emendi biex jistabbilixxu l-akkontabilità u l-indipendenza tal-membri tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs (Ir-Regolament tal-AETS, l-Artikolu 48a il-ġdid, l-Artikoli 49 u 50)**

L-Artikolu 1(8) jissostitwixxi t-titolu tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu III tar-Regolament tal-AETS biex jistabbilixxi r-rekwiżiti li japplikaw għall-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs.

L-Artikolu 1(9) idaħħal l-Artikolu 48a l-ġdid biex jipprovdi għall-ħatra u l-kompiti tal-Kap u d-Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. L-Artikolu 48(a) jistabbilixxi li l-Kap u ż-żewġ Diretturi għandhom ikunu maħturin fuq il-bażi tal-mertu, il-ħiliet tagħhom, l-għarfien dwar l-ikklerjar, kwistjonijiet ta' wara n-negozjar u finanzjarji, u ta' esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni tas-CCPs sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' għarfien espert, abbażi ta' proċedura tal-għażla miftuħa. L-Artikolu 48a(4) jispeċifika li l-Kummissjoni se tagħmel proposta għall-ħatra ta' kandidati lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill se jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li taħtar il-Kap u ż-żewġ Diretturi. L-involviment tal-koleġiżlaturi fil-proċedura tal-ħatra se jiżgura t-trasparenza u l-kontroll demokratiku. Barra minn hekk, l-Artikolu 48a(5) jistabbilixxi li l-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni approvata mill-Parlament Ewropew, jadotta att ta' implimentazzjoni biex ineħħi lill-Kap jew lid-Diretturi taħt ċerti kundizzjonijiet, sabiex jagħmilhom akkontabbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill u jissalvagwardja d-drittijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

L-Artikolu 1(10) jemenda l-Artikolu 49 tar-Regolament tal-AETS biex jistabbilixxi li l-Kap u d-Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jaġixxu indipendentement u oġġettivament fl-interess tal-Unjoni.

L-Artikolu 1(11) jemenda l-Artikolu 50 tar-Regolament tal-AETS biex jipprovdi li, sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà demokratika, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistiednu l-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs biex jagħmel dikjarazzjoni, kull meta jkun mitlub. Barra minn hekk, il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs huwa meħtieġ jirrapporta bil-miktub dwar l-attivitajiet ewlenin tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs lill-Parlament Ewropew meta jintalab u jirrapporta kull informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi *ad hoc*.

**Emendi biex jispeċifikaw l-interazzjonijiet bejn is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u l-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv tal-AETS, it-tħejjija tal-baġit u s-segretezza professjonali (ir-Regolament tal-AETS, l-Artikoli 53, 63 u 70)**

L-Artikolu 1(12) jemenda l-Artikolu 53 tar-Regolament tal-AETS biex jistabbilixxi l-interazzjoni bejn is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u l-kompiti tad-Direttur Eżekuttiv tal-AETS. Il-punt (a) tal-Artikolu 1(12) jemenda l-paragrafu (2) tal-Artikolu 53 biex jispeċifika li d-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu inknsiderazzjoni l-gwida tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-AETS, taħt il-kontroll tal-Bord Maniġerjali. Il-punt (b) tal-Artikolu 1(12) jemenda l-paragrafu (4) tal-Artikolu 53 biex jispeċifika li d-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb l-approvazzjoni tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għall-kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha meta jkun qed iħejji l-programm ta' ħidma multiannwali, qabel ma jgħaddih lill-Bord Maniġerjali. Il-punt (c) tal-Artikolu 1(12) jemenda l-paragrafu (7) tal-Artikolu 53 biex jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv jikseb l-approvazzjoni tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għall-kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha meta jkun qed iħejji abbozz ta' rapport dwar l-attivitajiet tal-AETS, qabel ma jibagħtu lill-Bord Maniġerjali.

L-Artikolu 1(13) idaħħal paragrafu ġdid (1a) fl-Artikolu 63 tar-Regolament tal-AETS biex jistabbilixxi li l-infiq u t-tariffi relatati mal-kompiti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs

għandhom ikunu identifikabbli separatament fid-dikjarazzjoni tal-estimi tal-AETS. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha tapprova l-abbozz imħejji mid-Direttur Eżekuttiv relatat ma' tali infiq u tariffi qabel l-adozzjoni tad-dikjarazzjoni tal-estimi.

L-Artikolu 1(14) jemenda l-paragrafu (1) tal-Artikolu 70 tar-Regolament tal-AETS biex jipprovdi li l-membri tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u l-provvedimenti rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, saħansitra wara li dmirijiethom ikunu waqfu.

**Emendi bl-għan li tissaħħaħ l-abbiltà tal-AETS li tiġbor l-informazzjoni (ir-Regolament tal-AETS, l-Artikolu 35)**

L-Artikolu 1(3) jissostitwixxi s-sitt paragrafu tal-Artikolu 35 tar-Regolament tal-AETS biex jipprovdi li, meta l-informazzjoni kompluta ma tkunx disponibbli mill-awtoritajiet kompetenti jew entitajiet oħrajn fl-Istat Membru, l-AETS tista' titlob l-informazzjoni direttament minn CCP awtorizzat jew rikonoxxut, depożitorju ċentrali tat-titoli awtorizzat u ċentru tan-negozjar awtorizzat. L-AETS għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti b'tali talbiet.

*5.2.2. Superviżjoni ta' CCPs stabbiliti fl-Unjoni*

**Emendi għall-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni ta' CCP stabbilita fl-UE (l-Artikoli tal-EMIR 17, 18, 19, 20 u 21)**

*Proċedura għall-għoti u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni*

L-Artikolu 2(2) jemenda l-paragrafu (3) tal-Artikolu 17 tal-EMIR biex il-valutazzjoni minn awtorità kompetenti tal-kompletezza ta' applikazzjoni ta' CCP issir b'konsultazzjoni mal-AETS u li l-AETS u l-kulleġġ ikunu infurmati b'kull informazzjoni addizzjonali li l-awtorità kompetenti tkun irċeviet rigward applikazzjoni.

*Il-president u l-kompożizzjoni tal-kulleġġ*

L-Artikolu 2(3) jemenda l-Artikolu 18 tal-EMIR biex jikkjarifika t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet fil-kulleġġ. L-Artikolu 18(1) il-ġdid jipprovdi li l-kulleġġ għandu jkun presedut u mmaniġġjat mill-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. Il-punt (a) l-ġdid fl-Artikolu 18(2) tal-EMIR jistabbilixxi li l-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jattendu l-Kulleġġ minflok l-AETS. Il-punt (c) il-ġdid fl-Artikolu 18(2) tal-EMIR iżid, fejn rilevanti, il-BĊE f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 mal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar tas-CCP li huma stabbiliti fit-tliet Stati Membri bl-ikbar kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza tal-kontroparti ċentrali imsemmi fl-Artikolu 42 fuq bażi aggregata tul perjodu ta' sena.

*Opinjoni tal-kulleġġ*

L-Artikolu 2(4) jemenda l-Artikolu 19(3) tal-EMIR rigward id-drittijiet tal-vot tal-membri tal-kulleġġ biex jistabbilixxi li l-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jkollhom vot kull wieħed, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissjoni, li ma għandux ikollu vot.

*Irtirar tal-awtorizzazzjoni*

L-Artikolu 2(5) jemenda l-Artikolu 20(6) tal-EMIR biex jipprovdi li l-awtorità kompetenti ta' CCP għandha tibgħat lill-AETS u lill-membri tal-kulleġġ l-abbozz ta' deċiżjoni rraġunat kompletament dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

*Rieżami u evalwazzjoni*

Il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(6) jissostitwixxu l-paragrafi (1) u (3) tal-Artikolu 21 tal-EMIR b'rabta mar-rieżami u l-evalwazzjoni tas-CCPs awtorizzati. L-Artikolu 21(1) il-ġdid jipprovdi li r-rieżami u l-evalwazzjoni minn awtorità kompetenti tal-konformità ta' CCP mal-EMIR isiru f'kooperazzjoni mal-AETS. L-Artikolu 21(3) jistabbilixxi li l-AETS se tistabbilixxi l-frekwenza u l-profondità ta' tali rieżami u evalwazzjoni, u tipprovdi li l-persunal tal-AETS jinħtieġ li jkun mistieden jieħu sehem f'kull spezzjoni fuq il-post. Jirrikjedi wkoll li l-awtorità tgħaddi lill-AETS kull informazzjoni li tirċievi minn CCP u li l-awtorità kompetenti titlob kull informazzjoni li l-AETS titlob li ma tistax tipprovdi mis-CCP relevanti.

**Emendi relatati mal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fl-UE (l-Artikoli tal-EMIR 21a, 21b u 21c il-ġodda)**

L-Artikolu 2(7) idaħħal l-Artikoli 21a, 21b u 21c il-ġodda fl-EMIR biex jistabbilixxu r-rwol tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs b'rabta mal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs u biex jikkjarifikaw it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet.

Filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkomplu jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet superviżorji preżenti tagħhom skont l-EMIR, il-kunsens minn qabel tal-AETS u, fejn xieraq, tal-banek ċentrali ta' emissjoni, huwa meħtieġ għal ċerti deċiżjonijiet sabiex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja tas-CCPs madwar l-Unjoni. L-Artikolu 21a l-ġdid jistipula li l-awtoritajiet kompetenti se jħejju abbozzi finali ta' deċiżjonijiet u jippreżentawhom għall-kunsens minn qabel tal-AETS għal deċiżjonijiet marbutin mal-aċċess għal CCP, aċċess għal ċentru tan-negozjar, rekwiżiti kapitali, irtirar tal-awtorizzazzjoni, rieżami u evalwazzjoni, azzjonisti u membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti, informazzjoni lil awtoritajiet kompetenti, rieżami ta' mudelli, simulazzjoni ta' kriżi u ttestjar retrospettiv, u l-approvazzjoni tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà. Kull deċiżjoni oħra marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 22 b'rabta mar-rekwiżiti stabbiliti għas-CCPs u l-arranġament tal-interoperabbiltà fit-Titoli IV u V tal-EMIR ukoll se jkunu soġġetti għall-kunsens minn qabel tal-AETS. Jekk l-AETS tipproponi emendi għal ċerti abbozzi finali ta' deċiżjonijiet ta' awtorità kompetenti, tali deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati biss ladarba dawn ikunu ġew emendati kif mitlub mill-AETS. Jekk l-AETS toġġezzjona għal ċerti abbozzi finali ta' deċiżjonijiet ta' awtorità kompetenti, dawk id-deċiżjonijiet ma għandhomx jiġu adottati. L-Artikolu 21a l-ġdid jintroduċi wkoll mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-AETS u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Jekk awtorità kompetenti ma tkunx taqbel mal-emendi jew l-oġġezzjonijiet mill-AETS kontra ċerti abbozzi finali ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, din il-kwistjoni għandha tiġi riferuta għal deċiżjoni finali lill-Bord tas-Superviżuri tal-AETS. Finalment, l-Artikolu 21a l-ġdid jistipula li l-AETS tista' tadotta deċiżjoni individwali dwar parteċipant fis-swieq finanzjarji meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiċħdu l-opinjoni jew talbiet min-naħa tal-AETS.

B'mod simili, il-kunsens minn qabel tal-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti huwa meħtieġ għal ċerti deċiżjonijiet previsti mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, minħabba r-riskji potenzjali li l-malfunzjoni ta' CCP tista' tippreżenta lid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tal-operat mingħajr xkiel tas-sistemi ta' pagament. Filwaqt li l-mandati tal-banek ċentrali u tas-superviżuri jistgħu jikkoinċidu, hemm

potenzjal għal nuqqas ta' allinjament meta l-azzjonijiet superviżorji jkollhom impatt fuq responsabbiltajiet ewlenin tal-banek ċentrali bħall-istabbiltà fil-prezzijiet, il-politika monetarja, u s-sistemi ta' pagament. L-Artikolu 21b il-ġdid jipprovdi għall-kompiti tal-bank ċentrali ta' emissjoni rilevanti sabiex jistabbilixxi t-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-arranġamenti ta' ħlas u s-saldu u r-riskju tal-likwidità relatat. Il-proċeduri ta' ġestjoni għat-tranżazzjonijiet denominati fil-munita tal-bank ċentrali ta' emissjoni. L-Artikolu 21b il-ġdid jistipula li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu l-kunsens tal-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti għal deċiżjonijiet relatati mal-awtorizzazzjoni ta' CCP, l-estensjoni ta' attivitajiet u servizzi ta' CCP, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, rekwiżit tal-marġini, kontrolli tar-riskju tal-likwidità, rekwiżit tal-kollateral, riżoluzzjoni u approvazzjoni ta' arranġament tal-interoperabbiltà.

Fil-każ li l-bank ċentrali ta' emissjoni rilevanti joġġezzjona għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' awtorità kompetenti f'dawn l-oqsma, dawn id-deċiżjonijiet ma jiġux adottati. Fil-każ li l-bank ċentrali ta' emissjoni jipproponi emendi għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet ta' awtorità kompetenti f'dawn l-oqsma, dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati biss skont kif ikunu emendati.

L-Artikolu 21c il-ġdid jistipula li kemm is-CCPs stabbiliti fl-Istati Membri kif ukoll is-CCPs ta' pajjiżi għandhom iħallsus tariffi għall-kompiti superviżorji u amministrattivi tal-AETS għal (i) applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 17, (ii) applikazzjonijiet għal rikonoxximent skont l-Artikolu 25, u (iii) tariffi annwali assoċjati mal-kompiti taħt ir-responsabbiltà tal-AETS. Il-Kummissjoni se tispeċifika ulterjorment f'att delegat it-tipi ta' tariffi, il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-manjiera li jridu jitħallsu bihom minn CCPs tal-Unjoni awtorizzati u applikanti, CCPs ta' pajjiż terzi rikonoxxuti li mhumiex sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 1) u CCPs rikonoxxuti li huma, li aktarx isiru, sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew iktar tagħha (CCPs tal-Grad 2). Dawn it-tariffi superviżorji se jippermettu li jiġu ffinanzjati l-kompiti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u jippermettu lill-AETS twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha.

**Emendi relatati mal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet (EMIR, l-Artikolu 24)**

L-Artikolu 2(8) jemenda l-Artikolu 24 tal-EMIR biex iżid effetti negattivi potenzjali għat-trażmissjoni tal-politika monetarja u l-ħidma mingħajr xkiel tas-sistemi ta' pagament għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li għalihom l-awtorità kompetenti tas-CCP jew awtorità oħra għandhom jinformaw lill-AETS, lill-kulleġġ, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ u awtoritajiet relevanti oħrajn mingħajr dewmien bla bżonn.

*5.2.3. CCPs ta' pajjiżi terzi*

Fil-ħames snin mindu ġie adottat l-EMIR, il-volum ta' attività tas-CCPs – fl-UE u globalment – kiber rapidament, kemm fid-daqs kif ukoll fl-ambitu. L-ikklerjar ċentrali żied fl-importanza għad-derivattivi tar-rata tal-imgħax u ta' kreditu. Ir-rwol tas-CCPs, li qiegħed jikber rapidament, fis-sistema finanzjarja globali mhux biss jirrifletti l-introduzzjoni tal-obbligi ta' kklerjar ċentrali fi klassijiet tal-assi differenti, iżda wkoll l-użu volontarju ikbar tal-ikklerjar ċentrali hi u tikber il-kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-ikklerjar ċentrali fost l-operaturi tas-suq. L-EMIR diġà jirrikjedi li ċerti derivattivi tar-rata tal-imgħax u swaps ta' inadempjenza ta' kreditu jkunu kklerjati ċentralment, konformi ma rekwiżiti simili f'pajjiżi oħra tal-G20. Ir-regoli dwar il-kapital tal-banek ukoll inbidlu biex jinċentivaw l-ikklerjar ċentrali u jagħmlu l-ikklerjar bilaterali għażla ogħla f'termini relattivi, filwaqt li t-tranżazzjonijiet bilaterali saru

soġġetti għal rekwiżiti ta' kollateral addizzjonali sa minn Marzu 2017. B'riżultat ta' dan, l-ikklerjar żdied, iżda issa huwa kkonċentrat f'għadd relattivament limitat ta' CCPs globali.

Bħalissa, 28 CCP ta' pajjiżi terzi ġew rikonoxxuti bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza tal-EMIR. Hemm 12-il CCP ieħor minn 10 ġurisdizzjonijiet li applikaw għar-rikonoxximent u li qed jistennew deċiżjoni min-naħa tal-Kummissjoni dwar l-ekwivalenza tar-reġimi regolatorji u superviżorji tagħhom.

**Emendi bl-għan li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-ekwivalenza tar-reġimi CCP ta' pajjiżi terzi (EMIR, l-Artikolu 25(6))**

Il-Kummissjoni se tkompli tiddetermina permezz ta' deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza li l-oqfsa legali u superviżorji ta' pajjiżi terzi jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti skont l-EMIR għall-għan li jkun jista' jsir ir-rikonoxximent ta' CCPs ibbażati f'dawk il-pajjiżi. Din il-proposta tikkonferma li l-Kummissjoni tista' tissoġġetta determinazzjoni ta' ekwivalenza għal aktar kundizzjonijiet. Il-punt (e) tal-Artikolu 2(9) idaħħal paragrafi ġodda (6a) u 6(b) sabiex il-Kummissjoni tkun tista', jekk meħtieġ, tispeċifika permezz ta' Att Delegat il-kriterji li għandhom jintużaw fil-valutazzjoni tagħha biex tagħti ekwivalenza lil reġimi CCP ta' pajjiżi terzi. Il-paragrafu ġdid (6b) fl-Artikolu 25(6) tal-EMIR jagħti l-kompitu lill-AETS bil-monitoraġġ tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji fir-reġimi CCP ta' pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tkun ikkunsidrathom ekwivalenti.

**Emendi rigward ir-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (EMIR, l-Artikolu 6, il-paragrafi (2), (2a) ġdid, (2b) ġdid u (2c) ġdid fl-Artikolu 25, u l-Artikolu 25a ġdid)**

*Aktar trasparenza*

Sabiex tikber it-trasparenza għall-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku in ġenerali, l-EMIR qed jiġi emendat biex jiċċara r-reġistrazzjoni tas-CCPs billi jingħataw aktar dettalji fir-reġistru pubbliku tal-AETS (l-Artikolu 2(1) jemenda l-punt (b) fl-Artikolu 6(2)).

Ma ġew introdotti l-ebda rekwiżiti addizzjonali fil-proposta għal CCPs rikonoxxuti ta' pajjiżi terzi.

*Il-klassifikazzjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi mhux sistemikament importanti (Grad 1) u CCPs ta' pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti (Grad 2)*

Fid-dawl taż-żieda globali fl-ikklerjar u l-konċentrazzjoni tar-riskju f'għadd limitat ta' CCPs globali, hemm bżonn li tiġi introdotta differenzjazzjoni skont it-tip ta' CCP ta' pajjiż terz rikonoxxuta skont l-EMIR. Għalhekk din il-proposta teħtieġ li, meta tkun qed tikkunsidra applikazzjoni għal rikonoxximent, l-AETS se jkollha bżonn tikkunsidra l-grad tar-riskju sistemiku li tippreżenta CCP ta' pajjiż terz. Sabiex jintlaħaq dan, u sabiex tiġi introdotta applikazzjoni proporzjonata tar-rekwiżiti, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn CCPs ta' riskju aktar baxx u dawk li huma, jew se jkunu, sistemikament importanti għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Dan jirrifletti l-fatt li mhux is-CCPs kollha tal-pajjiżi terzi huma ta' importanza sistemika ndaqs. Dan se jkun jiddependi fuq l-ambitu u t-tip ta' tranżazzjonijiet ikklerjati kif ukoll il-volum tal-attività ta' kklerjar tagħhom. Pereżempju, CCP ta' pajjiż terz li huwa relattivament żgħir li tikklerja għadd limitat biss ta' kuntratti li huma, pereżempju, denominati f'munita lokali oġġettivament se tippreżenta inqas tħassib minn CCP ta' pajjiż terz li tikklerja volumi sinifikanti ta' kuntratti li jkunu denominati f'munita tal-Unjoni.

Għalhekk qed jiġi propost li l-AETS ikollha s-setgħa li tiddistingwi bejn CCPs li jkunu, jew x'aktarx isiru, sistemikament importanti u dawk li ma jkunux. CCPs ta' pajjiżi terzi li l-AETS ddeterminat bħala sistemikament mhux importanti jew mhux probabbli li jsiru importanti għall-Unjoni u għall-Istati Membri jissejħu "Grad 1" (Il-punt (a) tal-Artikolu 2(9) idaħħal l-punt (e) fl-Artikolu 25(2) tal-EMIR. Dawn is-CCPs ta' Gradi 1 se jkomplu jkunu s-suġġett tal-arranġamenti u l-kundizzjonijiet attwali għad-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza ta' pajjiżi terzi adottati mill-Kummissjoni, u li jippermettu li l-AETS tirrikonoxxi CCPs ta' pajjiżi terzi individwali. L-AETS se jkollha wkoll il-kompitu ta' responsabbiltajiet ġodda fir-rigward tas-superviżjoni fuq dawn is-CCPs tal-Grad 1 rikonoxxuti.

B'kuntrast ma' CCPs ta' Gradi 1, l-AETS se tkun ukoll tista' tiddetermina kategorija differenti ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li jkunu meqjusa sistemikament importanti jew li x'aktarx isiru sistemikament importanti fil-futur qrib għall-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-Unjoni u tal-Istati Membri (hekk imsejħa CCPs ta' Grad 2). Dan huwa previst fil-punt (c) tal-Artikolu 2(9) li jdaħħal paragrafu ġdid (2a) fl-Artikolu 25 tal-EMIR.

Sabiex l-AETS tkun tista' tiddetermina jekk CCP ta' pajjiż terz hijiex ta' "Grad 2", qed ikunu previsti erba' kriterji oġġettivi (l-Artikolu 25(2a) ġdid):

(i) in-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tas-CCP tal-pajjiż terz;

(ii) l-effett li l-falliment ta' CCP ta' pajjiż terz, jew it-tfixkil tiegħu, ikollu fuq is-swieq kritiċi, l-istituzzjonijiet finanzjarji, jew is-sistema finanzjarja usa' u fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-UE;

(iii) l-istruttura ta' sħubija tal-ikklerjar ta' CCP ta' pajjiż terz, kif ukoll

(iv) ir-relazzjoni ta' CCP ta' pajjiż terz, l-interdipendenzi, jew interazzjonijiet oħrajn ma' infrastrutturi oħra tas-suq finanzjarju.

Dawn il-kriterji se jkollhom jiġu speċifikati aktar mill-Kummissjoni f'att delegat (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 25(2a)) fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-Regolament.

Il-konsegwenza meta l-AETS tiddetermina li CCP ta' pajjiż terz hija CCP ta' Grad 2 hi li dik is-CCP tista' tiġi rikonoxxuta u tista' tipprovdi servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar fl-Unjoni biss jekk tissodisfa kundizzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kundizzjonijiet huma meħtieġa biex jirriflettu t-tħassib addizzjonali li jirriżulta għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. CCPs li jkunu diġà ġew rikonoxxuti skont ir-reġim kurrenti tal-EMIR se jkomplu jkunu rikonoxxuti bħala CCPs ta' Grad 1 sakemm l-AETS tkun iddeterminat jekk dawn is-CCPs ta' pajjiżi terzi humiex CCPs ta' "Grad 2".

*Rekwiżiti proporzjonati għal CCPs ta' pajjiżi terzi ta' Grad 2 li huma sistemikament importanti*

Ir-rekwiżiti addizzjonali li CCPs ta' pajjiżi terzi li huma sistemikament importanti għandhom jissodisfaw huma erbgħa (ara l-punt (b) tal-Artikolu 2(9)):

(i) konformità kontinwa mar-rekwiżiti prudenzjali rilevanti u neċessarji għas-CCPs tal-UE. Dawn ir-rekwiżiti jikkonċernaw rekwiżiti kapitali, rekwiżiti għall-ġestjoni interna tal-organizzazzjoni, il-kondotta kummerċjali, il-marġini, il-fond tal-inadempjenza, ir-riżorsi finanzjarji, il-likwidità, l-investimenti, l-ittestjar tal-istress, is-saldu u l-interoperabbiltà. Dawn huma bħalissa stipulati fl-Artikolu 16 u fit-Titoli IV u V tal-EMIR;

(ii) konferma bil-miktub – fi żmien 180 jum – mill-banek ċentrali rilevanti ta' emissjoni tal-UE li s-CCP tal-pajjiż terz hija konformi ma' kull rekwiżit impost minn dawk il-banek ċentrali. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jiġu imposti mill-banek ċentrali fit-tħaddim tal-kompiti tal-politika monetarja tagħhom. Bħala eżempju, dawn jistgħu jinkludu rekwiżiti addizzjonali sabiex jindirizzaw ir-riskji għal arranġamenti dwar il-likwidità, il-ħlas jew is-saldu fl-Unjoni jew fl-Istati Membri. Aktar partikolarment dawn jistgħu jikkonċernaw id-disponibbiltà u t-tip speċifiku tal-kollateral miżmum f'CCP, il-livell ta' kwalunkwe "haircuts" applikati għall-kollateral, għall-politika ta' investiment jew għas-segregazzjoni tal-kapital, id-disponibbiltà tal-arranġamenti ta' likwidità bejn il-banek ċentrali involuti, l-impatt potenzjali tal-operazzjonijiet tas-CCPs u l-implikazzjonijiet tal-possibbiltà ta' tfixkil jew falliment tagħhom għas-sistema u l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

(iii) sabiex l-AETS tkun tista' tħaddem ir-responsabbiltajiet superviżorji ġodda tagħha għandu jkun hemm ukoll kunsens bil-miktub mis-CCP tal-pajjiż terz li l-AETS jista' jkollha aċċess għal kull informazzjoni miżmuma mis-CCP u jista' jkollha aċċess meta titlob dan, għal kull uffiċċju fejn isir ix-xogħol. Naturalment, dan irid ikollu saħħa ta' eżekuzzjoni fil-pajjiż terz, u jinħtieġ li tkun disponibbli opinjoni legali li tikkonferma li dan huwa l-każ;

(iv) is-CCP ta' pajjiż terz jinħtieġ li jkollha l-proċeduri u l-miżuri kollha neċessarji sabiex tkun tista' tikkonforma mal-ewwel u mat-tielet kundizzjoni ta' hawn fuq.

Peress li r-rekwiżiti ta' hawn fuq iridu jiġu applikati b'mod proporzjonat, il-proposta tintroduċi sistema li skontha CCP ta' pajjiż terz tista' tkompli tiddependi fuq ir-regoli u r-rekwiżiti fil-pajjiż tagħha stess. Din is-sistema ġdida ta' konformità komparabbli – li tikkonforma mal-istandards tal-FSB u tirrifletti sistema simili applikata mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti – tiddependi fuq proċedura sempliċi li skontha s-CCP ta' pajjiż terz tista' titlob lill-AETS biex tqabbel ir-rekwiżiti tal-AETS u l-istandards superviżorji tal-UE għas-CCPs ma' dawk tal-pajjiż terz. Meta dawn ikunu komparabbli, l-AETS tista' tiddetermina li l-applikazzjoni ta' uħud mir-rekwiżiti fis-seħħ jew kollha kemm huma kif ukoll l-infurzar superviżorju korrispondenti f'dak il-pajjiż terz tipprovdi prestazzjoni komparabbli għall-applikazzjoni tal-EMIR u tirrinunzja l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-EMIR korrispondenti  Dan l-approċċ se jnaqqas b'mod sinifikanti kull piż li jirriżulta mill-applikazzjoni doppja tar-regoli u r-rekwiżiti. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tadotta att delegat biex tispeċifika d-dettalji tal-valutazzjoni li twettaq l-AETS (l-Artikolu l-ġdid 25a).

Madankollu, fid-dawl tal-konċentrazzjoni dejjem tikber ta' servizzi ta' kklerjar f'għadd limitat ta' CCPs globali, u ż-żieda fir-riskju li titlob din il-konċentrazzjoni, xi CCPs jistgħu jkunu ta' importanza sistemika speċifikament sostanzjali għas-sistema finanzjarja tal-UE. Għaldaqstant, meta tkun qed tiddetermina jekk CCP ta' pajjiż terz hijiex ta' importanza sistemika, jew x'aktarx li ssir ta' importanza sistemika, l-AETS tista' tiddetermina wkoll, bi ftehim mal-bank/banek ċentrali rilevanti, li r-riskji li tippreżenta dik l-entità għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha huma ta' tali daqs li anki sistema ta' applikazzjoni sħiħa ta' EMIR għal din is-CCP ta' pajjiż terz mhijiex biżżejjed biex timmitiga b'mod suffiċjenti tali riskji u għaldaqstant ma jinħtieġx li tiġi rikonoxxuta. Meta ssir determinazzjoni bħal din li l-isfidi għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja fl-UE ma tistax tiġi indirizzata permezz tal-proċess ta' rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiż terz, qed jiġi propost li l-AETS, bi ftehim mal-banek ċentrali rilevanti tal-UE, jkollha s-setgħa li tirrakkomanda lill-Kummissjoni, li dik is-CCP ma jinħtieġx li tiġi rikonoxxuta. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tieħu deċiżjoni li dik is-CCP ma jinħtieġx li tiġi rikonoxxuta u jekk tkun tixtieq tipprovdi servizzi ta' kklerjar fl-Unjoni, jinħtieġ li tkun awtorizzata u stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri (il-paragrafu ġdid (2c) tal-Artikolu 25).

**Emendi li jsaħħu s-superviżjoni attwali ta' CCPs ta' pajjiżi terzi wara r-rikonoxximent (l-Artikoli 25(5), 25(6), 25(7) tal-EMIR, l-Artikoli 25b sa 25m ġodda)**

*Superviżjoni tal-AETS fuq CCPs ta' pajjiżi terzi*

Bħala tweġiba għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' ekwivalenza u rikonoxximent għas-superviżjoni tas-CCPs ta' pajjiżi terzi tal-EMIR, qed jiġi propost li s-setgħat tal-EMIR jissaħħu. Dan se jiżgura li se jiġu indirizzati d-diffikultajiet għall-AETS sabiex ikollha aċċess għal informazzjoni mingħand CCP, li tmexxi spezzjonijiet fuq il-post tas-CCP u li tikkondividi informazzjoni mar-regolaturi, superviżuri u banek ċentrali rilevanti tal-UE. Dan se jimminimizza r-riskju li l-prassi tas-CCPs u/jew l-aġġustamenti li jagħmlu għall-mudelli tal-ġestjoni tar-riskju jgħaddu mingħajr ma ħadd jinnutahom, b'implikazzjonijiet importanti għall-istabbiltà finanzjarja għall-entitajiet tal-UE. It-tieni, dan se jwieġeb għal nuqqas ta' allinjamenti potenzjali bejn l-objettivi superviżorji u tal-banek ċentrali fil-kulleġġi fil-kuntest tas-CCPs ta' pajjiżi terzi fejn ikunu involuti awtoritajiet mhux tal-UE. Fl-aħħar nett, se jiġi indirizzat ir-riskju li t-tibdil għar-regoli tas-CCPs u/jew għall-qafas regolatorju f'pajjiż terz jista' jkollu impatt negattiv fuq il-prestazzjoni regolatorja jew superviżorja. Dan ifisser li se jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-UE u s-CCPs ta' pajjiżi terzi, u se jitneħħa l-iskop għal arbitraġġ regolatorju u superviżorju. Ir-responsabbiltajiet ġodda tal-AETS li tħaddem is-superviżjoni fuq CCPs rikonoxxuti ta' Gradi 1 u Grad 2 huma previsti fl-Artikolu 25b ġdid (ara taħt).

*Implimentazzjoni msaħħa tar-reġim attwali ta' rikonoxximent*

Il-punt (c) tal-Artikolu 2(9) jissostitwixxi l-Artikolu 25(5) tal-EMIR sabiex jispeċifika li l-AETS għandha tagħmel rieżami mill-inqas darba kull sentejn tar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz li tkun wessgħet l-attivitajiet u s-servizzi tagħha fl-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet għall-irtirar tar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz tmexxew għall-Artikoli 25m u 25n (ara taħt).

Il-punt (f) tal-Artikolu 2(9) jissostitwixxi l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(7) tal-EMIR sabiex jipprovdi li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-AETS u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' reġimi ekwivalenti ta' CCPs ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu effettivi fil-prattika.

Il-punt (g) tal-Artikolu 2(9) jemenda l-punt (d) fl-Artikolu 25(7) sabiex jispeċifika li l-proċeduri rigward il-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji jinħtieġ li jinkludu l-qbil tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jippermettu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikolu 25d u 25e ta' din il-proposta. Il-punt (g) jdaħħal ukoll punt ġdid (e) fl-Artikolu 25(7) li jistabbilixxi li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-AETS u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' reġimi ekwivalenti tas-CCPs ta' pajjiżi terzi għandhom jispeċifikaw il-proċeduri meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiż terz[42].

*Rwol ġdid għall-AETS u għall-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti fis-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti*

L-Artikolu 2(10) jdaħħal l-Artikoli 25b sa 25n ġodda fl-EMIR sabiex l-AETS tingħata setgħat ġodda biex tagħmel superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi ta' Grad 1 u Grad 2 sabiex issaħħaħ il-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità kontinwa tas-CCPs ta' pajjiżi terzi mar-rekwiżiti tal-

[42] Ara wkoll id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "EU equivalence decisions in financial services policy: an assessment", SWD(2017) 102 finali tas-27 ta' Frar 2017. (Ingliż biss)

EMIR. Huwa jipprevedi wkoll l-involviment tal-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti fir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' strumenti finanzjarji denominati f'muniti tal-Unjoni li jiġu kklerjati b'mod sinifikanti f'CCPs li jinsabu barra mill-Unjoni, sabiex jiġu mitigati r-riskji għas-suq intern tal-Unjoni u għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

L-Artikolu 25b ġdid jagħti lill-AETS setgħat ġodda sabiex tkun żgurata l-konformità kontinwa tas-CCPs ta' pajjiżi terzi ta' Grad 1 u ta' Grad 2.

Il-paragrafu (1) tal-Artikolu ġdid 25b jipprevedi li l-AETS għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni kontinwa tal-konformità kontinwa ta' CCPs ta' Grad 2 mar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikolu 16 u fit-Titoli IV u V tal-EMIR. Barra minn hekk, l-AETS se tkun tirrikjedi l-konferma mingħand kull CCP ta' Grad 2 li hija qed tissodisfa r-rekwiżiti superviżorji l-oħra kollha addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 25(2b) mill-inqas fuq bażi annwali, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25b(1). Il-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti immedjatament se jinnotifikaw lil AETS jekk din jidrilha li CCP ta' Grad 2 ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(2b)(b).

Il-paragrafu (2) tal-Artikolu ġdid 25b jipprovdi li l-AETS għandha tikseb il-kunsens tal-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti qabel l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-rekwiżiti ta' marġini, il-kontrolli tar-riskju ta' likwidità, ir-rekwiżiti kollaterali, is-saldu u l-approvazzjoni ta' arranġamenti ta' interoperabbiltà. Jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-bank /banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti għall-abbozz tad-deċiżjoni, l-AETS ma għandhiex tadottaha. Jekk ikun hemm proposti ta' emendi mill-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti għall-abbozz tad-deċiżjoni, l-AETS tista' tadottaha biss kif emendata.

Il-paragrafu (3) tal-Artikolu 25b ġdid jipprovdi li l-AETS għandha twettaq il-valutazzjoni tagħha tar-reżiljenza ta' CCPs rikonoxxuti għal kundizzjonijiet ħżiena tas-suq f'konformità mal-metodoloġiji stabbiliti fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament tal-AETS.

L-Artikolu 25c ġdid jistabbilixxi li talba jew deċiżjoni mill-AETS tista' tirrikjedi li CCP ta' pajjiż terz u l-partijiet terzi relatati jipprovdu kull informazzjoni meħtieġa sabiex l-AETS tkun tista' twettaq id-doveri tagħha skont l-EMIR.

L-Artikolu 25d ġdid jistabbilixxi li deċiżjoni mill-AETS tista' tirrikjedi li CCP ta' Grad 2 ta' pajjiż terz taċċetta li jsirulha investigazzjonijiet ġenerali.

L-Artikolu 25e ġdid jistabbilixxi li deċiżjoni mill-AETS tista' tirrikjedi li CCP ta' Grad 2 ta' pajjiż terz taċċetta li jsirulha spezzjonijiet fuq il-post. Jinħtieġ li l-AETS tavża lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz bl-intenzjonijiet tagħha li twettaq spezzjoni fuq il-post. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jipparteċipaw ukoll fl-ispezzjoni. Il-bank/banek ċentrali ta' emissjoni għandhom jiġu mistiedna biex jipparteċipaw f'dawn l-ispezzjonijiet fuq il-post.

L-Artikoli 25f u 25i jistabbilixxu r-regoli proċedurali, inkluż ir-rispett għad-drittijiet ta' difiża, fil-każ li jkun hemm indikazzjonijiet serji tal-possibbiltà ta' ksur minn CCP ta' pajjiż terz sabiex tingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa jew sabiex taċċetta li jsiru investigazzjonijiet ġenerali u spezzjonijiet fuq il-post. Il-paragrafu (13) tal-Artikolu 2 idaħħal Anness III ġdid fl-EMIR li jipprovdi lista tal-ksur possibbli minn CCP ta' pajjiż terz, inkluż: (i) ksur li jirrigwarda r-rekwiżiti kapitali; (ii) ksur li jirrigwarda r-rekwiżiti organizzattivi jew il-kunflitti ta' interess; (iii) ksur li jirrigwarda r-rekwiżiti operattivi; (iv) ksur li jirrigwarda t-trasparenza u d-disponibbiltà tal-informazzjoni; kif ukoll (v) ksur li jirrigwarda l-ostakolar ta' attivitajiet superviżorji.

L-Artikolu 25g ġdid jipprevedi multi fil-każ ta' ksur stabbilit minn CCPs ta' pajjiżi terzi. Il-paragrafu (13) tal-Artikolu 2 idaħħal Anness IV ġdid fl-EMIR li jipprovdi lista ta' fatturi aggravanti u mitiganti ta' ċertu ksur possibbli minn CCP ta' pajjiż terz.

L-Artikolu 25h ġdid jipprevedi ħlasijiet perjodiċi ta' penali effettivi u proporzjonati li jiġu imposti permezz ta' deċiżjoni tal-AETS fuq CCPs ta' pajjiżi terzi f'ċerti sitwazzjonijiet. Il-penali jistgħu jiġu imposti sabiex jieqaf xi ksur, tingħata informazzjoni jew li jaċċettaw li jsiru investigazzjonijiet jew spezzjonijiet.

L-Artikolu 25j jipprovdi li l-AETS għandha tiddivulga lill-pubbliku, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, kull każ meta jkunu ġew imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq CCPs ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 25k ġdid jipprevedi rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' kull deċiżjoni tal-AETS li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali fuq CCPs ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 25l ġdid jagħti s-setgħa lill-Kumissjoni li tadotta atti delegati sabiex tqis l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji li jikkonċernaw miżuri biex jiġi emendat l-Anness IV tal-EMIR.

L-Artikolu 25m ġdid fl-EMIR jistabbilixxi li l-AETS għandha tirtira, parzjalment jew kollha kemm hi, deċiżjoni li tirrikonoxxi CCP ta' pajjiż terz jekk ċerti kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

L-Artikolu 25n jistabbilixxi li l-AETS għandha tieħu deċiżjoni waħda jew aktar meta ssib li CCP ta' Grad 2 ta' pajjiż terz tkun wettqet ksur, inkluż rekwiżit li s-CCP ittemm il-ksur, multi, avviżi pubbliċi, u l-irtirar tar-rikonoxximent ta' dik is-CCP.

*5.2.4. Rekwiżiti prudenzjali applikabbli għal CCPs*

**Emendi relatati mal-validazzjoni tal-mudell u tal-parametru (l-Artikolu 49 tal-EMIR)**

Sa issa, l-Artikolu 49 kien jirrikjedi, apparti li CCP trid tikseb validazzjoni indipendenti, żewġ validazzjonijiet separati mill-NCA u mill-AETS għal tibdil sinifikanti fil-mudelli u fil-parametri adottati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' marġini, il-kontribuzzjonijiet tal-fond ta' inadempjenza, ir-rekwiżiti kollaterali u mekkaniżmi oħra tal-kontroll ta' riskju tas-CCP. Il-punt (b) tal-Artikolu 2(11) idaħħal l-paragrafi ġodda (1a), (1b), (1c), (1d), (1e) u (1f) fl-Artikolu 49 tal-EMIR sabiex jiċċara l-kundizzjonijiet li fihom CCP tista' tikseb il-validazzjoni ta' tibdil sinifikanti għall-mudelli u l-parametri li tkun adottat. Skont il-paragrafu 1(a) il-validazzjoni tal-NCA hija biżżejjed, għaliex l-Artikolu 2(7) jintroduċi Artikolu 21a ġdid fl-EMIR li jirrikjedi l-kunsens tal-AETS qabel id-deċiżjoni ta' validazzjoni tal-NCA skont l-Artikolu 49 tal-EMIR. Għaldaqstant, ma tkun meħtieġa aktar validazzjoni separata tal-AETS. Meta CCP tippjana li tadotta xi tibdil sinifikanti għall-mudelli u l-parametri, hija għandha tapplika għand l-awtorità kompetenti għall-validazzjoni ta' dak it-tibdil. L-awtorità kompetenti, b'konsultazzjoni mal-AETS, għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tas-CCP u tibgħat rapport lill-kulleġġ, li mbagħad għandu jadotta opinjoni maġġoritarja. Wara li tiġi adottata din l-opinjoni, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lis-CCP dwar jekk il-validazzjoni ingħatatx jew ġietx rifjutata. Barra minn hekk, il-paragrafi ġodda jipprevedu bażi ġuridika għall-adozzjoni preliminari ta' tibdil sinifikanti fil-mudelli jew il-parametri fil-każ ta' bżonn.

Il-punt (a) tal-Artikolu 2(11) jemenda l-Artikolu 49(1) tal-EMIR skont dan u jabolixxi r-rekwiżit taż-żewġ validazzjonijiet. Il-mudelli u l-parametri adottati jibqgħu soġġetti għall-

opinjoni tal-kulleġġ f'konformità ma' proċess li huwa ddefinit f'dak l-Artikolu. L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 49(1) emendat jistipula li l-AETS għandha tgħaddi l-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet tal-istress mhux biss lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, iżda wkoll lis-SEBĊ u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-esponiment tal-impriżi finanzjarji għall-inadempjenza tas-CCPs.

*5.2.5. Dispożizzjonijiet tranżitorji*

**Emendi biex jiġu stabbiliti arranġamenti tranżitorji sabiex ikun jista' jsir rieżami tad-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent adottati qabel id-dħul fis-seħħ (l-Artikolu 89 tal-EMIR)**

Il-paragrafu (12) tal-Artikolu 2 idaħħal paragrafu ġdid fl-Artikolu 89 li jistabbilixxi ċerti arranġamenti tranżitorji sabiex jipprovdi li l-Artikoli 25(2)(e) u 25(2a) ġodda jibdew japplikaw mad-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi ddeterminat CCP ta' Grad 2 u msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(2a). L-Artikolu 2(12) jipprevedi wkoll li l-AETS tagħmel rieżami tad-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi adottati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-proposta. Id-dispożizzjoni l-ġdida tiddikjara li dan ir-rieżami għandu jsir fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat filwaqt li jiddikjara x'inhuma l-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk CCP ta' pajjiż terz hijiex, jew x'aktarx li ssir, sistemikament importanti għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

2017/0136 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[43],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[44],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[45],

Billi:

1. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jirrikjedi li l-kuntratti tad-derivati OTC standardizzati jiġu kklerjati permezz ta' Kontroparti Ċentrali (Central Counterparty - CCP) konformi ma' rekwiżiti simili f'pajjiżi oħra tal-G20. Dan ir-Regolament introduċa wkoll rekwiżiti stretti prudenzjali, organizzazzjonali u ta' kondotta kummerċjali għas-CCPs u stabbilixxa arranġamenti għas-superviżjoni prudenzjali tagħhom sabiex jiminimizzaw ir-riskji għall-utenti ta' CCP u jirfdu l-istabbiltà finanzjarja.

---

43 ĠU C […], […], p. […].

44 ĠU C , , p. .

45 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (ĠU ...) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

46 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L201, 27.7.2012, p.1).

(2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-volum ta' attività tas-CCPs fl-Unjoni u globalment żdied b'pass mgħaġġel kemm fl-iskala kif ukoll fl-ambitu. L-espansjoni tal-attività tas-CCPs se tkompli fis-snin li ġejjin bl-introduzzjoni ta' obbligi ta' kklerjar addizzjonali u biż-żieda ta' kklerjar volontarju mill-kontropartijiet li mhumiex soġġetti għal obbligu ta' kklerjar. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2017[47] biex ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi emendat b'mod immirat, sabiex jitjiebu l-effettività u l-proporzjonalità tiegħu, se toħloq aktar inċentivi għas-CCPs biex joffru kklerjar ċentrali ta' derivati lill-kontropartijiet u jiffaċilitaw l-aċċess għall-ikklerjar lil kontropartijiet żgħar finanzjarji u mhux finanzjarji. Swieq kapitali aktar profondi u aktar integrati li jirriżultaw mill-Unjoni tas-Swieq Kapitali se jkomplu jżidu l-bżonn għal ikklerjar transfruntier fl-Unjoni, biex b'hekk tkompli tiżdied l-importanza u l-interkonnettività tas-CCPs fis-sistema finanzjarja.

(3) L-għadd ta' CCPs attwalment stabbiliti fl-Unjoni u awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għadu relattivament limitat, u f'Ġunju 2017 kien jgħodd 17. Skont id-dispożizzjonijiet ta' ekwivalenza ta' dan ir-Regolament ġew rikonoxxuti 28 CCP ta' pajjiżi terzi, li jippermettilhom ukoll li joffru s-servizzi tagħhom lil membri tal-ikklerjar u postijiet tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni[48]. Is-swieq tal-ikklerjar huma integrati tajjeb madwar l-Unjoni iżda kkonċentrati ħafna f'ċerti klassijiet ta' assi u interkonnessi ħafna. Minħabba l-konċentrazzjoni tar-riskju, il-probabbiltà li CCP tfalli hija baxxa ħafna iżda jekk isseħħ ikollha impatt potenzjalment qawwi ħafna. F'konformità mal-kunsens tal-G20, f'Novembru 2016 il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni ta' CCP[49] sabiex tiżgura li l-awtoritajiet ikunu mħejjija kif suppost biex jindirizzaw CCP li tkun qed tfalli, biex b'hekk jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u jillimitaw l-ispejjeż tal-kontribwenti.

(4) Minkejja l-proposta leġiżlattiva u fid-dawl tad-daqs, il-kumplessità u d-dimensjoni transfruntiera tal-ikklerjar dejjem jikbru kemm fl-unjoni kif ukoll globalment, l-arranġamenti superviżorji għas-CCPs tal-Unjoni kif ukoll dawk ta' pajjiżi terzi jinħtieġ li jiġu rrikunsidrati. Jekk il-problemi identifikati jiġu indirizzati fi stadju bikri u jiġu stabbiliti arranġamenti superviżorji ċari u koerenti, kemm is-CCPs tal-Unjoni kif ukoll dawk tal-pajjiżi terzi jissaħħu u r-riskju potenzjali ta' falliment ta' CCP jkompli jonqos.

---

[47] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, ir-rekwiżiti tat-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, COM/2017/0208 finali.

[48] F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-AETS tipprovdi lista tas-CCPs ta' pajjiżi terzi li ġew rikonoxxuti biex joffru servizzi u attivitajiet fl-Unjoni. CCPs ta' pajjiżi terzi huma stabbiliti fi 15-il pajjiż koperti minn deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza tas-CCPs adottati mill-Kummissjoni, inklużi l-Awstralja, Ħong Kong, Singapor, il-Ġappun, il-Kanada, l-Iżvizzera, il-Korea t'Isfel, il-Messiku, l-Afrika t'Isfel u s-CFTC tal-Istati Uniti, il-Brażil, l-Emirati Għarab Magħquda, iċ-Ċentru Finanzjarju Internazzjonali ta' Dubai (Dubai International Financial Centre -DIFC), l-Indja u New Zealand.

[49] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) 2015/2365. COM(2016) 856 finali.

(5) Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, fl-4 ta’ Mejju 2017 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar ir-reazzjoni għall-isfidi li jiffaċċaw l-infrastrutturi finanzjarji kritiċi tas-suq u dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali[50], li ddikjarat li hemm bżonn ta’ aktar tibdil fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jitjieb il-qafas kurrenti li jiżgura l-istabbiltà finanzjarja u jappoġġa l-iżvilupp u l-approfondiment ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

(6) L-arranġamenti superviżorji skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiddependu l-aktar fuq l-awtorità tal-pajjiż ta’ oriġini. CCPs stabbiliti fl-Unjoni bħalissa huma awtorizzati u ssorverljati minn kulleġġi ta’ superviżuri nazzjonali, mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority - AETS), minn membri rilevanti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u minn awtoritajiet rilevanti oħra. Il-kulleġġi jiddependu fuq il-koordinazzjoni u l-kondiviżjoni ta’ informazzjoni mill-awtorità kompetenti nazzjonali li għandha r-responsabbiltà eżekuttiva tad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Id-diverġenzi fil-prassi superviżorji għas-CCPs madwar l-Unjoni jistgħu joħolqu riskji ta’ arbitraġġ regolatorju u superviżorju, jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja u joħolqu spazju għal kompetizzjoni dannuża. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta’ Settembru 2016[51] dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u fil-konsultazzjoni pubblika dwar l-operazzjonijiet tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)[52] il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni lejn dawn ir-riskji li qed jiżviluppaw u l-bżonn ta’ konverġenza superviżorja akbar.

(7) Il-kompiti bażiċi li jridu jsiru permezz tas-SEBĊ jinkludu d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim mingħajr xkiel tas-sistemi ta’ pagament. Infrastrutturi finanzjarji tas-suq li huma siguri u effiċjenti, b’mod partikolari is-sistemi ta’ kklerjar, huma essenzjali biex jitwettqu dawn il-kompiti bażiċi, u għall-objettiv ewlieni tas-SEBĊ li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-membri rilevanti tas-SEBĊ, bħala banek ċentrali ta’ emissjoni tal-muniti tal-istrumenti finanzjarji kklerjati mis-CCPs, jinħtieġ li jkunu involuti fis-superviżjoni tas-CCPs, minħabba r-riskji potenzjali li tista’ tippreżenta CCP li ma tiffunzjonax kif suppost fis-segwitu tat-twettiq tal-kompiti bażiċi u tal-objettiv primarju, li jista’ jkollhom impatt fuq l-istrumenti u l-kontropartijiet li jintużaw biex tiġi trażmessa l-politika monetarja. Bħala riżultat, il-banek ċentrali ta’ emissjoni jinħtieġ li jkunu involuti fil-valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju ta’ CCP. Barra minn hekk, filwaqt li jista’ jkun hemm duplikazzjoni bejn il-mandati tal-banek ċentrali u dawk tas-superviżuri, hemm potenzjali għal nuqqas ta’ allinjament meta l-azzjonijiet ta’ superviżjoni ikollhom impatt fuq ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-banek ċentrali f’oqsma bħall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-politika monetarja u s-sistemi tal-pagament. F’sitwazzjonijiet ta’ kriżi. tali nuqqas ta’ allinjament jista’ jkabbar r-riskji għall-

---

50 Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, and the European Central Bank on Responding to challenges for critical financial market infrastructures and further developing the Capital Markets Union, Brussels, 4.5.2017, COM(2017) 225 final. (Ma jeżistix bil-Malti)

51 Komunikazzjoni dwar l-“Istat tal-Unjoni 2016: It-Tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali – il-Kummissjoni taċċellera r-riforma”; L-14 ta’ Settembru 2016.

52 Konsultazzjoni pubblika dwar l-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej”; 21/03/2017 – 16/05/2017.

istabbiltà finanzjarja jekk it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet ma jkunx ċar.

(8) It-Trattati stabbilixxew unjoni ekonomika u monetarja li l-munita tagħha hija l-euro, l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħala Istituzzjoni tal-Unjoni għal dan il-għan. It-Trattati jipprovdu wkoll li s-SEBĊ għandha tkun immexxija mill-entitajiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE u l-BĊE biss jista' jawtorizza l-ħruġ tal-euro. Ir-rwol speċifiku tal-BĊE fis-SEBĊ bħala l-bank ċentrali ta' emissjoni tal-munita unika tal-Unjoni għaldaqstant jinħtieġ li jkun rikonoxxut.

(9) Fid-dawl tan-natura globali tas-swieq finanzjarji u tal-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inkonsistenzi fis-superviżjoni tal-Unjoni u tas-CCPs ta' pajjiżi terzi, il-kapaċità tal-AETS li tippromwovi l-konverġenza fis-superviżjoni tas-CCPs jinħtieġ li tissaħħaħ. Sabiex jinagħtaw rwoli u responsabbiltajiet ġodda fuq l-AETS, ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (AETS)[53] jinħtieġ li jiġi emendat.

(10) Jinħtieġ li tinħoloq Sessjoni Eżekuttiva speċifika ("Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs") fil-Bord tas-Superviżuri tal-AETS sabiex tittratta l-kompiti li jirrigwardaw is-CCPs b'mod ġenerali, filwaqt li tissorvelja s-CCPs tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi b'mod partikolari. Sabiex jiġi ggarantit l-istabbiliment bla xkiel tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, hemm bżonn li jiġu ċċarati l-interazzjonijiet tagħha mal-Bord tas-Superviżuri tal-AETS, l-organizzazzjoni tagħha u l-kompiti li jinħtieġ li twettaq.

(11) Sabiex jiġi żgurat approċċ superviżorju koerenti u sabiex tkun tirrifletti l-mandati tal-awtoritajiet rilevanti involuti fis-superviżjoni tas-CCPs, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li tkun magħmula minn membri permanenti speċifiċi għas-CCP. Il-membri permanenti jinħtieġ li jinkludu l-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u żewġ Diretturi indipendenti, li jinħtieġ li jaġixxu indipendentement u oġġettivament fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Il-Kummissjoni u l-BĊE jinħtieġ li wkoll jappuntaw membri permanenti. Membri speċifiċi għal kull CCP jinħtieġ li jinkludu rappreżentant tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma stabbiliti s-CCPs, nominat f'konformità mar-Regolament (UE) 648/2012, u rappreżentant tal-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti. Il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jkun jista' jistieden membri tal-kulleġġ superviżorju, kif ukoll rappreżentanti tal-awtoritajiet tas-CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-AETS bħala osservaturi sabiex ikun żgurat li jittieħed kont tal-opinjonijiet tal-awtoritajiet rilevanti l-oħra mis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. Filwaqt li l-membri permanenti jinħtieġ li jipparteċipaw fil-laqgħat kollha tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, il-membri speċifiċi u l-osservaturi tas-CCPs jinħtieġ li jipparteċipaw biss meta jkun neċessarju u xieraq għas-CCPs li jkunu taħt is-superviżjoni tagħhom. Il-preżenza ta' membri permanenti indipendenti u ta' membri speċifiċi għas-CCPs jinħtieġ li tiżgura li d-deċiżjonijiet li jsiru waqt is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jkunu konsistenti, xierqa u proporzjonati madwar l-Unjoni u li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-banek ċentrali ta' emissjoni u l-osservaturi rilevanti jkunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet rigward kwistjonijiet li jikkonċernaw CCP stabbilita fi Stat Membru.

---

[53] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p.84)

(12) Meta tkun qed tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw CCP stabbilita fi Stat Membru, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li tlaqqa' u tiżgura li l-membri permanenti tagħha u l-membru/membri rilevanti li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti nnominati mill-Istat Membru f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ikunu involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll l-osservaturi maħtura mill-banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti. Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar CCP ta' pajjiż terz, il-membri permanenti, il-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti u kull osservatur rilevanti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs biss jinħtieġ li jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

(13) Sabiex jiżgura li jkun hemm proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li hu xieraq, effettiv u rapidu, il-Kap, iż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, u r-rappreżentant tal-awtorità kompetenti tal-Istat membru fejn hija stabbilita s-CCP jinħtieġ li jkollhom drittijiet tal-vot. Ir-rappreżentanti tal-BĊE, tal-Kummissjoni u tal-bank/banek ċentrali rilevanti, kif ukoll l-osservaturi, ma jinħtieġx li jkollhom drittijiet tal-vot. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li tieħu d-deċiżjonijiet permezz b'maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha, u l-Kap jinħtieġ li jkollu d-dritt tal-vot deċiżiv f'każ ta' parità.

(14) Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li tkun responsabbli għal kompiti speċifiċi li jingħatawlha skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern kif ukoll l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(15) Sabiex tkun żgurata superviżjoni effettiva, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jkollha l-persunal tagħha u riżorsi adegwati li jiggarantixxu l-awtonomija u l-indipendenza tagħha kif ukoll il-funzjonament adegwat rigward il-kompiti tagħha. Hemm bżonn li jiġi kkunsidrat l-impatt baġitarju fid-dikjarazzjoni magħmula mill-AETS f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(16) Sabiex ikun previst livell xieraq ta' għarfien espert u responsabbiltà, il-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jinħatru fuq il-bażi ta' meritu, ħiliet, għarfien dwar kwistjonijiet ta' kklerjar, ta' finanzi u ta' wara n-negozjar, kif ukoll fuq il-bażi ta' esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u regolamentazzjoni tas-CCPs. Jinħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi ta' proċedura ta' għażla miftuħa. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tippreżenta proposta rigward il-ħatra tal-kandidati għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Wara li l-Parlament Ewropew japprova l-proposta, il-Kunsill jinħtieġ li jaddotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

(17) Sabiex tkun żgurata t-trasparenza u l-kontroll demokratiku, kif ukoll sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jkunu responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal kull deċiżjoni li jieħdu abbażi ta' dan ir-Regolament.

(18) Il-Kap u ż-żewġ Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jaġixxu indipendentement u oġġettivament fl-interess tal-Unjoni. Jinħtieġ li jiżguraw li jingħata kont xieraq lill-funzjonament tajjeb tas-suq intern kif ukoll l-istabbiltà finanzjarja f'kull Stat Membru u fl-Unjoni.

(19) Sabiex titmexxa 'l quddiem il-konsistenza fis-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi madwar l-Unjoni, il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jmexxi u jiġġestixxi l-kulleġġi, u l-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-

CCPs jinħtieġ li jattenduhom. Il-BĊE jinħtieġ li meta rilevanti u f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, jingħaqad ukoll mal-kulleġġi sabiex ikun jista' jħaddem il-mandat tiegħu f'konformità mal-Artikolu 127 tat-TFUE.

(20) Sabiex ikun żgurat proċess xieraq u effettiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jinħtieġ li jkollhom vot kull wieħed fil-kulleġġi, bl-eċċezzjoni tar-rappreżentattiv tal-Kummissjoni, li ma jinħtieġx li jkollu d-dritt tal-vot. Il-membri kurrenti tal-kulleġġi jinħtieġ li jkomplu jħaddmu d-drittijiet tal-vot li għandhom bħalissa.

(21) Filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkomplu jħaddmu r-responsabbiltajiet superviżorji tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandu jkun meħtieġ il-kunsens minn qabel tal-AETS għal ċerti deċiżjonijiet sabiex titmexxa 'l quddiem il-konsistenza fis-superviżjoni ta' CCPs fl-Unjoni kollha. Qed jiġi introdott mekkaniżmu speċifiku għal każijiet ta' nuqqas ta' qbil bejn l-AETS u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Bl-istess mod, hemm il-ħtieġa li jiġu riflessi aħjar il-mandati tal-banek ċentrali ta' emissjoni fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħhom dwar il-politika monetarja, minħabba r-riskji potenzjali li jista' jippreżenta n-nuqqas ta' funzjonament ta' CCP għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u għall-promozzjoni tal-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament. Għaldaqstant, għandu jkun meħtieġ il-kunsens minn qabel tal-banek ċentrali ta' emissjoni dwar ċerti deċiżjonijiet previsti mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-arranġamenti ta' pagament u saldu ta' CCP u l-proċeduri relatati tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità għal tranżazzjonijiet denominati fil-munita ta' dak il-bank ċentrali ta' emissjoni.

(22) Sabiex l-AETS tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv rigward is-CCPs, kemm is-CCPs tal-Unjoni kif ukoll dawk ta' pajjiżi terzi jinħtieġ li jħallsu tariffi superviżorji għall-kompiti superviżorji u amministrattivi tal-AETS. Dawn it-tariffi jinħtieġ li jkopru l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs tal-Unjoni, l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, u t-tariffi annwali assoċjati mal-kompiti taħt ir-responsabbiltà tal-AETS. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tispeċifika aktar f'att delegat it-tipi ta' tariffi, il-materji li għalihom it-tariffi jkunu dovuti, l-ammont tat-tariffi u l-metodu li bih għandhom jitħallsu mis-CCPs awtorizzati u applikanti tal-Unjoni u CCPs ta' pajjiżi terzi li huma rikonoxxuti.

(23) L-arranġamenti superviżorji f'dan ir-Regolament għal CCPs ta' pajjiżi terzi li joffru servizzi ta' kklerjar fl-Unjoni wkoll jinħtieġu reviżjoni Hemm bżonn li jsir titjib ukoll fl-aċċess għall-informazzjoni, fil-kapaċità li jitwettqu spezzjonijiet fuq il-post u l-possibbiltà li tiġi kondiviża informazzjoni dwar CCPs ta' pajjiżi terzi bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex jiġu evitati implikazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja importanti għall-entitajiet tal-Unjoni. Hemm ukoll ir-riskju li t-tibdil għar-regoli ta' CCP ta' pajjiż terz jew għall-qafas regolatorju ta' pajjiż terz ma jistax jiġi kkunsidrat u jista' jkollu impatt negattiv fuq il-prestazzjonijiet regolatorji jew superviżorji, li jista' jwassal għal nuqqas ta' ekwità fil-kundizzjonijiet bejn is-CCPs tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi.

(24) Ammont sinifikanti ta' strumenti finanzjarji denominati fil-muniti tal-Istati Membri jiġu kklerjati permezz ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti. Dan se jiżdied sostanzjalment meta r-Renju Unit jirtira mill-Unjoni u s-CCPs stabbiliti hemmhekk mhux se jibqgħu rregolati mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Arranġamenti ta'

kooperazzjoni miftehma fil-kulleġġi superviżorji mhux se jibqgħu soġġetti għas-salvagwardji u l-proċeduri ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan jimplika sfidi sinifikanti għall-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jissalvagwardaw l-istabbiltà finanzjarja.

(25) Bħala parti mill-impenn tagħha favur swieq finanzjarji integrati, il-Kummissjoni jinħtieġ li tkompli tiddetermina permezz ta' deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza li l-oqfsa ġuridiċi u superviżorji ta' pajjiżi terzi jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Sabiex titjieb l-implimentazzjoni tar-reġim attwali ta' ekwivalenza fir-rigward tas-CCPs, il-Kummissjoni jinħtieġ li tkun tista', jekk meħtieġ, li tispeċifika ulterjorment il-kriterji biex tiġi vvalutata l-ekwivalenza tar-reġimi CCP ta' pajjiżi terzi. Huwa meħtieġ ukoll li l-AETS ikollha l-kompetenza li tissorvelja l-iżviluppi regolatorji u superviżorji fir-reġimi CCP ta' pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tkun ikkunsidrathom ekwivalenti. Dan sabiex jiġi żgurat li l-kriterji tal-ekwivalenza u kull kundizzjoni speċifika stabbiliti għall-użu tagħhom ikomplu jibqgħu jiġu ssodisfati minn pajjiżi terzi. L-AETS jinħtieġ li tirrapporta l-konklużjonijiet tagħha lill-Kummissjoni fuq bażi kunfidenzjali.

(26) Il-Kummissjoni bħalissa tista' temenda, tissospendi, tanalizza jew tirrevoka deċiżjoni dwar ekwivalenza f'kull ħin, b'mod partikolari meta jseħħu żviluppi f'pajjiż terz li materjalment jaffettwaw l-elementi vvalutati f'konformità mar-rekwiżiti ta' ekwivalenza skont dan ir-Regolament. Meta l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz ma jibqgħux jikkooperaw mal-AETS jew ma' superviżuri tal-Unjoni *in bona fede* jew jonqsu li jikkonformaw fuq bażi kontinwa mar-rekwiżiti ta' ekwivalenza applikabbli, il-Kummissjoni tista' wkoll, *inter alia*, tagħti twissija lill-awtorità ta' pajjiż terz jew tippubblika rakkomandazzjoni speċifika. Meta f'xi ħin il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevoka l-ekwivalenza ta' pajjiż terz, hija tista' tipposponi d-data tal-applikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni sabiex jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja jew it-tfixkil fis-suq. Barra minn dawn is-setgħat li huma attwalment disponibbli, il-Kummissjoni jinħtieġ ukoll li tkun tista' tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex tiżgura li l-kriterji ta' ekwivalenza jkomplu jiġu ssodisfati fuq bażi kontinwa mill-pajjiż terz li lilu tkun tirrigwarda deċiżjoni dwar l-ekwivalenza. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tkun tista' wkoll tistabbilixxi kundizzjonijiet li jiżguraw li l-AETS tkun tista' tħaddem b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tas-CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont dan ir-Regolament jew fir-rigward tal-monitoraġġ tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiżi terzi li huma ta' rilevanza għal deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza adottati.

(27) Fid-dawl tad-dimensjoni transfruntiera li qed tikber tas-CCPs u tal-interkonnessjonijiet fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni, hemm bżonn li titjieb il-kapaċità tal-Unjoni li tidentifika, tagħmel monitoraġġ u timmitiga r-riskji potenzjali relatati ma' CCPs ta' pajjiżi terzi. L-irwol tal-AETS għalhekk jinħtieġ li jiġi mtejjeb biex b'mod effettiv tissorvelja CCPs ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-rikonoxximent li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni. L-involviment ta' banek ċentrali ta' emissjoni tal-Unjoni fir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li huma attivi f'munita li joħorġu huma għandu jiġi mtejjeb ukoll. Għalhekk, banek ċentrali ta' emissjoni tal-Unjoni jinħtieġ li jiġu kkonsultati dwar ċerti aspetti li jaffettwaw ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' politika monetarja fir-rigward ta' strumenti finanzjarji denominati f'muniti tal-Unjoni li huma kklerjati b'mod sinifikanti f'CCPs li jinsabu barra mill-Unjoni.

(28) Ladarba l-Kummissjoni tkun iddeterminat li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz bħala ekwivalenti għall-qafas tal-Unjoni, il-proċess għar-rikonoxximent tas-CCPs minn dak il-pajjiż terz jinħtieġ li jqisu r-riskji li dawk is-CCPs jippreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew għall-Istat Membru

(29) Meta tikkunsidra l-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiż terz, l-AETS jinħtieġ li tivvaluta l-grad ta' riskju sistemiku li s-CCP tippreżenta għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Att delegat tal-Kummissjoni għandu jispeċifika aktar dawn il-kriterji.

(30) CCPs li ma jkunux sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha għandhom jiġu kkunsidrati bħala CCPs ta' "Grad 1". Is-CCPs li huma sistemikament importanti, jew x'aktarx li jsiru sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed mill-Istati Membri tagħha jinħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala CCPs ta' "Grad 2". Meta l-AETS tiddetermina li CCP ta' pajjiż terz mhijiex sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet eżistenti ta' rikonoxximent skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jinħtieġ li japplikaw għal dik is-CCP. Meta l-AETS tiddetermina li CCP ta' pajjiż terz hija sistemikament importanti, jinħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti addizzjonali proporzjonati mal-livell ta' riskju ppreżentat minn dik is-CCP. L-AETS jinħtieġ li tirrikonoxxi tali CCP biss meta s-CCP tkun konformi ma' dawn ir-rekwiżiti.

(31) Ir-rekwiżiti addizzjonali jinħtieġ li jinkludu ċerti rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 bl-għan li tiżdied is-sikurezza u l-effiċjenza ta' CCP. L-AETS jinħtieġ li tkun direttament responsabbli biex tiżgura li CCP ta' pajjiż terz li hija sistemikament importanti tikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti. Jinħtieġ ukoll li rekwiżiti relatati jippermettu li l-AETS twettaq superviżjoni sħiħa u effettiva ta' dik is-CCP.

(32) Sabiex jiġi żgurat involviment tajjeb tal-bank/banek ċentrali ta' emissjoni, is-CCP ta' pajjiż terz li hija sistemikament importanti jinħtieġ ukoll li tissodisfa kull rekwiżit addizzjonali li l-bank/banek ċentrali ta' emissjoni iqisu neċessarju. Il-bank/banek ċentrali ta' emissjoni għandhom jikkonfermaw lill-AETS jekk is-CCP tikkonformax ma' xi rekwiżit addizzjonali jew le mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ sa mhux aktar tard minn 180 jum mill-applikazzjoni tas-CCP lill-AETS.

(33) Il-livell ta' riskju ppreżentat minn CCP sistemikament importanti għas-sistema finanzjarja u għall-istabbiltà tal-Unjoni jvarja. Ir-rekwiżiti għal CCPs li huma sistemikament importanti għandhom għalhekk jiġu applikati b'mod proporzjonat għar-riskji li s-CCP tista' tippreżenta lill-Unjoni. Meta l-AETS u l-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti jikkonkludu li CCP ta' pajjiż terz hija ta' tali importanza sistemika li r-rekwiżiti addizzjonali mhux se jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, l-AETS jinħtieġ li tkun tista' tirrakkomanda lill-Kummissjoni li dik is-CCP ma' għandhiex tiġi rikonoxxuta. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tkun tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddikjara li s-CCP ta' pajjiż terz jinħtieġ li tiġi stabbilita fl-Unjoni u awtorizzata inkwantu tali li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni.

(34) L-AETS jinħtieġ li tagħmel rieżami regolarment tar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħhom bħala CCPs ta' Grad 1 jew Grad 2. F'dan ir-rigward, l-AETS jinħtieġ li tqis fost affarijiet oħra, it-tibdil fin-natura, id-daqs u l-

kumplessità tal-operat kummerċjali tas-CCP ta' pajjiż terz. Tali rieżamijiet jinħtieġ li jsiru tal-anqas kull sentejn u aktar ta' spiss jekk meħtieġ.

(35) L-AETS jinħtieġ ukoll li tkun tista' tqis sa liema punt il-konformità ta' CCP ta' pajjiż terz li hija sistemikament importanti mar-rekwiżiti applikabbli f'dak il-pajjiż terz tista' tiġi mqabbla mal-konformità ta' dik is-CCP mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Il-Kummissjoni jinħtieġ li tadotta att delegat li jispeċifika aktar il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni ta' tali konformità komparabbli.

(36) L-AETS jinħtieġ li jkollha s-setgħat kollha meħtieġa biex tissorvelja CCPs rikonoxxuti ta' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. F'ċerti oqsma, id-deċiżjonijiet tal-AETS jinħtieġ li jkunu soġġetti għall-kunsens minn qabel mill-bank/banek ċentrali ta' emissjoni rilevanti.

(37) L-AETS jinħtieġ ukoll li tkun tista' timponi multi fuq is-CCPs ta' pajjiżi terzi meta ssib li dawn wettqu, intenzjonalment jew b'negliġenza , ksur ta' dan ir-Regolament billi jipprovdu lill-AETS informazzjoni li hija skorretta jew qarrieqa. Barra minn hekk l-AETS jinħtieġ li tkun tista' timponi multi fuq CCPs sistemikament importanti meta ssib li dawn wettqu, intenzjonalment jew b'negliġenza , ksur tar-rekwiżiti addizzjonali applikabbli għalihom f'dan ir-Regolament.

(38) Jinħtieġ li l-AETS tkun tista' timponi ħlasijiet perjodiċi ta' penali biex iġġiegħel lis-CCPs ta' pajjiżi terzi jtemmu l-ksur, jipprovdu informazzjoni kompleta u korretta mitluba mill-AETS jew jaċċettaw li ssirilhom investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post.

(39) Jinħtieġ li l-AETS tkun tista' timponi multi fuq iż-żewġ tipi ta' CCPs ta' Grad 1 u ta' Grad 2 meta ssib li jkunu wettqu, intenzjonalment jew b'negliġenza , ksur ta' dan ir-Regolament billi pprovdew informazzjoni skorretta jew qarrieqa lill-AETS. Barra dan jinħtieġ li l-AETS tkun tista' timponi multi fuq CCPs ta' Grad 2, meta ssib li jkunu wettqu, intenzjonalment jew b'negliġenza , ksur tar-rekwiżiti addizzjonali applikabbli għalihom f'dan ir-Regolament.

(40) Il-multi jinħtieġ li jiġu imposti skont il-livell tal-gravità tal-ksur. Il-każijiet ta' ksur jinħtieġ li jinqasmu fi gruppi differenti u jiġu allokati multi speċifiċi għal kull grupp. Sabiex tiġi kkalkolata l-multa rigward ksur partikolari, l-AETS jinħtieġ li tuża metodoloġija f'żewġ fażijiet li tikkonsisti fl-iffissar ta' ammont bażiku u l-aġġustament ta' dak l-ammont bażiku, jekk ikun meħtieġ, b'ċerti koeffiċjenti. L-ammont bażiku jinħtieġ li jiġi stabbilit billi jitqies il-fatturat annwali tas-CCP ta' pajjiż terz ikkonċernat u l-aġġustamenti jinħtieġ li jsiru billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażiku permezz tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(41) Dan ir-Regolament jinħtieġ li jistabbilixxi l-koeffiċjenti marbuta ma' ċirkostanzi aggravanti u mitiganti sabiex l-AETS ikollha l-għodda meħtieġa biex tiddeċiedi dwar multa li tkun proporzjonali għall-gravità tal-ksur imwettaq minn CCP ta' pajjiż terz, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi li fihom ikun twettaq il-ksur.

(42) Id-deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandha tkun ibbażata fuq investigazzjoni indipendenti.

(43) Qabel ma tittieħed deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, l-AETS jinħtieġ li tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu sabiex ikunu rispettati d-drittijiet ta' difiża tagħhom.

(44) L-AETS jinħtieġ li żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna preċedenti li tirriżulta minn fatti identiċi, jew minn fatti li jkunu sostanzjalment l-istess tkun diġà kisbet il-forza ta' *res judicata* b'riżultat ta' proċeduri kriminali skont il-liġi nazzjonali.

(45) Id-deċiżjonijiet tal-AETS li jimponu multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali jinħtieġ li jkunu infurzabbli u l-eżekuzzjoni tagħhom jinħtieġ li tkun soġġetta għar-regoli tal-proċedura ċivili li jkunu fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu titwettaq l-eżekuzzjoni. Regoli tal-proċeduri ċivili m'għandhomx jinkludu regoli tal-proċedura kriminali iżda jistgħu jinkludu regoli tal-proċedura amministrattiva.

(46) Fil-każ ta' ksur li jitwettaq minn CCP ta' Grad 2, l-AETS jinħtieġ li jkollha s-setgħa li tapplika firxa ta' miżuri superviżorji, inkluż li tesiġi li s-CCP ta' Grad 2 ittemm il-ksur, u, bħala l-aħħar miżura, li tirtira r-rikonoxximent meta CCP ta' Grad 2 tkun kisret b'mod serju u ripetut dan ir-Regolament. Il-miżuri superviżorji għandhom ikunu applikati mill-AETS b'kont meħud tan-natura u l-gravità tal-ksur u għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. Qabel tieħu deċiżjoni dwar miżuri superviżorji, l-AETS għandha tagħti lill-persuni li jkunu soġġetti għall-proċeduri l-opportunità li jinstemgħu sabiex id-drittijiet tagħhom għal difiża jkunu rispettati.

(47) Il-validazzjoni ta' tibdil sinifikanti għall-mudelli u l-parametri adottati biex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti tal-marġini, il-kontribuzzjonijiet tal-fond inadempjenti, ir-rekwiżiti tal-kollateral u mekkaniżmi oħra tal-kontroll tar-riskju ta' CCP jinħtieġ li tiġi allinjata mar-rekwiżit il-ġdid li jinkiseb kunsens minn qabel mingħand l-AETS f'ċerti deċiżjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rigward ta' CCPs stabbiliti fl-Unjoni. Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċedimenti ta' validazzjoni, validazzjoni waħda mill-awtorità nazzjonali kompetenti li hija soġġetta għal kunsens minn qabel tal-AETS jinħtieġ li tissostitwixxi ż-żewġ validazzjonijiet li l-awtorità nazzjonali kompetenti u l-AETS kienu meħtieġa jwettqu b'mod indipendenti. Barra dan, l-interazzjoni ta' dik il-validazzjoni u deċiżjoni tal-kulleġġ jinħtieġ li jiġu ċċarati. L-adozzjoni preliminari ta' bidla sinifikanti fil-mudelli jew parametri jinħtieġ tkun possibbli fejn meħtieġ, speċjalment meta l-bidla rapida tagħhom tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata s-solidità tal-ġestjoni tar-riskju tas-CCPs.

(48) Is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jinħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni f' dak li jirrigwarda l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tat-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom it-tariffi jkunu dovuti, l-ammont ta' tariffi li għandhom jitħallsu u l-mod li bih għandhom jitħallsu; billi tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom il-kriterji huma speċifikati sabiex jiġi ddeterminat jekk CCP ta' pajjiż terz hijiex, jew x'aktarx li ssir, sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha; l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kriterji li jridu jintużaw fil-valutazzjonijiet tagħha tal-ekwivalenza ta' pajjiżi terzi; tispeċifika kif u taħt liema kundizzjonijiet ċerti rekwiżiti għandhom jiġu osservati minn CCPs ta' pajjiżi terzi; ir-regoli ulterjuri ta' proċedura fir-rigward tal-impożizzjoni ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, l-iskadenzi, il-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali u perjodi kif ukoll il-limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar

ta’ ħlasijiet ta’ penali jew multi; il-miżuri li jemendaw l-Anness IV sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji.

(49) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, u b’mod partikolari fir-rigward tar-rikonoxximent ta’ CCPs ta’ pajjiżi terzi u l-ekwivalenza tal-oqfsa legali ta’ pajjiżi terzi, jinħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(50) Peress li l-objettivi ta’ dan ir-Regolament, jiġifieri li tiżdied is-sigurtà u l-effiċjenza tas-CCPs billi jiġu stipulati rekwiżiti uniformi għall-attivitajiet tagħhom, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b’konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f’dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-objettivi.

(51) L-użu li tagħmel l-AETS tas-setgħa tagħha li tirrikonoxxi CCP ta’ pajjiż terz bħala ta’ Grad 1 jew CCP ta’ Grad 2 jinħtieġ li jkun differit sakemm ikunu speċifikati f’aktar dettall il-kriterji li jippermettu l-evalwazzjoni ta’ jekk CCP ta’ pajjiż terz hijiex sistemikament importanti jew le, jew jekk x’aktarx issir, għas-sistema finanzjarja tal-UE jew ta’ wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.

(52) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010*

Ir-Regolament (UE) 1095/2010 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4 jiddaħħal il-punt 4 segwenti:

“(4) “CCP” tfisser CCP kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.”

2. Fl-Artikolu 6 jiddaħħal il-punt (1a) segwenti:

“(1a) Bord tas-Superviżuri fis-Sessjoni Eżekuttiva għas-CCPs (Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs), li għandu jwettaq il-kompiti mniżżlin fl-Artikolu 44b”;

3. Fl-Artikolu 35, il-paragrafu (6) huwa sostitwit bis-segwenti:

“6. Meta ma jkunx hemm disponibbli informazzjoni kompleta u preċiża jew tali informazzjoni ma tkunx saret disponibbli f’waqtha, skont il-paragrafu 1 jew 5, l-Awtorità tista’ tindirizza talba debitament ġustifikata u motivata, direttament minn:

(a) CCP awtorizzata jew rikonoxxuta skont l-Artikoli 14 jew 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) depożitorju ċentrali tat-titoli awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(c) suq regolat skont il-punt (14) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

(d) faċilità multilaterali tan-negozjar skont il-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(e) faċilità organizzata tan-negozjar skont il-punt (23) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

Id-destinatarji ta' tali talba għandhom, minnufih u mingħajr dewmien bla bżonn, jipprovdu lill-Awtorità b'informazzjoni ċara, preċiża u kompleta.

L-Awtorità għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti bit-talbiet b'konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 5.

Fuq talba tal-Awtorità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassistu lill-Awtorità fil-ġbir tal-informazzjoni."

4. Fl-Artikolu 40 (1), jiddaħħal il-punt (f) segwenti:

"(f) il-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, imsemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a), li ma għandhomx ikollhom id-dritt tal-vot."

5. Fl-Artikolu 42, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit bis-segwenti:

"Fit-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, il-President u l-membri permanenti bid-dritt tal-vot u l-membri bid-dritt tal-vot speċifiċi għal kull CCP tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs imsemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) u l-membri bid-dritt tal-vot tal-Bord tas-Superviżuri għandhom jaġixxu indipendentement u oġġettivament fl-interess uniku tal-Unjoni kollha kemm hi u ma' għandhom la jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, minn kwalunkwe Gvern ta' Stat Membru jew minn kwalunkwe entità oħra pubblika jew privata.

6. L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jagħti gwida lill-ħidma tal-Awtorità. Huwa għandu jkun responsabbli għall-kompiti msemmija fil-Kapitolu II, ħlief għal dawk il-kompiti li għalihom hija responsabbli s-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs skont l-Artikolu 44b(1)."

(b) il-paragrafu 8 huwa sostitwit bis-segwenti:

"8. Il-Bord tas-Superviżuri għandu jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-President u jista' jneħħih jew ineħħiha mill-kariga skont l-Artikolu 48(5). Il-Bord tas-Superviżuri, bi ftehim tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, għandu

jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv u jista' ineħħih jew ineħħiha mill-uffiċċju skont l-Artikolu 51(5)."

7. Fil-Kapitolu 3, tiddaħħal it-taqsima 1A segwenti:

"**it-Taqsima 1A Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs**

**Artikolu 44 a**

**Kompożizzjoni**

1. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPc għandha tkun magħmula minn:

(a) il-membri permanenti li ġejjin:

(i) il-Kap u żewġ Diretturi, maħtura b'konformità mal-Artikolu 48a, li għandu jkollhom id-dritt tal-vot;

(ii) rappreżentant tal-BĊE, li ma jkollux id-dritt tal-vot:

(iii) rappreżentant tal-Kummissjoni, li ma jkollux id-dritt tal-vot;

(b) il-membri speċifiċi mhux permanenti li ġejjin għal kull CCP:

(i) rappreżentant tal-awtorità kompetenti għal kull CCP stabbilita fl-Unjoni li fir-rigward tagħha titlaqqa' s-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, li għandu jkollu d-dritt tal-vot;

(ii) rappreżentant ta' kull bank ċentrali ta' emissjoni rilevanti msemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għal kull CCP stabbilita fl-Unjoni li fir-rigward tagħha titlaqqa' s-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, li ma jkollux id-dritt tal-vot.

Il-Kap jista' jistieden, fejn xieraq i meħtieġ, bħala osservaturi għal-laqgħat tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs:

(a) membri oħra msemmija fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-kulleġġ tas-CCP rilevanti għal-laqgħat tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs;

(b) awtoritajiet ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-AETS skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Il-laqgħat tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jissejħu mill-Kap tagħha fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' kwalunkwe wieħed mill-membri tagħha.

Meta kompitu tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs ma jkunx jirrigwarda CCP speċifika tal-Unjoni, din għandha tkun magħmula biss mill-membri permanenti msemmija fil-punt (a) u, fejn rilevanti, il-banek ċentrali ta' emissjoni msemmija fil-punt (b)(ii).

**Artikolu 44b**

**Il-kompiti u s-setgħat tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs**

1. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha tkun responsabbli għal:

(a) il-provvediment tal-kunsens imsemmi fl-Artikolu 21a(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) ir-rikonoxximent u s-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi b'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-monitoraġġ ta' żviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiżi terzi skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; kif ukoll

(c) il-kompiti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(3), l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 17(3), l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 20(6), l-Artikolu 21c, l-Artikolu 23, l-Artikolu 24, l-Artikolu 29(3), l-Artikolu 38(5), 48(3), 49(1) u 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

2. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jkollha l-persunal tagħha u riżorsi adegwati li tipprovdihom l-AETS sabiex twettaq il-kompiti tagħha.

3. Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha tinforma lill-Bord tad-Diretturi dwar id-deċiżjonijiet tagħha.

**Artikolu 44c**

**Teħid ta' deċiżjonijiet**

Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tagħha. Il-Kap għandu jkollu l-vot deċisiv."

8. It-titolu tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 3 huwa sostitwit bis-segwenti:

"Il-President, il-Kap u d-Diretturi"

9. jiddaħħal Artikolu 48a ġdid:

**"Artikolu 48a**

**Il-ħatra u l-kompiti tal-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u tad-Diretturi**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 48(1) l-Awtorità għandha tkun rappreżentata mill-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għall-kompiti u s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 44b(1).

Il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jkun responsabbli għall-preparazzjoni tal-ħidma tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u għandu jmexxi l-laqgħat tagħha.

2. Il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) għandhom ikunu professjonisti indipendenti full-time. Huma għandhom jinħatru fuq il-bażi ta' mertu, ħiliet, għarfien dwar kwistjonijiet ta' kklerjar, ta' finanzi u ta' wara n-negozjar, kif ukoll fuq il-bażi ta' esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u regolamentazzjoni tas-CCPs. Huma għandhom jintgħażlu abbażi

ta' proċedura ta' għażla miftuħa organizzata mill-Kummissjoni, li għandha tirrispetta l-prinċipji tal-bilanċ bejn is-sessi, l-esperjenza u l-kwalifiki.

3. Il-mandat tal-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u tad-Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) għandu jkun ta' ħames snin u jista' jiġi mġedded darba.

Il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) ma għandux ikollhom karigi fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni, jew internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'lista mqassra ta' kandidati għall-pożizzjonijiet ta' Kap u Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) u għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-lista mqassra.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-ħatra tal-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u tad-Diretturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara li tiġi approvata din il-proposta, il-Kunsill għandu jaddotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex jaħtar il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a). Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

5. Meta l-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jew id-Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijiethom kif imsemmi fil-paragrafu 2 jew ikunu nstabu ħatja ta' mġiba ħażina serja, il-Kunsill jista', fuq proposta mill-Kummissjoni li tkun ġiet approvata mill-Parlament Ewropew, jadotta deċiżjoni implimentattiva biex ineħħi lilu jew lilha mill-kariga. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jinformaw lill-Kummissjoni li jqisu li l-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs jew tad-Diretturi msemmijin fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) mill-kariga huma ssodisfati, u l-Kummissjoni għandha tagħti tweġiba għal dan."

10. L-Artikolu 49 huwa sostitwit bis-segwenti:

"Mingħajr preġudizzju għall-irwol tal-Bord tas-Superviżuri fir-rigward tal-kompiti tal-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u tad-Diretturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) u tal-President, dawn la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew mingħand xi entità pubblika jew privata oħra.

La l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, u lanqas xi korp ieħor pubbliku jew privat ma' għandhom ifittxu li jinfluwenzaw lill-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) jew lill-President fit-twettiq tal-kompiti tiegħu jew tagħha.

B'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal imsemmija fl-Artikolu 68, wara li l-President, il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 44a(1)(a) jitilqu mis-servizz, dawn għandhom jibqgħu marbuta bid-

dover li jaġixxu b'integrità u diskrezzjoni fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' ċerti ħatriet jew benefiċċji."

11. L-Artikolu 50 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jistiednu lill-President jew lill-membru supplenti tiegħu jew lill-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs, biex jagħmlu dikjarazzjoni filwaqt li jirrispettaw kompletament l-indipendenza tagħhom. Il-President jew il-Kap għandhom jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġbu kull mistoqsijiet magħmula lilhom mill-membri tiegħu kull meta dan ikun meħtieġ.

2. Il-President jew il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jirrapportaw bil-miktub dwar l-attivitajiet prinċipali tal-Bord tas-Superviżuri u tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs lill-Parlament Ewropew meta jintalbu jagħmlu dan u mill-inqas 15-il jum qabel jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 11 sa 18 u l-Artikoli 20 u 33, il-President għandu jirrapporta kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi *ad hoc*.

Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 33 il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jirrapporta kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Parlament Ewropew fuq bażi *ad hoc*".

12. L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit bis-segwenti:

"2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli biex jimplimenta l-programm ta' ħidma annwali tal-Awtorità taħt il-gwida tal-Bord tas-Superviżuri u tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u taħt il-kontroll tal-Bord ta' Amministrazzjoni."

(b) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit bis-segwenti:

"4. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji programm ta' ħidma pluriennali, kif imsemmi fl-Artikolu 47(2). Għall-kompiti u s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 44b(1), id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb il-kunsens tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs qabel ma jippreżentah lill-Bord Amministrattiv".

(c) Il-paragrafu 7 huwa sostitwit bis-segwenti:

"7. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji abbozz ta' rapport b'taqsima dwar l-attivitajiet regolatorji u superviżorji tal-Awtorità u taqsima dwar il-kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi.

Għall-kompiti u s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 44b(1), id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb il-kunsens tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs qabel ma jippreżentah lill-Bord ta' Amministrattiv".

13. Fl-Artikolu 63, jiddaħħal il-paragrafu 1a segwenti:

"1a. L-infieq u t-tariffi tal-AETS relatati mal-kompiti u s-setgħat imsemmija fl-Artikolu 44b(1) għandhom ikunu identifikabbli separatament fid-dikjarazzjoni ta' estimi imsemmija fil-paragrafu 1. Qabel l-adozzjoni tad-dikjarazzjoni tal-estimi, l-abbozz imħejji mid-Direttur Eżekuttiv rigward tali nfiq u tariffi għandu jiġi approvat mis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs.

Il-kontijiet annwali tal-AETS imfassla u ppubblikati skont l-Artikolu 64(6) għandhom jinkludu d-dħul u l-infiq relatati mal-kompiti msemmija fl-Artikolu 44b(1)."

14. Fl-Artikolu 70, il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Il-Membri tal-Bord tas-Superviżuri, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u l-Bord Amministrattiv, id-Direttur Eżekuttiv, u membri tal-persunal tal-Awtorità, inklużi uffiċjali li jiġu ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja u l-persuni l-oħra kollha li jwettqu kompiti għall-Awtorità fuq bażi kuntrattwali, għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-sigriet professjonali skont l-Artikolu 339 TFUE u d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, anki wara li jkunu ntemmu dmirijiethom."

15. Fl-Artikolu 76, jiddaħħal il-paragrafu 2 a segwenti:

"2a Sakemm il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u d-Diretturi tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs imsemmija fl-Artikolu 44a(1) jassumu d-dmirijiet tagħhom wara l-ħatra tagħhom skont l-Artikolu 48a, il-funzjonijiet tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandhom jitwettqu mill-Bord tas-Superviżuri".

*Artikolu 2*

*Emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012*

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit bis-segwenti:

"(b) is-CCPs li huma awtorizzati skont l-Artikolu 17 jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 u d-data ta' awtorizzazzjoni jew rikonoxximent rispettivament, li jindikaw is-CCPs li jkunu awtorizzati jew rikonoxxuti għall-iskop tal-obbligu tal-ikklerjar".

2. Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 3 huwa sostitwit bis-segwenti:

"3. Fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-AETS għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi data ta' skadenza sa meta s-CCP għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali. Malli tirċievi tali informazzjoni addizzjonali, l-awtorità kompetenti għandha tibgħatha minnufih lill-AETS u lill-kulleġġ stabbilit skont l-Artikolu 18(1). Wara li tivvaluta, f'konsultazzjoni mal-AETS, li applikazzjoni hija kompluta, l-

awtorità kompetenti għandha tinnotifika lis-CCP applikanti u lill-membri tal-kulleġġ kif meħtieġ."

3. L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Fi żmien 30 jum kalendarji minn meta tiġi ppreżentata applikazzjoni kompleta skont l-Artikolu 17, l-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tistabbilixxi kulleġġ sabiex jiffaċilita t-tħaddim tal-kompiti imsemmija fl-Artikoli 15, 17, 49, 51 u 54.

Il-Kap tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs imsemmija fl-Artikolu 48a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 għandu jmexxi u jiġġestixxi l-kulleġġ."

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) jinbidel bis-segwenti:

"(a) il-membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs imsemmija f'Artikolu 44a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;"

(c) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit bis-segwenti:

"(c) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar tas-CCP li huma stabbiliti fit-tliet Stati Membri bl-ikbar kontribuzzjonijiet għall-fond tal-inadempjenza tas-CCP imsemmija fl-Artikolu 42 fuq bażi aggregata tul perjodu ta' sena, inkluż fejn rilevanti, il-BĊE b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[54].

4. Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Opinjoni tal-maġġoranza tal-kulleġġ għandha tiġi adottata fuq il-bażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu.

Għall-kulleġġi sa u li jinkludu 12-il membru, massimu ta' żewġ membri tal-kulleġġ mill-istess Stat Membru għandu jkollhom vot u kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed. Għall-kulleġġi li jkun fihom aktar minn 12-il membru, massimu ta' tliet membri mill-istess Stat Membru għandu jkollhom vot u kull membru votanti għandu jkollu vot wieħed.

Fejn il-BĊE ikun membru tal-kulleġġ skont il-punti (a), (c) u (h) tal-Artikolu 18(2), huwa għandu jkollu l-għadd ta' ta' voti segwenti:

(i) massimu ta' żewġ (2) voti f'kulleġġi sa u li jinkludu 12-il membru;

(ii) massimu ta' tliet (3) voti f'kulleġġi li jkunu jinkludu aktar minn 12-il membru.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jkun membru mingħajr id-dritt tal-vot. Il-membri permanenti l-oħra tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għandu jkollhom vot kull wieħed."

---

[54] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63."

5. Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 6 huwa sostitwit bis-segwenti:

"6. L-awtorità kompetenti tas-CCP għandha tibgħat lill-AETS u lill-membri tal-kulleġġ l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha kompletament motivat, li għandu jqis ir-riżervi tal-membri tal-kulleġġ."

6. L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-irwol tal-kulleġġ, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 22 għandhom jagħmlu rieżami tal-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mis-CCPs biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u jevalwaw ir-riskji li għalihom is-CCPs huma, jew jistgħu jkunu esposti.

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit bis-segwenti:

"3. L-AETS għandha tistabbilixxi l-frekwenza u l-grad tar-rieżami u tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 filwaqt li jqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CCPs ikkonċernati. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni għandhom jiġu aġġornati mill-inqas darba fis-sena.

Is-CCPs għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post. Il-persunal tal-AETS għandu jiġi mistieden biex jipparteċipa f'dawn l-ispezzjonijiet fuq il-post.

L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-AETS kull informazzjoni li tasal mingħand is-CCPs u għandha titlob mingħand is-CCP rilevanti kull informazzjoni li tintalab mill-AETS li hi ma tistax tipprovdi."

7. Fit-Titolu III, il-Kapitolu 2 jiddaħħlu l-Artikoli 21a, 21b u 21c segwenti:

"Artikolu 21 a

It-tħejjija tal-abbozzi tad-deċiżjonijiet

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju u jippreżentaw abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-AETS għal kunsens minn qabel l-adozzjoni ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) deċiżjonijiet adottati skont l-Artikoli 7, 8, 14, 15, 16, 20, 21, 30, 31, 35, 49 u 54 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(b) kull deċiżjoni adottata fit-twettiq ta' dmirijiethom li jirriżultaw mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju u jippreżentaw abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-banek ċentrali ta' emissjoni msemmija fl-Artikolu 18(2)(h) qabel ma jadottaw xi deċiżjoni skont l-Artikoli 14, 15, 20, 44, 46, 50 u 54.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu, skont l-Artikolu 21(b) il-kunsens tal-banek ċentrali ta' emissjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu fir-rigward ta' kull

aspett ta' dawk id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw it-twettiq tal-kompiti tal-politika monetarja tagħhom.

3. L-AETS għandha tittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti kull informazzjoni rilevanti li tista' tirriżulta fl-adozzjoni ta' deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u tista' titlob azzjoni superviżorja speċifika, inkluż l-irtirar tal-awtorizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lill-AETS infurmata dwar kull azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni fir-rigward tagħha.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kunsens tal-AETS għandu jkun meqjusa li ngħata sakemm din ma tipproponix emendi jew ma toġġezzjonax għall-abbozz ta' deċiżjoni fi żmien massimu ta' 15-il jum kalendarju wara li tkun ġiet innotifikata b'dik id-deċiżjoni. Meta l-AETS tipproponi emendi jew toġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub.

5. Meta l-AETS tipproponi emendi, l-awtorità kompetenti tista' tadotta d-deċiżjoni biss kif emendata mill-AETS.

Meta l-AETS toġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tadotta dik id-deċiżjoni.

6. Meta l-awtorità kompetenti ma taqbilx mal-emenda proposta jew mal-oġġezzjoni tal-AETS, din tista' fi żmien ħamest (5) ijiem tippreżenta talba motivata lill-Bord tas-Superviżuri msemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jivvaluta din l-oġġezzjoni jew emenda. Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jew japprova jew jiċħad l-oġġezzjonijiet jew emendi fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta ssir it-talba u l-paragrafu 5 għandu japplika skont dan.

7. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE, l-AETS tista' tadotta deċiżjoni indirizzata lil parteċipant fis-swieq finanzjarji li tkun tirrikjedi l-azzjoni neċessarja sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont il-liġi tal-Unjoni, inkluż il-waqfien ta' kwalunkwe prattika fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-paragrafu 5 fil-każ ta' oġġezzjoni jew emendi tal-AETS għal abbozz ta' deċiżjoni finali;

(b) meta awtorità kompetenti, fuq talba mill-AETS skont il-paragrafu 3, ma tiħux l-azzjoni mitluba fi żmien raġonevoli fejn dan in-nuqqas jirriżulta f'li parteċipant fis-swieq finanzjarji jikkommetti ksur tar-rekwiżiti applikabbli fit-Titoli IV u V ta' dan ir-Regolament.

Id-deċiżjonijiet adottati skont l-ewwel subparagrafu għandhom jipprevalu fuq kwalunkwe deċiżjoni preċedenti adottata mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-istess kwistjoni.

Artikolu 21b

Il-kunsens tal-Bank Ċentrali ta' Emissjoni

1. Il-kunsens imsemmi fl-Artikolu 21a(2) għandu jkun ikkunsidrat mogħti sakemm il-bank ċentrali ta' emissjoni ma jipproponix emendi jew ma joġġezzjonax għall-abbozz tad-deċiżjoni fi żmien massimu ta' 15-il jum kalendarji wara li dawn jiġu

ppreżentati. Meta l-bank ċentrali ta' emissjoni jipproponi emendi jew joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub.

Meta l-AETS tkun ipproponiet emendi skont l-Artikolu 21a(4) għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet li jridu jiġu adottati skont l-Artikoli 14, 15, 20 u 54, hija għandha wkoll tippreżentahom lill-bank ċentrali ta' emissjoni. F'dan il-każ, l-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi estiża b'ħamest (5) ijiem

2. Meta l-bank ċentrali ta' emissjoni jipproponi emendi, l-awtorità kompetenti tista' tadotta d-deċiżjoni biss kif emendata minn dak il-bank ċentrali ta' emissjoni.

Meta l-bank ċentrali joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tadotta dik id-deċiżjoni.

### Artikolu 21c

### Tariffi

1. Is-CCPs se jħallsu t-tariffi li ġejjin:

(a) tariffi assoċjati mal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 17;

(b) tariffi assoċjati mal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 25;

(c) tariffi annwali assoċjati mal-kompiti tal-AETS b'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex tispeċifika aktar it-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom id-drittijiet jkunu dovuti, l-ammont tat-tariffi u l-metodu ta' pagament tagħhom lill-entitajiet li ġejjin:

(a) CCPs stabbiliti fl-Unjoni li huma awtorizzati jew li japplikaw għall-awtorizzazzjoni;

(b) CCP stabbilita f'pajjiż terz li hija rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25(2);

(c) CCP stabbilita f'pajjiż terz li hija rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25(2b)."

8. L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tas-CCP jew kwalunkwe awtorità oħra għandha tinforma lill-AETS, lill-kulleġġ, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ u lil awtoritajiet rilevanti oħra mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP, inkluż l-iżviluppi fi swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq, it-trażmissjoni ta' politika monetarja, l-operazzjoni mingħajr xkiel

ta' sistemi ta' pagament u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe Stat Membru fejn is-CCP jew wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha jkun stabbilit."

9. L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt (e) li ġej:

(e) is-CCP li tkun stabbilita bħala mhux sistemikament importanti jew mhux probabbli ssir sistemikament importanti (CCP tal-Grad 1) f'konformità mal-paragrafu 2a."

(b) jiddaħħlu dawn il-paragrafi li ġejjin 2a, 2b u 2c:

"2a. L-AETS għandha tiddetermina jekk CCP hijiex sistemikament importanti jew li x'aktarx issir sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha (CCP ta' Grad 2) filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) in-natura, id-daqs u l-kumplessità tal-operat tas-CCP, inkluż il-valur f'termini ta' aggregat u f'kull munita tal-Unjoni ta' tranżazzjonijiet ikklerjati mis-CCP, jew l-iskopertura aggregata tas-CCP involuta f'attivitajiet ta' kklerjar tal-kontropartijiet tagħha;

(b) l-effett li fil-każ ta' nuqqas jew ta' tfixkil għas-CCP ikollu fuq swieq finanzjarji, istituzzjonijiet finanzjarji, jew is-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, jew fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

(c) l-istruttura tas-sħubija tal-ikklerjar tas-CCP;

(d) ir-relazzjoni tas-CCP, interdipendenzi, jew interazzjonijiet oħra ma' infrastrutturi oħra tas-swieq finanzjarji, istituzzjonijiet finanzjarji oħra u s-sistema finanzjarja usa'.

Il-Kummissjoni se tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex tispeċifika aktar il-kriterji stabbiliti fl-ewwel subparagrafu fi żmien [*sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

2b. Fejn l-AETS tiddetermina li CCP tkun sistemikament importanti jew li x'aktarx se ssir sistemikament importanti (CCP ta' Grad 2) f'konformità mal-paragrafu 2a, hija tista' tirrikonoxxi biss dik is-CCP fejn, minbarra l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2)(a), (b), (c) u (d), jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) li s-CCP tikkonforma, fil-mument tar-rikonoxximent u minn hemm 'il quddiem fuq bażi kontinwa, mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u fit-Titoli IV u V. L-AETS għandha tieħu inkunsiderazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 25a(2), sa liema punt il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti hi ssodisfata bil-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti komparabbli applikabbli fil-pajjiż terz;

(b) wara l-konsultazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 3, il-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fiha pprovdew lill-AETS b'konferma bil-miktub, fi żmien 180 jum mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, li s-CCP tikkonforma ma'

kwalunkwe rekwiżit impost minn dawk il-banek ċentrali tal-ħruġ fit-twettiq tal-kompiti tal-politika monetarja tagħhom. Fejn il-bank ċentrali tal-ħruġ rilevanti ma jkunx ipprovda tweġiba bil-miktub lill-AETS fi żmien l-iskadenza, l-AETS tista' tqis dan ir-rekwiżit issodisfat;

(c) is-CCP ipprovdiet lill-AETS bil-kunsens tagħha bla kundizzjoni bil-miktub, iffirmata mir-rappreżentant legali tas-CCP, biex jiġu pprovduti fi żmien 72 siegħa wara s-servizz ta' rikjesta mill-AETS kull dokumenti, rekords, informazzjoni u data miżmuma minn tali CCP f'kull ħin, u li l-AETS ikollha aċċess fi kwalunkwe bini tan-negozju tas-CCP, kif ukoll l-opinjoni ġuridika motivata minn esperti legali indipendenti li tikkonferma li l-kunsens mogħti hu validu u eżegwibbli skont il-liġijiet applikabbli rilevanti;

(d) is-CCP daħħlet fis-seħħ il-miżuri u l-proċeduri kollha meħtieġa li jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (c);

(e) il-Kummissjoni ma adottatx att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2c.

2c. L-AETS, bi ftehim mal-awtoritajiet rilevanti tal-banek ċentrali tal-ħruġ u proporzjonat mal-grad ta' importanza sistemika tas-CCP f'konformità mal-paragrafu 2a, tista' tikkonkludi li CCP ta' importanza sistemika sostanzjali li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2b ma tiżgurax b'mod suffiċjenti l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, u għaldaqstant jinħtieġ li ma tiġix rikonoxxuta. F'każ bħal dan, l-AETS għandha tirrakkomanda li l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jikkonferma li din is-CCP jinħtieġ li ma tiġix rikonoxxuta f'konformità mal-paragrafu 2b.

Wara s-sottomissjoni tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddikjara li din is-CCP m'għandhiex tiġi rikonoxxuta skont il-paragrafu 2b u li hija tista' biss tipprovdi servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14."

(c) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. L-AETS għandha, wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet u l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 3, tirrieżamina r-rikonoxximent tas-CCP stabbilita f'pajjiż terz fejn dik is-CCP tkun estendiet il-firxa tal-attivitajiet u s-servizzi tagħha fl-Unjoni u fi kwalunkwe każ mill-inqas kull sentejn. Dan ir-rieżami għandu jitwettaq f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4."

(d) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, li jiddetermina dan li ġej:

(a) li l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji ta' pajjiż terz jiżguraw li s-CCPs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw fuq bażi kontinwa ma' rekwiżiti ġuridikament vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament;

(b) li dawn is-CCPs ikunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettiv f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa;

(c) li l-qafas legali ta' dak il-pajjiż terz jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs awtorizzati skont reġimi legali ta' pajjiżi terzi;

Il-Kummissjoni tista' tissottometti l-applikazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għat-twettiq effettiv ta' kwalunkwe rekwiżit stabbilit fih minn pajjiż terz fuq bażi kontinwa u għall-abbiltà mill-AETS biex effettivament twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward ta' CCP ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont il-paragrafi 2 u 2b jew b'rabta mal-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 6b, inkluż permezz ta' ftehim dwar u japplikaw l-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 7."

(e) jiddaħħlu l-paragrafi 6a u 6b li ġejjin:

"6a. Il-Kummissjoni tista' tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 biex tispeċifika aktar il-kriterji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 6.

6b. L-AETS għandha timmonitorja l-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiżi terzi li għalihom l-atti ta' implimentazzjoni ġew adottati skont il-paragrafu 6.

Meta l-AETS tidentifika kwalunkwe żvilupp regolatorju jew superviżorju f'dawk il-pajjiżi terzi, li jista' jkollhom impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'mod kunfidenzjali u mingħajr dewmien.

L-AETS għandha tissottometti lill-Kummissjoni rapport kunfidenzjali dwar l-iżviluppi regolatorji u superviżorji tal-pajjiżi terzi msemmija fl-ewwel subparagrafu fuq bażi annwali."

(f) l-ewwel sentenza tal-paragrafu 7 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"7. L-AETS għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni effettivi mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament f'konformità mal-paragrafu 6."

(g) fil-paragrafu 7, jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(d) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji, inkluż il-ftehim ta' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi biex jippermettu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 25d u 25e rispettivament.

(e) il-proċeduri meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiż terz."

10. Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 25a, 25b, 25c, 25d, 25e, 25f, 25g, 25h, 25i, 25j, 25k, 25l, 25m, 25m li ġejjin:

“L-Artikolu 25a
Konformità komparabbli

1. Is-CCP li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 25(2b)(a) tista’ tissottometti talba motivata li l-AETS tivvaluta l-konformità tagħha komparabbli mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b)(a) u stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V.

2. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi bażi fattwali għall-konstatazzjoni ta’ komparabbiltà u r-raġunijiet għalfejn il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli fil-pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V.

3. Sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tirrifletti b’mod effettiv l-objettivi regolatorji tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V u l-interessi tal-Unjoni kollha b’mod sħiħ, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat biex tispeċifika dan li ġej:

(a) l-elementi minimi li għandhom jiġu evalwati għall-finijiet tal-paragrafu 1;

(b) il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet biex titwettaq il-valutazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu f’konformità mal-Artikolu 82.

*Artikolu 25b*

*Il-konformità kontinwa mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent*

1. L-AETS se tkun responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għas-superviżjoni fuq bażi kontinwa tal-konformità ta’ CCPs ta' Grad 2 rikonoxxuti mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b)(a).

L-AETS għandha teħtieġ il-konferma minn kull CCP ta' Grad 2 mill-inqas fuq bażi annwali, li r-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b), (c), (d) u (e) tal-Artikolu 25 (2b) jibqgħu jiġu ssodisfati.

Fejn il-bank ċentrali tal-ħruġ imsemmi fl-Artikolu 18(2)(h) jikkunsidra li s-CCP ta' Grad 2 m’għadhiex tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 25(2b)(b), hija għandha tinnotifika minnufih lill-AETS.

2. L-AETS għandha tħejji u tippreżenta abbozz ta’ deċiżjonijiet lill-bank ċentrali tal-ħruġ tal-munita rilevanti msemmi fl-Artikolu 18(2)(h), qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50, u 54.

L-AETS għandha tikseb, f’konformità ma’ dan il-paragrafu, il-kunsens tal-bank ċentrali tal-ħruġ rilevanti fir-rigward ta’ kwalunkwe aspett ta’ dawk id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw it-twettiq tal-kompiti ta’ politika monetarja. Il-kunsens tal-bank ċentrali tal-ħruġ imsemmi fit-tieni subparagrafu għandu jkun meqjus li ngħata, sakemm dan ma jipproponix emendi jew jekk joġġezzjona għall-abbozz ta’ deċiżjoni fi żmien 15-

il jum kalendarju, wara li jkun ġie notifikat bl-abbozz ta' deċiżjoni. Meta l-bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, huwa għandu jagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, bil-miktub.

Meta l-bank ċentrali tal-ħruġ joġġezzjona għal abbozz ta' deċiżjoni, l-AETS ma għandhiex tadotta din id-deċiżjoni. Meta l-bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi, l-AETS tista' tadotta biss id-deċiżjoni kif emendata minn dak il-bank ċentrali tal-ħruġ.

3. L-AETS għandha twettaq evalwazzjonijiet tar-reżiljenza ta' CCPs rikonoxxuti għall-iżviluppi negattivi fis-suq f'konformità mal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (EU) Nru 1095/2010.

Artikolu 25c

Talba għal informazzjoni

1. L-AETS tista', b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob li c-CCPs rikonoxxuti u l-partijiet terzi relatati, li lilhom is-CCPs esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali biex jipprovdu l-informazzjoni kollha li hi meħtieġa sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament.

2. Meta tibgħat talba sempliċi għal informazzjoni skont il-paragrafu 1, l-AETS għandha tindika dan kollu li ġej:

(a) ir-referenza għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali tat-talba;

(b) tiddikjara l-fini tat-talba;

(c) l-informazzjoni meħtieġa;

(d) il-limitu ta' żmien biex tipprovdi l-informazzjoni;

(e) tinforma lill-persuna li tkun intalbet l-informazzjoni li hi mhix obbligata tipprovdi l-informazzjoni, iżda f'każ ta' tweġiba volontarja għat-talba, l-informazzjoni pprovduta għandha tkun korretta u m'għandhiex tiżgwida; u

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 25g flimkien mal-punt (a) tat-Taqsima V tal-Anness III meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw.

3. Meta titlob li tingħata informazzjoni skont il-paragrafu 1 b'deċiżjoni, l-AETS għandha tindika dan kollu li ġej:

(a) ir-referenza għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali tat-talba;

(b) tiddikjara l-fini tat-talba;

(c) l-informazzjoni meħtieġa;

(d) il-limitu ta' żmien biex tipprovdi l-informazzjoni;

(e) tindika l-pagamenti perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 25h meta l-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba ma tkunx kompluta;

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 25g flimkien mal-punt (a) tat-Taqsima V tal-Anness III meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw; kif ukoll

(g) tindika d-dritt għal appell tad-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell tal-AETS u għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") f'konformità mal-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew mill-kostituzzjoni tagħhom, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba. Avukati debitament awtorizzati li jaġixxu, jistgħu jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar għandhom jibqgħu responsabbli bis-sħiħ jekk l-informazzjoni mogħtija tkun mhux kompluta, mhux korretta jew qarrieqa.

5. L-AETS għandha tibgħat mingħajr dewmien kopja tat-talba sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti fejn huma domiċiljati jew stabbiliti l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ikkonċernati mit-talba għall-informazzjoni.

Artikolu 25d

Investigazzjonijiet ġenerali

1. Sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-AETS tista' twettaq l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa tas-CCPs ta' Grad 2. Għal dan l-għan, l-uffiċjali u persuni oħrajn awtorizzati mill-AETS għandu jkollhom is-setgħa li:

(a) jeżaminaw kwalunkwe rekord, data, proċedura u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom irrispettivament mill-mezz li jkunu miżmumin fih;

(b) jieħdu jew jakkwistaw kopji ċċertifikati ta' tali rekords jew estratti minnhom, data, proċeduri u materjal ieħor;

(c) isejħu u jsaqsu lil CCPs ta' Grad 2 jew rappreżentanti jew membri tal-persunal tagħhom għal spjegazzjonijiet orali jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u biex jinżamm rekord tat-tweġibiet;

(d) jintervistaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħti l-kunsens li tiġi intervistata bil-fini li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett tal-investigazzjoni;

(e) jitolbu rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data.

2. L-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-AETS għall-finijiet ta' dawn l-investigazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tindika wkoll il-pagamenti tal-penali perjodiċi previsti fl-Artikolu 25h meta l-produzzjoni tar-rekords, data, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ, jew it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lil CCPs ta' Grad 2 ma jiġux ipprovduti jew ma jkunux kompleti, u l-multi previsti fl-Artikolu 25g flimkien mal-punt (b) tat-Taqsima V tal-Anness III, meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lil CCPs ta' Grad 2 ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw.

3. CCPs ta' Grad 2 huma mitluba jissottomettu ruħhom għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-AETS. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-pagamenti tal-penali perjodiċi previsti fl-Artikolu 25h, ir-rimedji legali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

4. Qabel in-notifika lil CCP ta' Grad 2 ta' investigazzjoni, l-AETS tinforma lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz rilevanti fejn se ssir l-investigazzjoni, u l-identità tal-persuni awtorizzati. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz konċernat, b'talba tal-AETS, jassistu lil dawk il-persuni awtorizzati fit-twettiq ta' dmirijiethom. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz konċernat jistgħu wkoll jattendu l-investigazzjonijiet. Investigazzjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu sakemm l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz ma toġġezzjonax għalihom.

5. Jekk kwalunkwe waħda mit-talbiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tista' wkoll issir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni bħala miżura ta' prekawzjoni.

## L-Artikolu 25e

### Spezzjonijiet fuq il-post

1. Sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-AETS tista' twettaq l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe bini ta' negozju ta' CCPs ta' Grad 2. Il-bank ċentrali rilevanti tal-ħruġ għandu jkun mistieden jieħu sehem f'dawn l-ispezzjonijiet fuq il-post.

2. L-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-AETS biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini tan-negozju jew l-art tal-persuni ġuridiċi soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata mill-AETS u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 25d(1). Huma jkollhom ukoll is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe sit tal-operat u kotba jew reġistri għall-perjodu tal-ispezzjoni u sal-limitu meħtieġa.

3. Fi żmien adatt qabel l-ispezzjoni, l-AETS għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn tkun ser ssir l-ispezzjoni. Meta jkun meħtieġ twettiq xieraq u effiċjenza fl-ispezzjoni, l-AETS, wara li tinforma l-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz rilevanti, tista' twettaq l-ispezzjoni fuq il-post

mingħajr notifika minn qabel lis-CCP. Spezzjonijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu sakemm l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ikkonfermat li ma toġġezzjonax għalihom.

L-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-AETS biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-post għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom billi jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u l-pagamenti tal-penali perjodiċi previsti fl-Artikolu 25h fil-każ li l-persuni kkonċernati ma jissottomettux ruħhom għall-ispezzjoni.

4. CCPs ta' Grad 2 għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-AETS. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, taħtar id-data meta din għandha tibda u tindika l-pagamenti tal-penali perjodiċi previsti fl-Artikolu 25h, ir-rimedji legali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

5. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fejn għandha titwettaq l-ispezzjoni, kif ukoll dawk awtorizzati jew maħtura minnha, għandhom, fuq talba tal-AETS, jassistu attivament lill-uffiċjali u persuni oħra awtorizzati mill-AETS. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jistgħu wkoll jattendu għall-ispezzjonijiet fuq il-post.

6. L-AETS tista' titlob ukoll li l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz iwettqu kompiti investigattivi speċifiċi u spezzjonijiet fuq il-post kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 25d(1) f'isimha.

7. Fejn l-uffiċjali u persuni oħra li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-AETS isibu li persuna topponi xi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti kkonċernata tal-pajjiż terz għandha tagħtihom l-għajnuna neċessarja, u titlob fejn xieraq l-għajnuna tal-pulizija jew ta' awtorità ta' infurzar oħra ekwivalenti, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ispezzjoni tagħhom fuq il-post.

8. Jekk l-ispezzjoni fuq il-post prevista fil-paragrafu 1 jew jekk l-għajnuna prevista fil-paragrafu 7 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont il-liġi nazzjonali applikabbli, tali awtorizzazzjoni għandha ssir applikazzjoni għaliha. Tista' wkoll issir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni bħala miżura ta' prekawzjoni.

## Artikolu 25f

### Regoli proċedurali biex jittieħdu miżuri superviżorji u jiġu imposti multi

1. Meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-AETS issib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III, l-AETS għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-AETS biex jinvestiga l-kwistjoni. L-uffiċjal maħtur m'għandux jiġi involut jew ikun ġie involut direttament jew indirettament fil-proċess tar-rikonoxximent jew superviżjoni u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-AETS.

2. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinvestiga l-ksur allegat, filwaqt li jikkunsidra kwalunkwe kumment ippreżentat mill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u għandu jissottometti fajl komplet bis-sejbiet tiegħu lill-AETS.

Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal tal-investigazzjoni jista' jeżerċita s-setgħa li jirrikjedi informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 25c u jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikoli 25d u 25e. Meta juża dawn is-setgħat, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jikkonforma mal-Artikolu 25c(4).

Meta jwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġbura mill-AETS fl-attivitajiet tagħha.

3. Meta jikkompleta l-investigazzjoni tiegħu u qabel jippreżenta l-fajl bil-konklużjonijiet tiegħu lill-AETS, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jagħti lill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet l-opportunità li jinstemgħu dwar il-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu investigati. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jibbaża s-sejbiet tiegħu biss fuq fatti li l-persuni kkonċernati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwarhom.

Matul l-investigazzjonijiet taħt dan l-Artikolu, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ.

4. Meta jissottometti l-fajl bis-sejbiet tiegħu lill-AETS, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinnotifika dan il-fatt lill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl m'għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa lil partijiet terzi.

5. Abbażi tal-fajl li jkun fih is-sejbiet tal-uffiċjal tal-investigazzjoni u, meta jintalab mill-persuni kkonċernati, wara li jkun sema' lill-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 25i, l-AETS għandha tiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III jkunx twettaq mill-persuni li kienu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u, f'tali każ, għandha tieħu miżura superviżorja f'konformità mal-Artikolu 25n u timponi multa f'konformità mal-Artikolu 25g.

6. L-uffiċjal tal-investigazzjoni ma għandux jipparteċipa f'deliberazzjonijiet tal-AETS jew b'xi mod ieħor jintervjeni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-AETS.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta aktar atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 biex tispeċifika aktar ir-regoli ta' proċedura biex tiġi eżerċitata s-setgħa li jiġu imposti multi jew pagamenti tal-penali perjodiċi, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet għad-difiża, dispożizzjonijiet temporali, u l-ġbir ta' multi jew pagamenti tal-penali perjodiċi, u għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar tal-penali.

8. L-AETS għandha tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali lill-awtoritajiet nazzjonali xierqa għal investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali possibbli meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament, hija ssib li jkun hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jkunu jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Barra minn hekk, l-AETS għandha żżomm lura milli

timponi multi jew pagamenti tal-penali perjodiċi meta liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna minn qabel li tirriżulta minn fatt identiku jew fatti li jkunu sostanzjalment l-istess tkun diġà saret *res judicata* bħala riżultat tal-proċeduri kriminali skont il-liġi nazzjonali.

Artikolu 25g

Multi

1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 25f(5), l-AETS issib li s-CCP tkun wettqet intenzjonalment jew b'negliġenza wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III, din għandha tadotta deċiżjoni li timponi multa f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Ksur mis-CCP jitqies li twettaq intenzjonalment jekk l-AETS issib fatturi oġġettivi li juru li l-CCP jew il-maniġment superjuri tagħha aġixxew deliberatament biex jitwettaq il-ksur.

2. L-ammonti bażiċi tal-multi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu sa darbtejn l-ammont tal-profitti miksuba jew telf evitat minħabba l-ksur fejn dawn ikun jistgħu jiġu ddeterminati, jew sa 10 % tad-dħul annwali totali, kif definit fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena ta' negozju preċedenti.

3. L-ammonti bażiċi stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu aġġustati, jekk ikun meħtieġ, filwaqt li jitqiesu l-fatturi aggravanti jew attenwanti f'konformità mal-koeffiċjenti rilevanti stabbiliti fl-Anness IV.

Il-koeffiċjenti aggravanti rilevanti jiġu applikati wieħed wieħed għall-ammont bażiku. Jekk ikun applikabbli aktar minn koeffiċjent aggravanti wieħed, id-differenza bejn l-ammont bażiku u l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' kull koeffiċjent aggravanti individwali għandha tiżdied mal-ammont bażiku.

Il-koeffiċjenti aggravanti rilevanti jiġu applikati wieħed wieħed għall-ammont bażiku. Jekk ikun applikabbli aktar minn koeffiċjent aggravanti wieħed, id-differenza bejn l-ammont bażiku u l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' kull koeffiċjent aggravanti individwali għandha tiżdied mal-ammont bażiku.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-ammont tal-multa ma għandux jaqbeż 20 % tad-dħul annwali tas-CCP fis-sena tan-negozju preċedenti iżda, jekk is-CCP ikun kiseb benefiċċju finanzjarju direttament jew indirettament mill-ksur, l-ammont tal-multa jkun għall-inqas ugwali għal dak il-benefiċċju.

Meta att jew ommissjoni ta' CCP tikkostitwixxi aktar minn ksur wieħed elenkat fl-Anness III, tapplika biss l-ogħla multa kalkolata f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u relatata ma' wieħed minn dan il-ksur.

Artikolu 25h

Pagamenti perjodiċi ta’ penali

1. L-AETS għandha, permezz ta’ deċiżjoni, timponi pagamenti ta’ penali perjodiċi sabiex iġġiegħel:

(a) CCP ta’ Grad 2 ittemm il-ksur, f’konformità mad-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 25n(1)(a);

(b) persuna msemmija fl-Artikolu 25c(1) tipprovdi informazzjoni kompleta, li tkun ġiet rikjesta b'deċiżjoni skont l-Artikolu 25c;

(c) CCP ta' Grad 2:

(i) tissottometti ruħha għal investigazzjoni u b’mod partikolari tipproduċi reġistri, dejta, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ b’mod komplut u ttemm u tikkoreġi informazzjoni oħra pprovduta f’investigazzjoni mnedija b’deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 25d; jew

(ii) tissottometti ruħha għal spezzjoni fuq il-post ordnata b’deċiżjoni skont l-Artikolu 25e.

2. Pagament perjodiku ta’ penali għandu jkun effettiv u proporzjonat. Il-pagament perjodiku ta’ penali għandu jiġi impost għal kull jum ta’ dewmien.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-ammont tal-pagamenti tal-penali perjodiċi għandu jkun 3 % tal-fatturat medju ta’ kuljum fis-sena tan-negozju preċedenti, jew, f’każ ta’ persuni fiżiċi, 2 % tad-dħul medju ta’ kuljum fis-sena kalendarja preċedenti. Huwa jiġi kkalkolat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-pagamenti perjodiċi ta' penali.

4. Pagament perjodiku ta’ penali għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta’ sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-AETS. Wara tmiem dan il-perjodu, l-AETS għandha tirrevedi l-miżura.

Artikolu 25i

Smigħ tal-persuni kkonċernati

1. Qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar multa jew pagament ta’ penali perjodiku skont l-Artikoli 25g u 25h, l-AETS għandha tagħti lill-persuni soġġetti għall-proċeduri l-opportunità li jinstemgħu dwar is-sejbiet tagħha. L-AETS għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq sejbiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċeduri kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

2. Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni soġġetti għall-proċeduri għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ matul il-proċeduri. Dawn għandhom ikunu intitolati jkollhom aċċess għall-fajl tal-AETS, soġġett għall-interess leġittimu ta’ persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom. Id-dritt ta’ aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali jew id-dokumenti preparatorji interni tal-AETS.

L-Artikolu 25j

L-iżvelar, in-natura, l-infurzar u l-allokazzjoni tal-multi u l-pagamenti tal-penali perjodiċi

1. L-AETS għandha tiżvela lill-pubbliku kull multa u pagament perjodiku ta' penali li jkun ġie impost skont l-Artikoli 25g u 25h, sakemm tali żvelar lill-pubbliku ma jippreġudikax b'mod serju s-swieq finanzjarji jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti. Tali żvelar ma għandux jinkludi data personali fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

2. Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 25g u 25h għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Meta l-AETS tiddeċiedi li ma timponix multi jew pagamenti ta' penali, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz u tippreżenta r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

4. Il-multi u l-pagamenti perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 25g u 25h għandhom ikunu infurzabbli.

L-infurzar hu regolat mir-regoli ta' proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz fejn qed jitwettaq.

5. L-ammonti tal-multi u tal-pagamenti ta' penali perjodiċi għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 25k

Rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha jkollha ġurisdizzjoni mhux limitata li tirrieżamina d-deċiżjonijiet fejn l-AETS tkun imponiet multa jew pagament perjodiku ta' penali. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament perjodiku ta' penali impost.

L-Artikolu 25l

Emendi għall-Anness IV

Sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 dwar miżuri biex temenda l-Anness IV.

L-Artikolu 25m

L-irtirar tar-rikonoxximent

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25n, u soġġetta għall-paragrafi li ġejjin, l-AETS għandha tirtira rikonoxximent ta' deċiżjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 25 fejn is-CCP tkun ikkonċernata:

(a) ma tkunx għamlet użu tar-rikonoxximent fi żmien sitt (6) xhur, b'mod espress tirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma tkunx ipprovdiet servizzi ta' negozju għal aktar mis-sitt xhur preċedenti;

(b) tkun kisbet ir-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz irregolari ieħor;

(c) m'għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 25(2b);

(d) l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 25(6) ikun ġie irtirat jew sospiż, jew kwalunkwe kundizzjoni marbuta miegħu ma tkunx aktar issodisfata.

L-AETS tista' tillimita l-irtirar tar-rikonoxximent għal servizz partikolari, attività, jew klassi ta' strumenti finanzjarji.

Meta tiġi ddeterminata d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li jiġi rtirat ir-rikonoxximent, l-AETS għandha tagħmel ħilitha biex jiġi minimizzat ix-xkiel lis-suq

2. Meta l-AETS tqis li l-kriterju msemmi fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu hu ssodisfat f'dak li għandu x'jaqsam ma' CCP, l-AETS għandha tinforma lil dik is-CCP u l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiż terz qabel ma tirtira deċiżjoni ta' rikonoxximent, u titlob li tittieħed azzjoni xierqa fi żmien stabbilit sa massimu ta' tliet (3) xhur biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Fejn l-AETS tiddetermina li l-azzjoni korrettiva fil-perjodu ta' żmien stabbilit jew li l-azzjoni meħuda ma tkunx xierqa, hija għandha tirtira d-deċiżjoni tar-rikonoxximent.

3. L-AETS għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz ta' deċiżjoni li jiġi rtirat ir-rikonoxximent ta' CCP rikonoxxuta.

4. Kwalunkwe mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 25(3) li jikkunsidraw li waħda mill-kundizzjonijiet li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 ġiet issodisfata, hija tista' titlob lill-AETS teżamina jekk il-kundizzjonijiet għall-irtirar tar-rikonoxximent tas-CCP ikkonċernata ġewx issodisfati. Meta l-AETS tiddeċiedi li ma tirtirax ir-reġistrazzjoni tas-CCP ikkonċernata, hija se tipprovdi r-raġunijiet kollha lill-awtorità rikjedenti.

L-Artikolu 25n

Miżuri superviżorji

1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 25f(5), l-AETS issib li CCP ta' Grad 2 wettqet wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III, din għandha tieħu deċiżjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin li:

(a) tesiġi li s-CCP iġġib il-ksur fi tmiemu;

(b) timponi multi skont l-Artikolu 25g;

(c) toħroġ avviżi pubbliċi;

(d) tirtira r-rikonoxximent ta' CCP skont l-Artikolu 25m.

2. Meta tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-AETS tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-ksur;

(b) jekk il-ksur kixef dgħufijiet serji jew sistemiċi fil-proċeduri tas-CCP jew fis-sistemi tal-immaniġġar jew il-kontrolli interni tagħha;

(c) jekk ingħatax bidu għal reat finanzjarju, jekk ġiex iffaċilitat jew li b'xi mod huwa attribwibbli għall-ksur;

(d) jekk il-ksur twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza.

3. Mingħajr dewmien bla bżonn, l-AETS għandha tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1, lis-CCP ikkonċernata, u għandha tikkomunikaha lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz u lill-Kummissjoni. Għandha tiżvela pubblikament kull deċiżjoni bħal din fis-sit tal-web tagħha fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mill-adozzjoni tagħha.

Meta tagħmel pubblika d-deċiżjoni tagħha kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-AETS għandha wkoll tagħmel pubbliku d-dritt tas-CCP ikkonċernata li tappella d-deċiżjoni, il-fatt, fejn rilevanti, li tali appell ikun sar, waqt li tispeċifika li tali appell ma jkollux effett ta' sospensjoni, u l-fatt li huwa possibbli għall-Bord tal-Appell tal-AETS li jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'konformità mal-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

11. L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. CCP għandha regolarment tirrieżamina l-mudelli u l-parametri adottati biex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti tal-marġini tagħha, il-kontribuzzjonijiet tal-fond inadempjenti, ir-rekwiżiti tal-kollateral u l-mekkaniżmi oħra tal-kontroll tar-riskju. Hija għandha tissoġġetta l-mudelli għal testijiet tal-istress rigorużi u frekwenti biex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli u għandha twettaq ittestjar retrospettiv biex tivvaluta l-affidabilità tal-metodoloġija adottata. Is-CCP għandha tikseb validazzjoni indipendenti u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tagħha u lill-AETS bir-riżultati tat-testijiet imwettqa u għandha tikseb il-validazzjoni tagħhom mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-paragrafi (1a) qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikattiva fil-mudelli u l-parametri.

Il-mudelli u l-parametri adottati, inkluża kwalunkwe bidla sinifikanti għalihom, għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ f'konformità mal-paragrafi li ġejjin.

L-AETS għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet tal-istress tiġi mgħoddija lill-ESAs, lis-SEBĊ u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-esponiment tal-impriżi finanzjarji għall-inadempjenza tas-CCP."

(b) Ġew miżjuda l-paragrafi li ġejjin 1a, 1b, 1c, 1d, 1e u 1f:

"1a. Meta CCP jkollha l-intenzjoni li tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli u l-parametri msemmija fil-paragrafu 1, hi għandha tapplika mal-awtorità kompetenti għall-validazzjoni ta' dik il-bidla. Is-CCP għandha tinkludi validazzjoni indipendenti tal-bidla maħsuba għall-applikazzjoni tagħha.

1b. Fi żmien 30 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti, b'konsultazzjoni mal-AETS, għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tas-CCP u tissottometti rapport lill-kulleġġ stabbilit f'konformità mal-Artikolu 18.

1c. Fi żmien 15-il jum ta' xogħol minn meta jirċievi r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1b, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni ta' maġġoranza f'konformità mal-Artikolu 19(3).

1d. Fi żmien 60 jum ta' xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1a, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lis-CCP bil-miktub, bi spjegazzjoni motivata b'mod sħiħ dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx rifjutata.

1e. Is-CCP tista' ma tadottax kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli u l-parametri msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma tikseb il-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 5. L-awtorità kompetenti tas-CCP, bi ftehim mal-AETS, tista' tagħti lok għal adozzjoni proviżorja ta' bidla sinifikanti ta' dawk il-mudelli jew il-parametri qabel il-validazzjoni tagħha fejn debitament ġustifikat.

12. Fl-Artikolu 89, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. L-AETS ma għandhiex teżerċita s-setgħat tagħha skont il-paragrafu 2a, 2b u 2c tal-Artikolu 25 sa [*daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu*]

3b. L-AETS għandha tirrieżamina r-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 25(1) qabel [*id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] fi żmien 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(2a), f'konformità mal-Artikolu 25(5)."

13. It-testi stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament huma miżjuda bħala l-Annessi III u IV.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

**3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

| |
|---|
| Suq Intern - Swieq finanzjarji |

### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[55]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Tikkontribwixxi għal suq intern aktar profond u aktar ġust. |

*1.4.2. L-objettiv(i) speċifiku(speċifiċi)*

| |
|---|
| <u>L-objettiv speċifiku Nru</u><br><br>2.5 Il-qafas regolatorju finanzjarju jiġi evalwat, implimentat u infurzat kif suppost fl-UE kollha.<br><br>2.6 L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jassorbu t-telf u xokkijiet tal-likwidità, l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju huma stabbli u jiffunzjonaw b'mod effettiv, u riskji strutturali kif ukoll dawk ċikliċi makroprudenzjali jiġu indirizzati proattivament. |

[55] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) mistennija u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandha tħalli fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Superviżjoni msaħħa ta' CCP fil-livell tal-UE.

Aktar involviment tal-banek ċentrali fil-kwistjoni tas-superviżjoni tas-CCP.

Abbiltà mtejba tal-UE biex timmonitorja, tidentifika u timmitiga r-riskji tas-CCP tal-pajjiż terz.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

Indikaturi possibbli:

- L-għadd ta' CCPs li daħlu fl-irkupru jew ir-riżoluzzjoni;
- L-għadd ta' drabi li l-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim intuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
- L-għadd ta' verifiki fuq il-post ta' CCPs ta' pajjiżi terzi;
- L-għadd ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti;
- L-għadd ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza u/jew rikonoxximent minn CCPs ta' pajjiżi terzi;
- Kostijiet stmati għall-kontropartijiet tal-UE.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) f'terminu ta' żmien qasir jew twil*

Mill-adozzjoni tar-Regolament EMIR, il-volum tal-attività tas-CCP — fl-UE u globalment — kiber malajr ħafna mhux biss iżda wkoll fl-iskala u fl-ambitu. Din l-espansjoni fl-attività tas-CCP x'aktarx li tkompli fis-snin li ġejjin hekk kif fis-snin li ġejjin jiġu introdotti obbligi tal-ikklerjar ulterjuri u inċentivi biex jitnaqqsu r-riskji u l-kostijiet li jwasslu għal ikklerjar volontarju addizzjonali. Madankollu, l-għadd ta' CCPs baqa' relattivament limitat. Għaldaqstant, is-swieq tal-ikklerjar huma integrati mal-UE kollha kemm hi, u huma kkonċentrati ħafna f'ċerti klassijiet ta' assi. Dawn huma interkonnessi ħafna bejniethom.

Skont l-EMIR, is-CCPs tal-UE huma sorveljati minn kulleġġi ta' superviżuri nazzjonali, l-AETS, il-membri rilevanti tas-SEBĊ u awtoritajiet rilevanti oħra. Dawn l-arranġamenti qajmu bosta tħassib: Is-CCPs fi Stati Membri individwali qed isiru dejjem aktar rilevanti għas-sistema finanzjarja tal-UE kollha kemm hi; prattiki superviżorji diverġenti jistgħu joħolqu riskji ta' arbitraġġ regolatorju u superviżorju; u r-rwol tal-banek ċentrali mhuwiex rifless kif xieraq fil-kulleġġi tas-CCP. Is-CCP ta' pajjiżi terzi madankollu jeħilsu volum sinifikanti ta' strumenti denominati f'muniti tal-UE. Dan joħloq kwistjonijiet relatati ma': nuqqasijiet fis-sistema EMIR

ta' ekwivalenza u rikonoxximent f'dak li jirrigwarda s-superviżjoni kontinwa; nuqqas ta' allinjament potenzjali bejn l-objettivi superviżorji u ta' bank ċentrali; u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ kontinwu ta' regoli ta' pajjiżi terzi.

Il-proposta għandha tindirizza dawn l-isfidi.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effikaċja ikbar jew komplimentarjetajiet). Għall-fini ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fuq livell Ewropew (*ex-ante*):

L-EMIR jistipula l-qafas superviżorju li japplika kemm għas-CCPs stabbiliti fl-UE, kif ukoll dawk f'pajjiżi terzi li jipprovdu servizz tal-ikklerjar lil membri tal-ikklerjar jew ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-UE. Skont l-EMIR, l-Istat Membru ta' stabbiliment tas-CCP jaqdi rwol importanti fl-arranġamenti superviżorji. Madankollu, l-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali ma jistgħux isolvu unilateralment ir-riskji sistemiċi maħluqa minn CCPs integrati u interkonnessi ħafna, li joperaw fuq bażi transfruntiera lil hinn mill-ambitu tal-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jimmitigaw waħedhom ir-riskji li jinbtu minn prattiki superviżorji nazzjonali diverġenti. L-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jindirizzaw waħedhom ir-riskji sistemiċi li CCPs ta' pajjiżi terzi jistgħu joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE kollha kemm hi.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (*ex post*):

Il-proposta għandha ttejjeb il-koerenza u tkompli ssaħħaħ l-arranġamenti superviżorji għal CCPs stabbiliti fl-UE u se tippermetti lill-awtoritajiet tal-UE biex jiġu mmonitorjati aħjar u jittaffa r-riskju relatat mal-esponiment tal-UE għal CCPs ta' pajjiżi terzi. Dan se jgħin biex jonqos saħansitra aktar ir-riskju bi probabbiltà diġà baxxa (iżda b'impatt estremament għoli) ta' falliment ta' CCP u ssaħħaħ l-istabbiltà kumplessiva tas-sistema finanzjarja tal-UE kollha kemm hi. Il-qafas superviżorju msaħħaħ se jtejjeb iċ-ċertezza tad-dritt u ekonomika.

1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-proposta tislet tagħlimiet mill-esperjenza fil-passat mal-EMIR, notevolment fir-rigward tat-tħaddim tar-reġim superviżorju tal-UE għas-CCPs u l-qafas ta' ekwivalenza attwali għal CCPs ta' pajjiżi terzi, biex jiġu stabbiliti rekwiżiti fil-livelli xierqa fejn ikun meħtieġ. Ara t-Taqsima 1.5.1 għal aktar informazzjoni.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-objettivi tal-inizjattiva huma konsistenti ma' għadd ta' politiki u inizjattivi li għaddejjin tal-UE li għandhom l-għan li: (i) l-indirizzar tal-importanza sistemika tas-CCPs; (ii) l-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali; (iii) it-tisħiħ tal-effiċjenza u l-effettività tas-superviżjoni fil-livell tal-UE, kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha; u (iv) aktar promozzjoni tal-użu ta' kklerjar ċentrali.

L-ewwel nett, din l-inizjattiva hija konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni[56] għal Regolament dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tas-CCP adottata f'Novembru 2016. Dik il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-awtoritajiet tal-UE u nazzjonali jkunu mħejjija kif xieraq biex jindirizzaw CCP li qed tfalli, iżommu l-istabbiltà finanzjarja u jevitaw li l-kostijiet assoċjati mar-ristruttrar u r-riżoluzzjoni ta' CCPs li qed ifallu jġarrbuhom il-kontribwenti. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura li, fil-każ improbabbli li s-CCPs jiffaċċjaw diffikultajiet kbar jew falliment, il-funzjonijiet kritiċi tas-CCPs jiġu preservati filwaqt li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja u biex tgħin li jiġi evitat li l-kostijiet marbutin mar-ristrutturar u r-riżoluzzjoni ta' CCPs li qed ifallu jiġu mġarrba mill-kontribwenti. L-arranġamenti tal-ġestjoni tal-kriżijiet għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tas-CCPs inklużi f'dik il-proposta huma bbażati fuq l-eżistenza tal-arranġamenti tal-ogħla kwalità għall-prevenzjoni tal-kriżijiet (jiġifieri għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs) skont l-EMIR. Bit-tisħiħ ulterjuri tas-superviżjoni tas-CCPs taħt l-EMIR, il-probabbiltà, żgħira kemm hi żgħira, tal-bżonn ta' miżuri ta' rkupru u riżoluzzjoni għandu jonqos aktar.

It-tieni, hija konsistenti mal-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tkompli tiġi żviluppata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU"). Iktar konverġenza superviżorja tas-CCPs fil-livell tal-UE tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' swieq tal-kapital aktar fondi u aktar integrati, minħabba li CCPs aktar effiċjenti u reżiljenti huma elementi essenzjali biex l-Unjoni tas-Swieq Kapitali taħdem sew. L-urġenza għal aktar żvilupp u integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE ġiet enfasizzata fil-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ta' Settembru 2016[57]. Min-naħa l-oħra, la jitfaċċaw swieq finanzjarji ikbar u aktar likwidi li huma implikati mill-Unjoni tas-Swieq Kapitali, dan iwassal biex ikun hemm aktar tranżazzjonijiet li jiġu kklerjati permezz ta' CCPs, u b'hekk tiżdied ir-rilevanza sistemika tagħhom. Minħabba l-potenzjal għal volumi ikbar kif ukoll l-opportunitajiet preżenti għall-arbitraġġ regolatorju u superviżorju, jinħtieġ aktar titjib tal-qafas superviżorju biex tiġi żgurata Unjoni tas-Swieq Kapitali b'saħħitha u stabbli.

It-tielet, din il-proposta hija konsistenti mal-konsultazzjoni ta' Marzu 2017 imnedija mill-operat tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)[58], bil-ħsieb li jissaħħu u jitjiebu l-effettività u l-effiċjenza tal-ASE.

Ir-raba', hija konsistenti mal-esperjenzi tad-DĠ FISMA fl-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet dwar pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE, kif stipulat fid-Dokument ta' Ħidma ta' Persunal tagħha dwar l-ekwivalenza[59]. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal jagħti ħarsa fattwali tal-proċess ta' ekwivalenza

[56] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365.

[57] "L-Unjoni tas-Swieq Kapitali - Naċċelleraw ir-Riforma", 14.9.2016, COM(2016) 601 final, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/MT/1-2016-601-MT-F1-1.PDF

[58] "Public consultation on the operations of the European Supervisory Authorities", 21.03.2017, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/finance-consultations-2017-esas-operations_en

[59] "EU equivalence decisions in financial services policy: an assessment ", 27.02.2017, SWD(2017) 102 final, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/eu-equivalence-decisions-assessment-27022017_en.pdf

ma' pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji. Dan jippreżenta l-esperjenza tad-DĠ FISMA fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dispożizzjonijiet dwar il-pajjiżi terzi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE. Jippreżenta wkoll l-aspetti ewlenin tal-ekwivalenza (eż. l-eżerċizzju tal-awtonomizzazzjoni, il-valutazzjoni, u l-monitoraġġ *ex post*) u jipprovdi aktar ċarezza dwar kif dawn l-approċċi tad-DĠ FISMA jiġu indirizzati fil-prattika.

Il-ħames, din il-proposta hija konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni[60] għal emenda fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)[61] adottat f'Novembru 2016. Il-proposta tfittex li teskludi mill-kalkolu l-livelli limitu tal-proporzjon ta' ingranaġġ għall-marġnijiet inizjali fuq tranżazzjonijiet derivattivi kklerjati ċentralment riċevuti mill-membri tal-ikklerjar fi flus mill-klijenti tagħhom li jingħaddu lil CCPs. Din għalhekk se tiffaċilita l-aċċess għall-ikklerjar, minħabba li r-rekwiżiti kapitali biex jiġu offruti servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti jew indiretti se jonqsu, u b'hekk tkompli tissaħħaħ l-importanza tas-CCPs fis-sistema finanzjarja.

60 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-proporzjon ta' ingranaġġ, tal-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett, tar-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti, tar-riskju tas-suq, tal-iskoperturi għall-kontropartijiet ċentrali, tal-iskoperturi għall-impriżi ta' investiment kollettiv, tal-iskoperturi kbar, tar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' divulgazzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

61 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

### 1.6. Tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

☐Proposta/inizjattiva b'**tul taż-żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY

– ☐ Impatt finanzjarju minn YYYY sa YYYY

X Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[62]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lil korpi li jkunu nnominaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ il-korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☐ il-korpi rregolati bil-liġi privata li għandhom missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ il-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ persuni inkarigati biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

---

[62] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Kummenti

| Mhux applikabbli |
|---|

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

F'konformità mal-arranġamenti diġà eżistenti, l-AETS tħejji rapporti fuq bażi regolari dwar l-attività tagħha (inklużi r-rapportar intern lill-Maniġment Superjuri, ir-rapportar tal-Bord Maniġerjali, ir-rapportar dwar is-sitt xhur ta' attività lill-Bord tas-Superviżuri u l-produzzjoni tar-rapport annwali), u tiġi sottomessa għal awditi mill-Qorti tal-Awdituri u mis-Servizz tal-Awditu Intern dwar l-użu tar-riżorsi tagħha. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-azzjonijiet proposti preżentament se jikkonformaw mal-istess rekwiżiti eżistenti.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Fir-rigward tal-użu ġuridiku, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-proposta, huwa mistenni li l-proposta ma toħloqx riskji ġodda li ma jkunux attwalment koperti mill-qafas ta' kontroll intern eżistenti.

*2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern*

Is-sistemi ta' mmaniġġjar u ta' kontroll, kif previst fir-Regolament tal-AETS, diġà qed jiġu implimentati. L-AETS taħdem mill-qrib mas-Servizz tal-Awditu Intern tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-istandards adegwati jiġu milħuqa fl-oqsma kollha ta' kontroll intern. Dawn l-arranġamenti se japplikaw ukoll fir-rigward tar-rwol tal-AETS skont din il-proposta preżenti. Rapporti annwali tal-awditu intern jintbagħtu lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill.

*2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

Mhux applikabbli

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri eżistenti jew previsti ta' prevenzjoni u protezzjoni.*

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) japplikaw għall-AETS mingħajr l-ebda restrizzjoni.

L-AETS għandha taċċedi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew

Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tadotta minnufih dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-AETS.

Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, iwettqu verifiki fuq il-post fuq il-benefiċjarji ta' fondi żborzati mill-AETS kif ukoll fuq il-persunal responsabbli mill-allokazzjoni ta' dawn il-fondi.

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

<table>
<tr><th rowspan="2">Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</th><th>Linja baġitarja</th><th>Tip ta' nefqa</th><th colspan="4">Kontribuzzjoni</th></tr>
<tr><th>Numru<br>[…][Intestatura……………………………...……<br>………]</th><th>Diff./Mhux diff.[63].</th><th>minn pajjiżi tal-EFTA[64]</th><th>minn pajjiżi kandidati[65]</th><th>minn pajjiżi terzi</th><th>skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju</th></tr>
<tr><td>1a</td><td>12.02 06 AETS</td><td>Diff.</td><td>IVA</td><td>LE</td><td>LE</td><td>LE</td></tr>
</table>

63 Diff. = Approprjazzjonijiet Differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

64 L-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

65 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

Din l-inizjattiva leġiżlattiva se jkollha dawn l-impatti fuq l-infiq:

1. Ir-reklutaġġ ta' 47 aġent temporanju ġdid fl-AETS (sa minn Awwissu 2018). Ara l-Anness għal aktar informazzjoni dwar ir-rwol tagħha u l-modi kif ġie kkalkulat l-kost tagħha.

2. Il-kost ta' dawn l-aġenti temporanji ġodda se tkun iffinanzjata għal kollox minn pagamenti miġbura mill-industrija (l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE) Madankollu, jekk wieħed jassumi li l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-proposta li se sseħħ f'nofs l-2018, il-fatt li l-Kummissjoni se jkollha tħejji att delegat li jispeċifika t-tip ta' tariffi, il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-metodu li bih għandhom jitħallsu, mhux se jkun hemm ġbir ta' tariffi qabel nofs l-2019. Peress li l-AETS madankollu ġarrbet kostijiet taħt ir-Regolament mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, hemm il-ħtieġa li jinkiseb baġit addizzjonali mill-UE fl-2018 u l-2019 sabiex ikopri mill-inqas l-ewwel 12-il xahar ta' operat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

It-tariffi li għandhom jinġabru se jkopru wkoll il-kostijiet imġarrba mill-2018, li jippermetti lill-AETS biex trodd lura l-pagament bil-quddiem li sar mill-UE sa mhux aktar tard mill-2020.

Dan il-baġit addizzjonali jinħtieġ li jiġi mill-baġit ġenerali, minħabba li l-baġit tad-DĠ FISMA ma jistax ikopri għal tali ammont.

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | Intestatura 1a Il-Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi |
|---|---|---|

| DĠ: FISMA | | | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | |
| 12.02 06 | Impenji | (1) | 4 310 555 | 7 788 789 | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | 4 310 555 | 7 788 789 | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[66] | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** FISMA | Impenji | =1+1a +3 | 4 310 555 | 7 788 789 | | | | | |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 4 310 555 | 7 788 789 | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet Taħt l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

[66] L-għajnuna teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL tad-DĠ** <…....> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | |

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena **N**[67] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

[67] Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[68] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru Totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1[69]... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

[68] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[69] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(speċifiċi)..."

### *3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | Sena N [70] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Barra l-INTESTATURA 5[71] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà hu assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew intuża mill-ġdid fid-DĠ u, jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni bil-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

70 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

71 L-għajnuna teknika u/jew amministrattiva u n-nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta’ riżorsi umani.

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tingħata f’unitajiet ekwivalenti għall-full time*

| | | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Sen a **202 1** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Il-Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[72] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, ENS, INT mill-“pakkett globali”) | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy** [73] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - f’delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, ENS, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, ENS, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ikun ġie riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | MHUX APPLIKABBLI |
| Persunal estern | MHUX APPLIKABBLI |

72 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f’Delegazzjonijiet.

73 Sublimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu l-linji “BA”).

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– X Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi il-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>Hu meħtieġ programmar mill-ġdid tal-linja baġitarja tal-AETS 12.02.06. Għalkemm l-ammonti sħaħ previsti (ara l-Anness għad-dettalji) se jiġi kopert permezz ta' tariffi minn CCP tal-UE u ta' pajjiżi terzi, se jkun meħtieġ pagament bil-quddiem mill-baġit tal-UE biex tkopri l-kostijiet imġarrba matul tal-anqas l-ewwel 6 xhur ta' operat (jiġifieri l-baġit 2018) u għal massimu tal-ewwel 12-il xahar ta' tħaddim.<br><br>Wara l-adozzjoni tal-proposta, il-Kummissjoni se tkun mitluba li tadotta att delegat li jispeċifika fid-dettall il-metodoloġija għall-kalkolu u l-ġbir ta' tariffi fuq is-CCP tal-UE u ta' pajjiżi terzi. Dan imbagħad se jinħtieġ l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill u pubblikazzjoni fil-ġurnal uffiċjali qabel ma jistgħu jibdew jiġu miġbura t-tariffi. Madankollu, dawn il-kostijiet għandhom jiġu rkuprati maż-żmien. |

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Sena **2021** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament*:* | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tħalli l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Il-linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | L-impatt tal-proposta/l-inizjattiva[74] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja(i) baġitarju(i) tan-nefqa affettwati.

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

74 Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet ta' ġbir.

Anness għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għal Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi.

Il-kostijiet relatati mal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-AETS ġew stmati għan-nefqa fuq il-persunal, b'konformità mal-klassifikazzjoni tal-kostijiet fl-abbozz tal-baġit tal-AETS għall-2018. Dawn l-istimi jistgħu madankollu jinħtieġu li jiġu rieżaminati jekk il-finanzjament tal-ASE kellhom jinbidlu fi proposta tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-ASE.

*Kompiti addizzjonali*

Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi dispożizzjonijiet li jagħtu kompiti ġodda jew estiżi għall-AETS. L-ewwel nett, l-AETS se tkun meħtieġa li tieħu firxa usa' ta' kompiti superviżorji fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. Għal CCPs ta' Grad 1, dan ikun ifisser segwitu aktar intensiv dwar il-proċess ta' rikonoxximent, li potenzjalment jinkludi spezzjonijiet fuq il-post u l-laqgħat diretti mas-CCPs. Għal CCPs ta' Grad 2 dan jimplika superviżjoni *de facto* ta' CCPs ta' pajjiżi terzi. Bħala tali, l-AETS tkun tinħtieġ ir-riżorsi meħtieġa biex teżerċita tali attività superviżorja. It-tieni, il-persunal għas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCP li għadha kif ġiet stabbilita se jkun ffinanzjat mil-linja baġitarja tal-AETS, b'mod partikolari membri permanenti tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. It-tielet, l-AETS se jkollha l-kompiti addizzjonali tagħha stess biex tappoġġa l-ħidma tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs li għadha kif ġiet stabbilita li se joħolqu aktar konverġenza fil-prattiki superviżorji madwar l-UE. Fl-aħħar nett, il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-AETS tiżviluppa parir tekniku għat-tħejjija ta' diversi atti delegati tal-Kummissjoni li għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' natura teknika ħafna jiġu implimentati b'mod konsistenti madwar l-UE kollha. Ma jistax jiġi eskluż li, taħt is-setgħat eżistenti fl-EMIR, emendi għall-Istandards Tekniċi Regolatorji jew l-Istandards Tekniċi ta' Implimentazzjoni eżistenti jistgħu jiġu proposti sabiex jiġu riflessi l-bidliet f'din il-proposta (pereż. RTS eżistenti dwar il-kulleġġi). Barra minn hekk, hemm ċans li l-AETS jkollha bżonn tinnegozja mill-ġdid l-arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi.

Is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs se tkun komposta minn ħames (5) membri permanenti. Il-kompiti ewlenin tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCP se jkunu r-rieżami u l-approvazzjoni (jew le skont kif ikun il-każ) ta' deċiżjonijiet superviżorji tal-NCAs f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti rekwiżiti skont l-EMIR, b'mod partikolari awtorizzazzjoni ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni, rekwiżiti prudenzjali ta' kontropartijiet ċentrali u arranġamenti ta' interoperabilità. Dan se jeħtieġ analiżi esperta u fehim tad-deċiżjonijiet li qed jiġu ppreżentati lis-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs għar-riflessjoni, valutazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji ta' din id-deċiżjoni kif ukoll il-koordinazzjoni meħtieġa u djalogu mal-Bank Ċentrali ta' Ħruġ u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari dawk fil-kulleġġ EMIR eżistenti.

Rigward it-twaqqit, ġie supponut li r-Regolament se jidħol fis-seħħ f'nofs l-2018. Ir-riżorsi addizzjonali tal-AETS huma għalhekk meħtieġa biss minn nofs l-2018 'il quddiem. F'dak li jirrigwarda n-natura tal-pożizzjonijiet, it-tlestija b'suċċess u f'waqtha ta' stabbiliment ta' Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs u l-implimentazzjoni ta' qafas superviżorju ġdid għall-UE u CCP ta' pajjiż terz se tkun teħtieġ riżorsi addizzjonali li għandhom jiġu allokati għal kompiti fuq is-superviżjoni tas-CCP, li jikkonsistu fi, iżda ma għandhomx ikunu limitati għal: kuntatt ta' kuljum (laqgħat fiżiċi, telefonati ta' konferenza, eċċ) ma' timijiet ta' maniġment tas-CCP, ta' konformità, legali, tal-IT, tal-ġestjoni tar-riskju, finanzjarji, kummerċjali u tal-

operazzjonijiet; mudelli tal-valutazzjoni tar-riskju, ġabra tar-regoli u proċeduri tas-CCP, ħatriet tal-bord eżekuttiv u ta' persunal eżekuttiv, servizzi esternalizzati, estensjoni ta' attivitajiet u servizzi, soluzzjonijiet tal-IT, adegwatezza kapitali, l-azzjonisti/l-istruttura azzjonarja tas-CCP u arranġamenti ta' interoperabbiltà; rieżami ta' awditjar intern; valutazzjoni komprensiva tar-riskju; ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet u l-ġestjoni tal-kriżijiet. Il-persunal se jkun mitlub li jwettaq il-kompiti li ġejjin: analiżi tar-riskju u mmudellar analiżi legali u sostenn; laqgħat bilaterali u multilaterali mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari CCP u ċentri tan-negozjar kif ukoll ir-regolaturi u s-superviżuri oħra, kemm f'kuntest nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, b'hekk jinħtieġu vjaġġi frekwenti. Għal CCP ta' pajjiżi terzi, il-persunal se jkun mitlub iwettaq kompiti ġodda, inkluż il-monitoraġġ ta' konformità kontinwa ta' CCP ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti ma' rekwiżiti EMIR, permezz ta' talbiet għal informazzjoni, kwestjonarji u spezzjonijiet fuq il-post. L-AETS se tkun meħtieġa wkoll biex tiddetermina jekk applikant u CCP ta' pajjiż terz rikonoxxuti humiex sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE u tal-Istati Membri. Għal CCPs ta' pajjiżi terzi meqjusa bħala sistemikament importanti (CCP ta' Grad 2), l-AETS se tinħtieġ li tissorvelja l-konformità tagħhom ma' rekwiżiti addizzjonali. Fl-aħħar nett, l-AETS se jkollha bżonn tiżviluppa għodod biex tivvaluta l-konformità komparabbli. Dan se jinvolvi għadd sostanzjali ta' skambji ta' informazzjoni kemm ma' awtoritajiet u s-CCP ta' pajjiżi terzi, u l-ipproċessar ta' ammont sostanzjali ta' data, miġbura permezz ta' kwestjonarji u analizzati mill-persunal tal-AETS. Kollox ma' kollox, il-ħidma tirrikjedi wkoll laqgħat bilaterali u multilaterali ma' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari CCPs u regolaturi/superviżuri oħra, it-twaqqif u t-tmexxija tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCP magħmula minn superviżuri mill-Istati Membri; negozjar ta' memoranda internazzjonali ta' ftehimiet ta' qbil/ta' kooperazzjoni; l-għoti ta' analiżi teknika u l-abbozzar ta' dokumenti għas-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. (jiġifieri spezzjonijiet fuq il-post, mudelli ta' analiżi ta' riskju, eċċ.).

Il-ħidma meħtieġa hija relatata mill-qrib u se tibni fuq il-ħidma eżistenti mill-AETS skont l-EMIR fir-rigward tar-rikonoxximent ta' CCP ta' pajjiżi terzi u r-rwol attwali tal-AETS fis-superviżjoni ta' CCPs tal-UE permezz ta' kulleġġi. S'issa, kien hemm 28 CCP ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti u 17-il CCP tal-UE ġew awtorizzati taħt EMIR. 12-il CCP oħra ta' pajjiżi terzi talbu r-rikonoxximent iżda għadha ma ngħatatx hija minħabba l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma adottatx deċiżjoni ta' ekwivalenza għall-ġurisdizzjonijiet tagħhom.

*Riżorsi umani*

Jekk wieħed jassumi li s-CCP ta' pajjiżi terzi kollha li qed jitolbu rikonoxximent jiġu eventwalment rikonoxxuti, dan ikun ifisser li <u>madwar 40 CCP ta' pajjiż terz taħt il-kompetenza tal-AETS</u> – sew indirettament permezz ta' skambju ta' monitoraġġ u informazzjoni (jiġifieri *CCP ta' Grad 1* mhux sistemikament importanti) jew permezz ta' superviżjoni iktar diretta tas-CCP ta'*Grad 2* li jippreżentaw riskji potenzjalment aktar sinifikanti. Minħabba l-impatt potenzjalment negattiv li s-CCP jippreżentaw kemm għall-istabbiltà finanzjarja u kemm indirettament fl-ekonomija reali, huwa essenzjali li jkun hemm biżżejjed riżorsi ddedikati għal dawn il-kompiti.

Għalhekk, jekk tqis l-għadd ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li jridu jiġu sorveljati indirettament jew direttament, it-tip u l-kumplessità tal-kompiti li jridu jitwettqu mill-AETS għas-CCP ta' Grad 1 u 2 rispettivament, l-għadd ta' ekwivalenti ta' ingaġġ full-time huwa stmat għal madwar 45. Minħabba n-natura speċjalizzata u l-għarfien tax-xogħol, u l-isfidi potenzjali fir-reklutaġġ malajr ta' persunal b'esperjenza, huwa preżunt li fil-bidu, aktar esperti nazzjonali se jkunu

meħtieġa biex iwettqu l-kompiti meħtieġa. Hekk kif l-għadd ta' persunal jiżdied u jakkwista esperjenza, l-għadd ta' esperti nazzjonali meħtieġa għandu jonqos b'mod korrispondenti.

Għadd ta' persunal ewlieni se jkun meħtieġ sabiex jistabbilixxu u jagħmlu operattiva is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs. Ladarba tiġi stabbilita u tkun funzjonanti, u flimkien ma' persunal eżistenti tal-AETS li jittrattaw max-xogħol ta' kuljum ta' kulleġġi EMIR, eċċ. l-għadd ta' persunal ġdid għandu jonqos.

Fl-aħħar nett, għall-AETS għadd ta' ASTs se jintalbu biex jamministraw is-Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs kif ukoll biex jiġu involuti fir-reklutaġġ tal-persunal neċessarju.

| **Persunal AETS** | **2018** | **2019** | **2020** |
|---|---|---|---|
| **ADs** | **20** | **27** | **36** |
| CCPs ta' pajjiżi terzi | 25 | 35 | 35 |
| CCPs tal-UE | 10 | 5 | 5 |
| **ENDs** | **10** | **12** | **13** |
| CCPs ta' pajjiżi terzi | 15 | 10 | 10 |
| CCPs tal-UE | 0 | 0 | 0 |
| **ASTs** | **0** | **1** | **2** |
| **TOTAL TA' PERSUNAL** | **30** | **40** | **49** |

Minbarra l-persunal addizzjonali meħtieġ mill-AETS, huma meħtieġa tliet membri permanenti (President, flimkien ma' żewġ (2) membri permanenti addizzjonali) tas-Sessjoni Eżekuttiva tal-UE. Huma se jiġu wkoll mħallsa mill-baġit tal-AETS. Dawk il-membri għandhom ikollhom esperjenza u remunerazzjoni xierqa għal-livell tagħhom.

Se jkun hemm ukoll kostijiet inevitabbli relatati mar-reklutaġġ ta' dan il-persunal addizzjonali (vjaġġi, lukandi, eżamijiet mediċi, stallazzjoni u allowances oħrajn, kostijiet tal-ġarr, eċċ) stmati għal EUR 12,700.

Is-suppożizzjonijiet fil-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal:

- Il-karigi addizzjonali huma preżunti li se jkunu aġenti temporanji tal-grupp funzjonali u tal-grad AD7.
- Il-kostijiet annwali medji għas-salarji għall-kategoriji differenti ta' persunal huma bbażati fuq il-gwida tad-DĠ BUDG;
- Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni tas-salarji għal Pariġi huwa ta' 1,138.

*Riżorsi oħra meħtieġa*

Iż-żieda sostanzjali prevista għall-persunal tal-AETS se jkollha konsegwenzi inevitabbli għall-arranġamenti infrastrutturali tal-AETS.

L-ewwel nett, dawn se jkollhom jakkwistaw spazju addizzjonali għall-uffiċċji. Dan jista' jsir billi jew jespandu l-ispazju għall-uffiċċji eżistenti jew bil-kisba ta' bini ġdid. Il-kost għall-

ispazju addizzjonali għall-uffiċċji huwa stmat għal EUR 1,057 miljun fis-sena bħala kera u EUR 600 000 għal tagħmir u kostijiet tas-sigurtà.

It-tieni nett, il-kompitu ewlieni joriġina mis-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fl-UE. Huwa probabbli li għaldaqstant se jkun hemm ħtieġa għal numru ta' missjonijiet lejn pajjiżi terzi u fl-UE, kif ukoll għadd ta' laqgħat. Il-kostijiet tal-missjonijiet huma stmati għal EUR 12 000 kull xahar għal 20 membru tal-persunal, jew EUR 240 000 fis-sena.

It-tielet, se jiġġarbu għadd ta' kostijiet mixxellanji, pereżempju, persunal ġdid se jirrikjedi ċertu livell ta' taħriġ u riżorsi addizzjonali jistgħu jintalbu biex jiġu żviluppati għodod tal-IT ġodda jew l-espansjoni ta' proġetti eżistenti tal-IT.

Dħul

Il-proposta tipprevedi wkoll li l-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-AETS prinċipalment se jkunu koperti minn tariffi miġbura minn CCPs. Il-kostijiet relatati mar-rikonoxximent u s-superviżjoni kontinwa ta' CCPs ta' pajjiżi terzi ser jirriflettu jekk humiex ikkunsidrati bħala grad 1 jew grad 2 tas-CCP u għandhom ikunu proporzjonati mal-kostijiet effettivi tal-AETS.

| | Kalkolu | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| **Nefqa tal-persunal AETS** | | 20 TAs + 10 ENDs | 28 TAs + 12 ENDs | 36 TAs + 13 ENDs | |
| Salarji u allowances | | | | | |
| TAs (ADs u ASTs) | = (30x138 000)x1.138 in 2018 | 1,570,440 | 4,397,232 | 5,653,584 | 11,621,256 |
| ENDs | = (15x78 000)x1.139 in 2018 | 443,820 | 1,065,168 | 1,153,932 | 2,662,920 |
| Nefqa relatata mar-reklutaġġ | = 30x12 700 | 38,100 | 127,000 | 114,300 | 622,300 |
| Kostijiet ta' Missjonijiet | = 20 x 12 x 1 000 | 120,000 | 240,000 | 240,000 | 600,000 |
| | | | | | |
| **Sessjoni Eżekuttiva tas-CCPs** | | | | | |
| Salarji u allowances | =(21 990x12)x1.138 + 2x(21 323x12)x1.138 | 441,335 | 882,669 | 882,669 | 2,206,673 |
| | | | | | |
| Kostijiet ta' Missjonijiet | =3x12x2 500 | 45,000 | 90,000 | 90,000 | 225,000 |
| Nefqa relatata mar-reklutaġġ | =3x12 700 | 38,100 | | | 38,100 |
| Kostijiet ta' kiri | =1554m²x680 | 528,360 | 1,056,720 | 1,056,720 | 2,641,800 |
| Kostijiet għall-iffittjar | Stima ta' EUR 600K | 600,000 | | | 600,000 |
| Kostijiet oħra (taħriġ, għodod tal-IT, eċċ...) | stima ta' EUR 2 500 għall-1 sena — EUR 1000 wara pp | 142,500 | 57,000 | 57,000 | 256,500 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | **4,310,555** | **7,915,789** | **9,248,205** | **21,474,549** |

| **DĦUL** | | **2018** | **2019** | **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Tariffi tas-CCPs | = 25 AD + 15 ENDs fl-2018 u 35 AD + 10 ENDs wara + Sorveljanza tas-Sessjoni Eżekuttiva + kostijiet relatati | **4,310,555** | **7,915,789** | **9,248,205** | **21,474,549** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | **4,310,555** | **7,915,789** | **9,248,205** | **21,474,549** |